- (6) Għaldaqstant, jixraq li s-sukkategorija tal-ikel 17.3 titħassar u li t-titoli tas-subkategorija tal-ikel 17.1 u 17.2 jinbidlu għal "Supplimenti tal-ikel ipprovduti fghamla solida, minbarra s-supplimenti tal-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar" u "Supplimenti tal-ikel ipprovduti fghamla likwidha, minbarra s-supplimenti tal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar", rispettivament. Dan jirrifletti aħjar liema prodotti huma koperti/inklużi f'kull waħda mis-subkategoriji tal-ikel. Minħabba t-tnejħħija tas-subkategorija tal-ikel 17.3, l-entrati tal-addittivi tal-ikel li kienu inklużi f'dik is-subkategorija tal-ikel jenħtieġ jiġu trasferiti lis-subkategorija tal-ikel 17.1 jew 17.2 sabiex ikun żgurat li jkun hemm it-trasparenza u ċ-ċertezza legali dwar l-użu tal-addittivi tal-ikel f'dawk it-tipi ta' ikel. Għal raġunijiet ta' ċarezza u infurzar, jenħtieġ ukoll li t-titoli tal-kategorija tal-ikel 17 jiġi emendat għal "Supplimenti tal-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE".

(¹) ĠUL 354, 31.12.2008, p. 16.

(²) ĠUL 354, 31.12.2008, p. 1.

(³) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġiġiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠUL 183, 12.7.2002, p. 51).

- (7) Mid-diskussionijiet mal-Istati Membri ġareġ ukoll li jenħtieġ li jiġi ċċarat jekk il-livell massimu (tal-użu) għall-addittivi tal-ikel fil-kategorija tal-ikel 17 jaapplikax għall-ikel kif ikkummercializzat jew għall-ikel lest biex jiġi kkunsmat. Għalhekk, jenħtieġ li tīgi inkluża taqsima introduttora li tagħmel referenza għal-ċerti addittivi tal-ikel awtorizzati f'dik il-kategorija tal-ikel. Dan huwa konformi mal-entrati preċedenti ta' dawk l-addittivi tal-ikel fid-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/35/KE (¹), 94/36/KE (²) u 95/2/KE (³).
- (8) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Awtoritāt Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel ("l-Awtoritāt") sabiex taġġorna l-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel stipulata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, ħliet meta dak l-aġġornament ma jkunx suxxettibbli li jkollu effett fuq saħħet il-bniedem. Billi l-lista tal-Unjoni qed tīgi emendata sabiex tipprovd kjarifika dwar l-użi awtorizzati attwali tal-addittivi, din tikkostitwixxi aġġornament ta' dik il-lista li mhux suxxettibbli li jkollu effett fuq saħħet il-bniedem. Għaldaqstant, m'hemm x bżonn tintalab l-opinjoni tal-Awtoritāt.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jiġi emendat skont dan.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

(¹) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/35/KE tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar is-sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti tal-ikel (ĠU L 237, 10.9.1994, p. 3).

(²) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/36/KE tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar il-kuluri għall-użu fl-ikel (ĠU L 237, 10.9.1994, p. 13).

(³) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/2/KE tal-20 ta' Frar 1995 dwar l-addittivi tal-ikel għajr kuluri u sostanzi li jagħtu ħlewwa (ĠU L 61, 18.3.1995, p. 1).

ANNESS

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fil-Parti D, l-entrati tal-kategorija tal-ikel 17. "Supplimenti tal-ikel kif definit fid-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill minbarra supplimenti tal-ikel għal trabi u tfal żgħar" jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

| | |
|-------------|--|
| "17. | Supplimenti tal-ikel kif definit fid-Direttiva 2002/46/KE |
| 17.1 | Supplimenti tal-ikel ipprovduti f'għamla solida, minbarra s-supplimenti tal-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar |
| 17.2 | Supplimenti tal-ikel ipprovduti f'għamla likwida, minbarra s-supplimenti tal-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar" |

- (2) Il-Parti E hija emendata kif ġej:

- (a) l-entrata tal-kategorija tal-ikel 17. "Supplimenti tal-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE minbarra supplimenti tal-ikel għal trabi u tfal żgħar" tiġi sostitwita kif ġej:

| | |
|-------------|--|
| "17. | Supplimenti tal-ikel kif definit fid-Direttiva 2002/46/KE |
| | PARTI INTRODUTTORJA, TAPPLIKA GĦAS-SUBKATEGORJI KOLLHA |
| | Il-livelli massimi tal-użu indikati għall-kuluri, il-poljoli, is-sustanzi li jagħtu l-ħlewwa, u E 200-213, E 338-452, E 405, E 416, E 426, E 432-436, E 459, E 468, E 473-475, E 491-495, E 551-553, E 901-904, E 961, E 1201-1204, E 1505 u E 1521 jirreferu għas-supplimenti tal-ikel lesti għall-konsum ippreparati skont l-istruzzjonijiet għall-użu pprovduti mill-manifattur. Il-fattur tad-dilwizzjoni għal dawk is-supplimenti tal-ikel li għandhom jiġu dilwiti jew maħlula għandu jingħata flimkien mal-istruzzjonijiet tal-użu." |

- (b) l-entrata għas-subkategorija 17.1 hija emendata kif ġej:

- (i) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | |
|-------|---|
| “17.1 | Supplimenti tal-ikel ipprovduti f'għamla solida, minbarra s-supplimenti tal-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar” |
|-------|---|

- (ii) l-entrati kollha fi huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin, imdaħħla bl-ordni numerika tagħhom:

| | | | | |
|-----------|-----------------------------------|----------------------|------|---|
| “Grupp I | Addittivi | | | E 410, E 412, E 415,E 417 u E425 ma jistgħux jintużaw biex jiproduċu supplimenti tal-ikel deidrat i-maħsuba biex jirreidrataw meta jittiekklu |
| Grupp II | Kuluri fi <i>quantum satis</i> | <i>quantum satis</i> | | Perjodu ta' applikazzjoni: sal-31 ta' Lulju 2014 |
| Grupp II | Kuluri fi <i>quantum satis</i> | <i>quantum satis</i> | (69) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Awwissu 2014 |
| Grupp III | Kuluri b'limitu massimu kkombinat | 300 | | Perjodu ta' applikazzjoni: sal-31 ta' Lulju 2014 |
| Grupp III | Kuluri b'limitu massimu kkombinat | 300 | (69) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Awwissu 2014 |

| | | | | | |
|--|-----------|---|----------------------|----------|---|
| | Grupp IV | Polijoli | <i>quantum satis</i> | | |
| | E 104 | Isfar Kinolina | 35 | (61) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Lulju 2014 |
| | E 104 | Isfar Kinolina | 35 | (61)(69) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Awwissu 2014 ħlief għas-supplimenti tal-ikel f'għamla li tintmagħad |
| | E 104 | Isfar Kinolina | 10 | (61) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Lulju 2014 |
| | E 104 | Isfar Kinolina | 10 | (61)(69) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Awwissu 2014 is-supplimenti tal-ikel f'għamla li tintmagħad biss |
| | E 110 | Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S | 10 | (61) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Lulju 2014 |
| | E 110 | Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S | 10 | (61)(69) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Awwissu 2014 |
| | E 124 | Ponceau 4R, Koċīneal Āħmar A | 35 | (61) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Lulju 2014 |
| | E 124 | Ponceau 4R, Koċīneal Āħmar A | 35 | (61)(69) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Awwissu 2014 ħlief għas-supplimenti tal-ikel f'għamla li tintmagħad |
| | E 124 | Ponceau 4R, Koċīneal Āħmar A | 10 | (61) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Lulju 2014 |
| | E 124 | Ponceau 4R, Koċīneal Āħmar A | 10 | (61)(69) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Awwissu 2014 is-supplimenti tal-ikel f'għamla li tintmagħad biss |
| | E 160d | Likopen | 30 | | |
| | E 200-213 | Aċidu sorbiku — sorbati; Aċidu benžoju — benżoati | 1 000 | (1) (2) | biss is-supplimenti tal-ikel f'għamla niexfa u li fihom preparazzjoni jiet tal-vitamina A u kombinazzjoni jiet tal-vitamini A u D, ħlief f'għamla li tintmagħad |
| | E 310-321 | Gallat tal-propil, TBHQ, BHA u BHT | 400 | (1) | |
| | E 338-452 | Aċidu fosforiku — fosfati — difosfati, trifosfati u polifosfati | <i>quantum satis</i> | | |
| | E 392 | Estratti tal-klin | 400 | (46) | |
| | E 405 | Propan-1, 2-diol alġinat | 1 000 | | |

| | | | | | |
|--|-----------|---|----------------------|------|--|
| | E 416 | Gomma tal-Karaya | <i>quantum satis</i> | | |
| | E 426 | Emiċelluloża tas-sojja | 1 500 | | |
| | E 432-436 | Polisorbati | <i>quantum satis</i> | | |
| | E 459 | Beta-ċiklodestrin | <i>quantum satis</i> | | supplimenti tal-ikel fforma ta' pillola jew pillola miksija biss |
| | E 468 | Karbossimetilċelluloża tas-sodju retikolata | 30 000 | | ħlief għas-supplimenti tal-ikel f'għamla li tintmagħad |
| | E 473-474 | Esteri tas-sukrożju tal-aċidi xaħmin - sukrogliċeridi | <i>quantum satis</i> | (1) | |
| | E 475 | Esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin | <i>quantum satis</i> | | |
| | E 491-495 | Esteri tas-sorbitan | <i>quantum satis</i> | (1) | |
| | E 551-559 | Diossidu tas-siliċju — silikati | <i>quantum satis</i> | | Perjodu ta' applikazzjoni: sal-31 ta' Jannar 2014 |
| | E 551-553 | Diossidu tas-siliċju — silikati | <i>quantum satis</i> | | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Frar 2014 |
| | E 900 | Dimetilpolisilossan | 10 | (91) | supplimenti tal-ikel fforma ta' pillola li tħeffex biss |
| | E 901 | Xama' tan-naħal, bajda u safra | <i>quantum satis</i> | | |
| | E 902 | Xama' tal-kandelilla | <i>quantum satis</i> | | |
| | E 903 | Xama' tal-Karnawba | 200 | | |
| | E 904 | Xellak | <i>quantum satis</i> | | |
| | E 950 | Aċesulfam K | 500 | | |
| | E 950 | Aċesulfam K | 2 000 | | is-supplimenti tal-ikel f'għamla li tintmagħad biss |
| | E 951 | Aspartam | 2 000 | | |
| | E 951 | Aspartam | 5 500 | | is-supplimenti tal-ikel f'għamla li tintmagħad biss |
| | E 952 | Aċidu ċiklamiku u l-imluħa Na u Ca tiegħu | 500 | (51) | |
| | E 952 | Aċidu ċiklamiku u l-imluħa Na u Ca tiegħu | 1 250 | (51) | is-supplimenti tal-ikel f'għamla li tintmagħad biss |

| | | | | | |
|--|--------|--|---------------|--------------------|---|
| | E 954 | Zakkarina u l-imluħa Na, K u Ca tagħha | 500 | (52) | |
| | E 954 | Zakkarina u l-imluħa Na, K u Ca tagħha | 1 200 | (52) | is-supplimenti tal-ikel fghamla li tintmagħad biss |
| | E 955 | Sukralożju | 800 | | |
| | E 955 | Sukralożju | 2 400 | | is-supplimenti tal-ikel fghamla li tintmagħad biss |
| | E 957 | Tawmatina | 400 | | is-supplimenti tal-ikel fghamla li tintmagħad biss |
| | E 959 | Neoesperidina DC | 100 | | |
| | E 959 | Neoesperidina DC | 400 | | is-supplimenti tal-ikel fghamla li tintmagħad biss |
| | E 960 | Glikosidi tal-istevjol | 670 | (60) | |
| | E 960 | Glikosidi tal-istevjol | 1 800 | (60) | is-supplimenti tal-ikel fghamla li tintmagħad biss |
| | E 961 | Neotam | 60 | | |
| | E 961 | Neotam | 185 | | is-supplimenti tal-ikel fghamla li tintmagħad biss |
| | E 961 | Neotam | 2 | | biss bħala sustanza li ttejjeb l-aroma, ħlief għal supplimenti tal-ikel fghamla li tintmagħad |
| | E 961 | Neotam | 2 | | biss vitamini u/jew supplimenti tal-ikel bbażati fuq il-minerali fghamla li tintmagħad, bħala sustanza li ttejjeb l-aroma |
| | E 962 | Melħ tal-aspartam-aċesulfam | 500 | (11)a (49) (50) | |
| | E 962 | Melħ tal-aspartam-aċesulfam | 2 000 | (11)a (49) (50) | is-supplimenti tal-ikel fghamla li tintmagħad biss |
| | E 969 | Advantame | 20 | | |
| | E 969 | Advantame | 55 | | is-supplimenti tal-ikel fghamla li tintmagħad biss |
| | E 1201 | Polivinilpirrolidon | quantum satis | | supplimenti tal-ikel fforma ta' pillola jew pillola miksija biss |
| | E 1202 | Polivinilpolipirrolidon | quantum satis | | supplimenti tal-ikel fforma ta' pillola jew pillola miksija biss |
| | E 1203 | Alkoħol tal-polivinil (PVA) | 18 000 | | supplimenti tal-ikel fforma ta' kapsula jew pillola biss |

| | | | | | |
|--|--------|---|----------------------|--|---|
| | E 1204 | Pullulan | <i>quantum satis</i> | | supplimenti tal-ikel fforma ta' kapsula jew pillola biss |
| | E 1205 | Koplimer metakrilat bażiku | 100 000 | | ħlief għas-supplimenti tal-ikel f'għamla li tintmagħad |
| | E 1206 | Koplimeru tal-metakrilat newtrali | 200 000 | | ħlief għas-supplimenti tal-ikel f'għamla li tintmagħad |
| | E 1207 | Koplimeru tal-metakrilat anjoniku | 100 000 | | ħlief għas-supplimenti tal-ikel f'għamla li tintmagħad |
| | E 1208 | Kopolimeru ta' aċetat ta' vinil polivinilpirrolidon | 100 000 | | ħlief għas-supplimenti tal-ikel f'għamla li tintmagħad |
| | E 1209 | Kopolimeru ttrapjantat tal-alkoħol polivinil u l-glikol tal-polietilene | 100 000 | | ħlief għas-supplimenti tal-ikel f'għamla li tintmagħad |
| | E 1505 | Ċitrat tat-trietil | 3 500 | | supplimenti tal-ikel fforma ta' kapsula jew pillola biss |
| | E 1521 | Glikol tal-polietilene | 10 000 | | supplimenti tal-ikel fforma ta' kapsula jew pillola biss" |

(c) I-entrata għas-subkategorija 17.2 hija emendata kif ġej:

(i) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | |
|-------|--|
| "17.2 | Supplimenti tal-ikel ipprovduti f'għamla likwida, minbarra s-supplimenti tal-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar" |
|-------|--|

(ii) I-entrati kollha fih huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin, imdaħħla bl-ordni numerika tagħhom:

| | | | | |
|-----------|-----------------------------------|----------------------|----------|--|
| "Grupp I | Addittivi | | | |
| Grupp II | Kuluri fi <i>quantum satis</i> | <i>quantum satis</i> | | |
| Grupp II | Kuluri fi <i>quantum satis</i> | <i>quantum satis</i> | | Perjodu ta' applikazzjoni: sal-31 ta' Lulju 2014 |
| Grupp II | Kuluri fi <i>quantum satis</i> | <i>quantum satis</i> | (69) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Awwissu 2014 is-supplimenti tal-ikel f'għamla ta' ġulepp biss |
| Grupp III | Kuluri b'limitu massimu kkombinat | 100 | | |
| Grupp IV | Polijoli | <i>quantum satis</i> | | |
| E 104 | Isfar Kinolina | 10 | (61) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Lulju 2014 |
| E 104 | Isfar Kinolina | 10 | (61)(69) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Awwissu 2014 |

| | | | | | |
|--|-----------|--|----------------------|----------|---|
| | E 110 | Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġo S | 10 | (61) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Lulju 2014 |
| | E 110 | Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġo S | 10 | (61)(69) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Awwissu 2014 |
| | E 124 | Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A | 10 | (61) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Lulju 2014 |
| | E 124 | Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A | 10 | (61)(69) | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Awwissu 2014 |
| | E 160d | Likopen | 30 | | |
| | E 200-213 | Aċidu sorbiku - sorbati; Aċidu benžoju - benżoati | 2 000 | (1) (2) | ħlief għas-supplimenti tal-ikel f'għamla ta' ġulepp |
| | E 310-321 | Gallat tal-propil, TBHQ, BHA u BHT | 400 | (1) | |
| | E 338-452 | Aċidu fosforiku — fosfati — difosfati — trifosfati u polifosfati | <i>quantum satis</i> | | |
| | E 392 | Estratti tal-klin | 400 | (46) | |
| | E 405 | Propan-1, 2-diol alġinat | 1 000 | | |
| | E 416 | Gomma tal-Karaya | <i>quantum satis</i> | | |
| | E 426 | Emiċelluloża tas-sojja | 1 500 | | |
| | E 432-436 | Polisorbati | <i>quantum satis</i> | | |
| | E 473-474 | Esteri tas-sukrożju tal-aċidi xaħmin - sukrogliċeridi | <i>quantum satis</i> | (1) | |
| | E 475 | Esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin | <i>quantum satis</i> | | |
| | E 491-495 | Esteri tas-sorbitan | <i>quantum satis</i> | (1) | |
| | E 551-559 | Diossidu tas-siliċju — silikati | <i>quantum satis</i> | | Perjodu ta' applikazzjoni: sal-31 ta' Jannar 2014 |
| | E 551-553 | Diossidu tas-siliċju — silikati | <i>quantum satis</i> | | Perjodu ta' applikazzjoni: mill-1 ta' Frar 2014 |
| | E 950 | Aċesulfam K | 350 | | |
| | E 950 | Aċesulfam K | 2 000 | | is-supplimenti tal-ikel f'għamla ta' ġulepp biss |
| | E 951 | Aspartam | 600 | | |

| | | | | | |
|--|-------|---|-------|--------------------|--|
| | E 951 | Aspartam | 5 500 | | is-supplimenti tal-ikel fghamla ta' ġulepp biss |
| | E 952 | Aċidu ċiklamiku u l-imluħa Na u Ca tiegħu | 400 | (51) | |
| | E 952 | Aċidu ċiklamiku u l-imluħa Na u Ca tiegħu | 1 250 | (51) | is-supplimenti tal-ikel fghamla ta' ġulepp biss |
| | E 954 | Zakkarina u l-imluħa Na, K u Ca tagħha | 80 | (52) | |
| | E 954 | Zakkarina u l-imluħa Na, K u Ca tagħha | 1 200 | (52) | is-supplimenti tal-ikel fghamla ta' ġulepp biss |
| | E 955 | Sukralożju | 240 | | |
| | E 955 | Sukralożju | 2 400 | | is-supplimenti tal-ikel fghamla ta' ġulepp biss |
| | E 957 | Tawmatina | 400 | | is-supplimenti tal-ikel fghamla ta' ġulepp biss |
| | E 959 | Neoesperidina DC | 50 | | |
| | E 959 | Neoesperidina DC | 400 | | is-supplimenti tal-ikel fghamla ta' ġulepp biss |
| | E 960 | Glikosidi tal-istevjol | 200 | (60) | |
| | E 960 | Glikosidi tal-istevjol | 1 800 | (60) | is-supplimenti tal-ikel fghamla ta' ġulepp biss |
| | E 961 | Neotam | 20 | | |
| | E 961 | Neotam | 185 | | is-supplimenti tal-ikel fghamla ta' ġulepp biss |
| | E 961 | Neotam | 2 | | biss bħala sustanza li ttejjeb l-aroma, ħlief għal supplimenti tal-ikel fghamla ta' ġulepp |
| | E 961 | Neotam | 2 | | biss vitamini u/jew supplimenti tal-ikel bbażati fuq il-minerali fghamla ta' ġulepp, bħala sustanza li ttejjeb l-aroma |
| | E 962 | Melħ tal-aspartam-aċesulfam | 350 | (11)a (49) (50) | |
| | E 962 | Melħ tal-aspartam-aċesulfam | 2 000 | (11)a (49) (50) | is-supplimenti tal-ikel fghamla ta' ġulepp biss |
| | E 969 | Advantame | 6 | | |
| | E 969 | Advantame | 55 | | is-supplimenti tal-ikel fghamla ta' ġulepp biss" |

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1498

tal-21 ta' Diċembru 2017

dwar 1-Għajnuna mill-Istat u dwar il-miżuri SA.38613 (2016/C) (ex 2015/NN) implementati mill-Italja għal Ilva S.p.A. f'Amministratore Straordinaria

(notifikata bid-dokument C(2017) 8391)

(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħi

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħi,

Wara li talbet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni ċċitata hawn fuq, (¹) u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

- (1) Wara li tressqu żewġ ilmenti formali fil-11 u fl-14 ta' April 2014 minn kompetituri (li jixtiequ li l-identitajiet tagħhom ma jiġux żvelati), il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni preliminari rigward allegati miżuri ta' sostenn favur l-ajjenda Taljana li tipproduċi l-azzar Ilva S.p.A. f'Amministratore Straordinaria ("Ilva"). Wirtschaftsvereinigung Stahl (il-Federazzjoni Ġermaniża tal-Azzar —, "WV Stahl") u Eurofer (l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar) ukoll ippreżentaw ilmenti formali fl-10 ta' April 2015 u fl-24 ta' Ġunju 2015, rispettivament. Dawn l-ilmentaturi ġew appoġġjati fil-25 ta' Ġunju 2015 mill-British Steel Association.
- (2) Permezz ta' ittra ddatata l-20 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni infurmat lill-Italja li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'l-quddiem "TFUE") fir-rigward ta' erba' miżuri ta' sostenn mogħtija lill-Ilva. Permezz ta' ittra tat-13 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni infurmat lill-Italja dwar l-estensjoni ta' din il-proċedura għall-ħames miżura ta' sostenn.
- (3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali (minn issa 'l-quddiem, "id-Deċiżjoni tal-Ftuħ") u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li testendi din il-proċedura għal ħames miżura (minn hawn 'l-quddiem id-Deċiżjoni tal-Estensjoni") ġew ippublikati f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (²). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar il-miżuri.
- (4) L-Italja resqet kummenti dwar id-Deċiżjonijiet tal-Ftuħ u tal-Estensjoni permezz ta' ittri tat-3 ta' Marzu u tas-26 ta' Lulju 2016.
- (5) Il-Kummissjoni rċeviet ukoll kummenti mingħand il-partijiet interessati. Għaddiethom lill-Italja, li ngħatat l-opportunità li tirreagħixxi. Il-kummenti waslu permezz tal-ittra bid-data tad-29 ta' Lulju 2016.
- (6) Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-Italja permezz ta' ittri ddatati l-24 ta' Frar 2016, l-4 ta' Mejju 2016, it-30 ta' Settembru 2016, l-1 ta' Frar 2017 u t-8 ta' Settembru 2017. L-Italja wieġbet dawn it-talbiet għal informazzjoni, rispettivament, fl-10 ta' Marzu 2016, fit-13 ta' Mejju 2016, fit-8 ta' Novembru 2016, fl-10 ta' Marzu 2017 u fis-16 ta' Ottubru 2017.
- (7) Wara li għiet infurmata bid-deċiżjoni tal-Italja li toffri l-assi ta' Ilva għall-bejgħ, il-Kummissjoni talbet lill-Italja biex taħħar trustee ta' monitoraġġ indipendenti, li kellu r-rwol li jirrapporta għand il-Kummissjoni dwar l-organizzazzjoni u l-implementazzjoni tal-proċess tal-bejgħ. It-trustee tal-monitoraġġ bagħat rapporti lill-Kummissjoni fil-15 ta' Ġunju 2016, fit-3 ta' Ottubru 2016, fit-13 u fl-14 ta' Diċembru 2016, fl-1 ta' Frar 2017, fit-22 ta' Frar 2017 u fit-30 ta' Ġunju 2017 u bagħat ir-rapport finali tiegħi dwar il-proċess tal-bejgħ fl-20 ta' Lulju 2017. L-awtoritajiet Taljani infurmaw ukoll lill-Kummissjoni bir-riżultat tal-proċess tas-sejħiet għall-offerti b'ittra tas-7 ta' Ġunju 2017 u ppreżentaw aktar informazzjoni dwar il-proċess tal-bejgħ fl-24 ta' Lulju 2017.

(¹) ĠU C 142, 22.4.2016, p. 37 u ĠU C 241, 1.7.2016, p. 12.

(²) Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

2. DESKRIZZJONI

2.1. Il-benefiċċjarju

- (8) L-impriża Ilva hija waħda mill-akbar produzzjoni tal-azzar fl-Ewropa, u topera fil-produzzjoni, l-iproċċessar u l-bejgħ ta' prodotti tal-azzar tal-karbonju, *inter alia* billi timmaniġġja stabbilimenti industrijali ta' interessa strateġiku nazzjonali kif iddefinit fl-Artikolu 1 tad-Digriet Amministrattiv Nru 207 tat-3 ta' Diċembru 2012, mibdul, b'emendi, permezz tal-Liġi Nru 231 tal-24 ta' Diċembru 2012 ("Digriet Amministrattiv Nru 207/2012"). Ilha fis-sjeda tal-familja Riva mill-1996 u qabel kienet taħt il-kontroll tal-Istat Taljan permezz tal-Istituto per la Ricostruzione Industriale ("IRI"). Sal-2016, Ilva kienet qed timpjega b'kolloks madwar 14 000 persuna, li madwar 11 000 impjegat minnhom kienu jaħdmu fis-sit tal-produzzjoni prinċipali tagħha f'Taranto (Reġjun tal-Puglia). Ilva għandha wkoll unitajiet ta' produzzjoni oħra jen il-Italja u siti kummerċjali fi Franzia, fit-Tunezja u fil-Greċċa.
- (9) Ilva tipproducி prodotti tal-azzar tal-karbonju inklużi fil-lista ta' prodotti, li jiddefinixxu s-settur tal-azzar kif imniżżla fl-Anness IV tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat reġjonali għall-2014-2020, il-punti (a) sa (e) (⁹).
- (10) B'kapaċità ta' produzzjoni annwali ta' [...] (*) tunnellata, l-impjant ta' Ilva f'Taranto jirrappreżenta madwar 9,8 % tal-kapaċità totali tal-produzzjoni tal-azzar tal-karbonju fl-Unjoni (⁹). Taħt l-amministrazzjoni straordinarja attwali u l-limitazzjonijiet ambjentali, Ilva ilha taħdem fi [...] tal-kapaċità nominali tagħha (tliet fran operattivi minn ħamsa). Ipproduċiet 5,8 miljun tunnellata ta' azzar tal-karbonju fl-2016 (⁹), li jammontaw għal madwar 65 % tal-produzzjoni tal-azzar tal-karbonju fl-Italja u madwar 7 % ta' dik tal-Unjoni. Ilva tbigħ primarjament fl-Italja [...], imbagħad fpajjiżi Ewropej oħra [...] u f'pajjiżi terzi (⁹).
- (11) Iż-żona ta' Taranto fejn Ilva topera s-sit prinċipali tal-produzzjoni tagħha hija mniġġsa ħafna. It-testijiet li saru wrew tniġġis qawwi tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilmiġiet tal-wiċċ u tal-pjan kemm fis-sit ta' Ilva kif ukoll f'żoni abitati qrib il-belt ta' Taranto, b'konseguenzi serji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent (⁹). Ilva kif ukoll l-azzjonisti ewlenin u l-ġestjoni preċedenti tagħha ġew akkużati fl-Italja b'allegati diż-zaġġi ambjentali (⁹). Ilva hija wkoll is-suġġett ewljeni ta' proċedura ta' ksur miftuħa mill-Kummissjoni kontra l-Italja (⁹). Wara żewġ ittri ta' avviż formal (⁹), fis-16 ta' Ottubru 2014 il-Kummissjoni bagħtiet l-opinjoni motivata tagħha ("l-Opinjoni Motivata") lill-Italja għal ksur tad-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁹) u tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁹), li stabbilixxa regoli għall-Istati Membri fl-għoti ta' permessi ambjentali għal installazzjonijiet industrijali.
- (12) Fil-qalba ta' din il-kwistjoni ambjentali, il-ġestjoni preċedenti ta' Ilva kellha titneħħa mit-tmexxija tal-kumpanija u ġiet sostitwita f'Għunju 2013 minn Kummissarju Straordinarju maħturi mill-gvern (⁹). Il-mandat tal-Kummissarju Straordinarju kien li jiggarrantixxi t-tkompliha tal-attività industrijali filwaqt li juża r-riżorsi tal-kumpanija biex ikopri l-ispejjeż għall-ħsara fuq is-saħħa u fuq l-ambjent ikkawżati minn ksur preċedenti tal-permess ambjentali ta' Ilva. F'dan il-kuntest, fl-14 ta' Marzu 2014 il-Kunsill tal-Ministri approva "Pjan Ambjentali" maħsub biex jippreveni t-tniġġis u biex jaġġorna l-impjant f'konformità mal-permess ambjentali (⁹). Skont dan il-pjan, fl-2014 l-ispiża totali tal-investimenti meħtieġa biex l-impjant ta' Taranto jsir konformi mal-ħtiġijiet tal-permess ambjentali kienet EUR [...].
- (13) Meta qies is-sitwazzjoni finanzjarja dejjem aktar fraġli ta' Ilva, fil-5 ta' Jannar 2015 il-Gvern Taljan adotta d-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015, li permezz tiegħu introduċa proċedura *ad hoc* ta' insolvenza għal Ilva. Din il-proċedura *ad hoc* ġiet immudellata fuq l-hekk imsejħa li ġi Marzano, li hija liġi speċjali tal-insolvenza li torganizza l-amministrazzjoni straordinarja ta' impiżi kbar f'diffikultà li jkunu fdati b'servizzi pubbliċi essenzjali. B'rīżultat

(⁹) ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1.

(*) [...] informazzjoni kunfidenzjali

(⁹) Stimi tal-kapaċità tal-produzzjoni minn Ilva u Eurofer.

(⁹) Skont il-preżentazzjoni mogħtija mill-Kummissarji Straordinarji ta' Ilva lill-Kamra tad-Deputati Taljana fl-10 ta' Jannar 2017: <http://www.gruppoilva.com/it/media/media/comunicazioni-dei-commissari>.

(⁹) Skont id-data interna ta' Ilva għas-sena 2015.

(⁹) Ara http://europa.eu/rapid/press-release_IP-14-1151_en.htm

(⁹) Proċediment kriminali Nru 938/2010 R.G.

(⁹) Proċedura ta'ksur Nru 2013/2177.

(⁹) F'Settembru 2013 u f'April 2014.

(¹¹) Id-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis (ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8).

(¹²) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

(¹³) Abbażi d-Digriet Amministrattiv Nru 61/2013 tal-4 ta' Ġunju 2013, mibdul f'Liqi Nru 89 tat-3 ta' Awissu 2013. Il-Liqi Nru 89/2013 ġiet emendata ulterjorment fl-10 ta' Diċembru 2013 mill-Artikolu 7 tad-Digriet Amministrattiv Nru 136/2013, mibdul f'Liqi Nru 6 fis-6 ta' Frar 2014.

(¹⁴) Ara l-Ġurnal Uffiċċjali Nru 105 tat-8 ta' Mejju 2014, disponibbli fuq: <http://www.gazzettaufficiale.it/eli/id/2014/05/08/14A03637/s/>

ta' dan, il-Qorti ta' Milan iddikjarat lil Ilva impriża insolventi fit-30 ta' Jannar 2015⁽¹⁵⁾. Id-dejn totali indikat fid-dikjarazzjoni tal-insolvenza kien EUR 2,9 biljun. Il-Gvern ħatar tliet Kummissarji Straordinarji għall-ġestjoni tal-kumpanija. Id-Digriet Ammistrattiv Nru 1/2015 ġie mibdul f'Liġi Nru 20/2015 fit-3 ta' Marzu 2015, b'emendi⁽¹⁶⁾.

- (14) Fl-4 ta' Diċembru 2015, l-awtoritajiet Taljani infurmaw lill-Kummissjoni bl-adozzjoni fl-istess jum tad-Digriet Ammistrattiv Nru 191/2015 intitolat "Disposizioni urġenti per la cessione a terzi dei complessi aziendali del Gruppo Ilva". Id-Digriet Ammistrattiv ġie mibdul f'Liġi Nru 13/2016 fl-1 ta' Frar 2016, b'emendi⁽¹⁷⁾. L-Artikolu 1 tad-Digriet Ammistrattiv jipprevedi l-bejgħ tal-assi ta' Ilva permezz ta' proċedura pubblika trasparenti u mhux diskriminatorja sat-30 ta' Ġunju 2016 biex tiġi żgurata d-diskontinwità mal-kumpanija preċedenti. Fil-5 ta' Jannar 2016, il-Kummissarji Straordinarji ta' Ilva ppubblikaw sejħa għal espressjonijiet ta' interessa fir-rigward tat-trasferiment tan-negożi li kienu fis-sjeda ta' Ilva u ta' kumpaniji oħra tal-istess grupp. Ġew aċċettati 25 parti interessata għall-fażi preliminary ta' diliġenzo dovuta, u wara ġew iffirmati konsorzi ta' akkwist biex jiġu ppreżentati l-offerti formali sat-30 ta' Ġunju 2016. Fit-30 ta' Ġunju 2016, ġew aċċettati żewġ offerenti għall-fażi finali tal-proċess tal-offerta: (i) konsorzu mmexxi mill-kumpanija globali tal-azzar ArcelorMittal, flimkien mal-produttur tal-azzar Taljan Marcegaglia u l-bank Intesa Sanpaolo bħala membri ("il-Konsorzu AM") u (ii) 'l-hekk imsejjaħ il-Konsorzu Acciaitalia ("il-Konsorzu Acciaitalia") ffurmat, *inter alia*, mill-produttur tal-azzar Taljan Arvedi, il-kumpanija tal-azzar Indjana Jindal Steel u l-bank ta' investimenti tal-Istat Cassa Depositi e Prestiti ("CDP").
- (15) Il-proċess tal-bejgħ iltaqa' ma' xi dewmien. Fl-aħħar, fis-26 ta' Mejju 2017, il-Kummissarji ta' Ilva rrakkmandaw li l-assi ta' Ilva jiġu aggħidukati lill-Konsorzu AM, li offra l-prezz ta' EUR 1,8 biljun⁽¹⁸⁾. Din ir-rakkmandazzjoni kienet segwita mill-Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku, li ġareġ id-digriet tal-aġġudikazzjoni finali favur il-Konsorzu AM fil-5 ta' Ġunju 2017⁽¹⁹⁾. L-ġeluq tat-tranżazzjoni għad jonqsu l-awtorizzazzjoni tal-konċentratazzjoni mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, fil-21 ta' Settembru 2017, il-Konsorzu AM innotifika t-tranżazzjoni lill-Kummissjoni, li fit-8 ta' Novembru 2017 iddeċidiet li tiftaħ investigazzjoni fil-fond⁽²⁰⁾.

2.2. Il-miżuri taħt valutazzjoni

- (16) L-awtoritajiet Taljani adottaw u emendaw diversi miżuri biex jagħtu sostenn lil Ilva. Din id-Deċiżjoni tirrigwarda l-ħames miżuri li kienu soġġetti għad-Deċiżjonijiet tal-Ftuħ u tal-Estensjoni:
- (a) miżura 1: it-trasferiment tal-assi maqbuda matul il-proċess kriminali kontra s-sidien preċedenti ta' Ilva
 - (b) miżura 2: il-liġi dwar is-self prededuċibbli kif applikata għal self privat ta' EUR 250 miljun
 - (c) miżura 3: il-garanzija tal-Istat fuq self ta' EUR 400 miljun
 - (d) miżura 4: il-ftehim ta' soluzzjoni ma' Fintecna
 - (e) miżura 5: is-self mill-Istat ta' EUR 300 miljun

2.2.1. Miżura 1: it-trasferiment tal-assi maqbuda matul il-proċess kriminali kontra s-sidien preċedenti ta' Ilva

- (17) Uħud mill-membri tal-familja Riva li qabel kienu involuti fil-ġestjoni ta' Ilva ġew akkużati quddiem il-qrati Taljani b'diversi reati relatati ma' frodi. F'Mejju 2013, l-imħallef nazzjonali ffriża (*sequestro preventivo*) EUR [...] f'assli likwidati fis-sjeda tal-familja Riva ("l-assi Riva"), li kellhom proċessi kriminali pendenti kontrihom.

⁽¹⁵⁾ http://www.gruppoilva.com/sites/ilvacorp/files/document_attachments/acq_res.pdf

⁽¹⁶⁾ It-test tad-Digriet Ammistrattiv, kif mibdul flīgi, jinsab hawnhekk: <http://www.normattiva.it/uri-res/N2Ls?urn:nir:stato:decreto.legge:2015-01-05;1!vig=1>

⁽¹⁷⁾ It-test tad-Digriet Ammistrattiv, kif mibdul flīgi, jinsab hawnhekk: <http://www.normattiva.it/uri-res/N2Ls?urn:nir:stato:decreto.legge:2015-12-04;191!vig=1>

⁽¹⁸⁾ <http://www.gruppoilva.com/it/press-release/2017-05-26/comunicato-stampa>

⁽¹⁹⁾ <http://www.sviluppoeconomico.gov.it/index.php/it/194-comunicati-stampa/2036649-calenda-firma-il-decreto-di-aggiudicazione-del-complesso-industriale-del-gruppo-ilva-ad-am-investco-italy>

⁽²⁰⁾ http://europa.eu/rapid/press-release_IP-17-4485_en.htm

- (18) Skont il-liġi proċedurali kriminali ġeneralni fl-Italja, l-assi li jiġu kkonfiskati fil-kuntest ta' proċessi kriminali għandhom jiġu ttrasferiti lill-hekk imsejjaħ Fond tal-Ġustizzja (*Fondo Unico di Giustizia*) — fond tal-Ministeru għall-Ġustizzja Taljan li għandu r-rwol ta' "kustodju" (*custode ex lege*) sakemm jintemmu l-proċessi kriminali u li huwa ġestit minn Equitalia Giustizia S.p.A. ("Equitalia")⁽²¹⁾. Skont il-mandat tal-investiment ta' Equitalia, l-assi likwidhi miżmuma mill-*Fondo Unico di Giustizia* jistgħu jiġu ddepożitati biss fkontijiet kurrenti li juru livelli adegwati ta' solidità u ta' affidabbiltà, jew inkella jiġu investiti f'bonds tal-Istat Taljan⁽²²⁾. Matul il-proċessi tal-qorti, l-ammonti kkonfiskati jibqgħu jappartienu lis-sidien oriġinali, li madankollu ma jistgħux jiddisponu minnhom.
- (19) Fil-każ tal-assi Riva, l-Artikolu 3, il-paragrafu 1 tad-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015 introduċa dispożizzjoni *ad hoc*, li permezz tagħha dawn l-assi setgħu jiġu ttrasferiti lil Ilva qabel it-tmiem tal-proċessi kriminali⁽²³⁾. Skont din id-dispożizzjoni, it-trasferiment kellyu jsir skont termini u kondizzjonijiet spċifici. Ilva l-ewwel kellha toħrogħ bonds li jammontaw għall-valur tal-assi Riva. Il-*Fondo Unico di Giustizia* mbagħad kellyu juża l-assi Riva taħt il-kustodja tiegħi biex jissottoskrivi għal dawn il-bonds. B'rīzultat ta' dan, il-bonds ta' Ilva mbagħad jissostitwixxu lill-assi Riva fil-kontijiet tal-*Fondo Unico di Giustizia* bħala kollateral fil-kuntest tal-proċessi kriminali pendent. L-istess Digriet Amministrattiv spċificika li l-flus li jaslu għand Ilva wara dan it-trasferiment kellhom jiġu allokat i-għall-implementazzjoni tal-Pjan Ambjentali tiegħi.
- (20) Fil-11 ta' Mejju 2015, permezz ta' digriet ġudizzjarju (*Decreto di Trasferimento*), l-imħallef nazzjonali ordna t-trasferiment tal-assi Riva. Madankollu, it-trasferiment għall-*Fondo Unico di Giustizia* ma setax isir minħabba li l-assi Riva kienu miżmuma mill-familja Riva f'kontijiet bankarji li jinsabu barra l-Italja⁽²⁴⁾, u l-qrat barranin li għandhom ġurisdizzjoni fuq dawn il-kontijiet baqgħu jirrifjutaw b'mod konsistenti li jittrasferixxu l-assi lejn l-Italja⁽²⁵⁾.
- (21) Is-sitwazzjoni ż-blokkat ruħha meta f'Diċembru 2016, il-familja Riva u Ilva laħqu ftehim ta' soluzzjoni li permezz tiegħi l-membri involuti tal-familja Riva taw il-kunsens tagħhom biex l-assi Riva miżmuma minnhom fil-kontijiet bankarji barranin isiru definittivam disponibbli għal Ilva fil-forma legali prevista mill-Artikolu 3, paragrafu 1 tad-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015. [...]. Skont l-awtoritajiet Taljani, il-pretenzjonijiet tad-danni ta' Ilva kontra l-familja Riva setgħu jilħqu madwar EUR [...]. Minbarra l-EUR 1,1 biljun li kienu l-oġġett tal-konfiska u allokat mil-liġi għall-Pjan Ambjentali, il-familja Riva qablet ukoll li tagħmel disponibbli lil Ilva ammont ulterjuri ta' EUR 145 miljun biex isostnu l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha. B'rīzultat ta' dan il-ftehim ta' soluzzjoni, l-assi Riva ġew ripatrijati lejn l-Italja⁽²⁶⁾ u ttrasferiti lill-*Fondo Unico di Giustizia*, li fit-13 u fit-22 ta' Ġunju 2017 b'kollo issottoskrivew EUR [...] f'bonds ġodda maħruġa minn Ilva.

2.2.2. Mīzura 2: il-ligi dwar is-self predeċucibbi

- (22) Skont l-istampa, f'Mejju 2014 Ilva kienet qed taffaċċja diffikultajiet biex tħallas is-salarji u lill-fornituri⁽²⁷⁾. L-istampa rrappurtat li l-banek dehru jesprimu ċerta riluttanza biex jagħtu kwalunkwe self tranżitorju biex jitkoprew il-ħtiġijiet tal-likwidità tal-kumpanija⁽²⁸⁾. Jidher ukoll li matul l-2014, l-awtoritajiet Taljani (b'mod partikolari permezz tal-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku u l-awtoritajiet reġjonali tal-Puglia) kienu kompletament involuti fil-laqgħat u fid-diskussionijiet ma' istituzzjonijiet finanzjarji rigward l-għoti ta' tali self⁽²⁹⁾.

⁽²¹⁾ Skont l-Artikolu 2, il-paragrafu 4 tad-Digriet Amministrattiv Nru 143/2008.

⁽²²⁾ F'dan ir-riġward, ara http://www.giustizia.it/giustizia/it/mg_2_9_1.wp

⁽²³⁾ Il-bażi ġuridika ġiet stabbilta għall-ewwel darba fl-Artikolu 1, il-paragrafu 11 quinques tad-Digriet Amministrattiv Nru 61/2013, li ġie emendat f'Diċembru 2013, f'Awwissu 2014 u finalment f'Marzu 2015.

⁽²⁴⁾ [...]

⁽²⁵⁾ Ara <http://www.ilsole24ore.com/art/notizie/2015-11-24/ilva-giudici-svizzeri-no-rientro-italia-12-miliardi-riva-171441.shtml> u http://www.repubblica.it/economia/finanza/2015/11/24/news/ilva_annullato_il_sequestro_da_un_miliardo_in_svizzera-128062132/

⁽²⁶⁾ Ara <http://www.ilsole24ore.com/art/impresa-e-territori/2017-05-24/ilva-firmata-transazione-il-rientro-fondi-svizzeri-131344.shtml>

⁽²⁷⁾ Ara <http://www.ilsole24ore.com/art/impresa-e-territori/2014-05-12/ilva-taranto-stipendi-salvi-ma-resta-crisi-finanziaria-123429.shtml?uuid=ABUGlaHB>.

⁽²⁸⁾ Ara http://www.ilsole24ore.com/art/impresa-e-territori/2014-07-03/ilva-aggrappata-prestito-ponte-063934_PRV.shtml?uuid=ABpE6DXB&fromSearch.

⁽²⁹⁾ Ara "L'incontro di ieri a Palazzo Chigi tra rappresentanti degli istituti di credito e Governo – il sottosegretario alla presidenza, Graziano Del Rio, il ministro e il vice ministro dello Sviluppo economico, rispettivamente Federica Guidi e Claudio De Vincenti – non ha portato i segnali che l'azienda attende in modo da attenuare la propria crisi finanziaria" kif irrapportata minn <http://www.ilsole24ore.com/art/notizie/2014-05-14/ilva-nessuna-concessione-un-prestito-ponte-132300.shtml?uuid=ABPqs9HB>: Ara wkoll l-artiklu minn Mejju 2014: <http://www.ilsole24ore.com/art/impresa-e-territori/2014-05-12/ilva-taranto-stipendi-salvi-ma-resta-crisi-finanziaria-123429.shtml?uuid=ABUGlaHB>: "L'Ilva ha avanzato la richiesta ed ha avviato la trattativa con le banche che viene seguita anche dal Governo".

- (23) Fil-11 ta' Awwissu 2014, l-Italja emendat l-Artikolu 12, il-paragrafu 5 tad-Digriet Amministrattiv Nru 101/2013 biex is-self mogħti lill-impriżi ta' interessa nazzjonali strateġiku mqiegħdin taħt amministrazzjoni straordinarja għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' rimedju ambjentali u tas-sahħha jiġu kkwalifikati b'mod eċċezzjonal bħala prededuċċibbli ⁽³⁰⁾. Is-self prededuċċibbli jingħata privileġġ ta' rukpru minn qabel fil-massa tal-likwidazzjoni ta' impriża insolventi, bi priorità fuq self u obbligazzjonijiet oħrajn minn kredituri tal-impriża. Is-sitwazzjoni ta' Ilva kkorrispondiet mad-definizzjoni stabbilità fil-liġi u, għaldaqstant, is-self lil Ilva seta' minn dak il-punt 'l quddiem ikun ikkwalifikat bħala prededuċċibbli ⁽³¹⁾.
- (24) Xahar wara din l-emenda fil-Liġi, fil-11 ta' Settembru 2014, tliet banek privati qablu li jagħtu self ta' EUR 250 miljun lil Ilva ⁽³²⁾. Fl-iskadenza tiegħu fit-28 ta' Frar 2015, Ilva naqset milli tirrimborża s-self.

2.2.3. Mīzura 3: il-garanzija tal-Istat fuq self ta' EUR 400 miljun

- (25) L-Artikolu 3, il-paragrafu 1ter tad-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015 ippermetta li Ilva tinnegozja ma' banek interessa self prededuċċibbli ta' EUR 400 miljun assigurat minn garanzija tal-Istat. Is-self kellu jintuża għall-implimentazzjoni tal-Pjan Ambjentali ta' Ilva ⁽³³⁾.
- (26) Permezz ta' Digriet, fit-30 ta' April 2015 il-Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi ħareġ il-garanzija tal-Istat bi primjum ta' 3,12 % fis-sena.
- (27) Wara l-ħruġ tal-garanzija tal-Istat, fis-27 ta' Mejju 2015, tliet istituzzjonijiet finanzjarji qablu li jagħtu self ta' EUR 400 miljun lil Ilva, imqassma kif ġej: EUR 330 miljun minn CDP, EUR 50 miljun minn Intesa Sanpaolo u EUR 20 miljun minn Banco Popolare. Intesa Sanpaolo u Banco Popolare huma l-istess żewġ banek privati li kienu involuti fil-miżura 2.
- (28) Is-self ta' EUR 400 miljun inħareġ f'erba' pagamenti suċċessivi ta' EUR 100 miljun, rispettivament fl-10 ta' Ġunju, fid-9 ta' Ottubru, fl-10 ta' Diċembru u fit-28 ta' Diċembru 2015. Is-self kellu imgħax annwali Euribor ta' 6 xhur + [...] pagabbli kull semestru u għandu jiġi rimborżat [...] wara l-iżbors b'perjodu ta' grazzja inizjali [...].

2.2.4. Mīzura 4: il-ftehim ta' soluzzjoni mal-Fintecna

- (29) Matul il-privatizzazzjoni ta' Ilva fl-1995, l-IRI li huwa tal-Istat qabel skont l-Artikolu 17.7 tal-kuntratt tal-privatizzazzjoni biex jiggarrantixxi pretensionijiet futuri għall-ħsara ambjentali li kienet saret qabel il-privatizzazzjoni sa LIT [...], flimkien mal-interessi (jiġifieri madwar EUR [...] u EUR [...], eskuži l-interessi, jew EUR [...], inklużi l-interessi, fil-31 ta' Diċembru 2014). Il-kuntratt tal-privatizzazzjoni stabbilixxa l-iskadenza finali għall-kwantifazzjoni ta' din il-ħsara ambjentali fil-31 ta' Diċembru 1996. Fis-16 ta' April 1996, l-IRI nieda proċedura ta' arbitraġġ rigward il-prezz tal-beigh. Din il-proċedura għiet konkluża fl-2000 mingħajr ma ġiet solvuta t-tilwima dwar ir-responsabbiltà għad-dannu ambjentali. Fis-6 ta' Mejju 1996, Ilva bdiet proċedura ta' arbitraġġ parallela dwar ir-responsabbiltà ambjentali, li madankollu ma ġietx konkluża.
- (30) Fl-2002, il-Fintecna tal-Istat saret is-suċċessur legali tal-IRI. Mill-2012 'l hawn, Fintecna hija 100 % proprietà ta' CDP, li hija 100 % proprietà tal-Istat. Ir-rendikonti finanzjarji u l-ġestjoni tal-assi ta' Fintecna huma soġġetti għal kontrolli minn maġistrat maħtur mill-Qorti tal-Audituri Taljana, li jattendi l-laqgħat tal-korpi ta' ġestjoni u ta' superviżjoni skont l-Artikoli 7 u 12 tal-Liġi Nru 259/1958.
- (31) Fil-kuntest tat-tranżizzjoni mill-IRI għal Fintecna fl-2002, il-ġestjoni preċedenti tal-IRI kienet iddeċiediet li twarrab ammont ta' EUR [...] bħala stima tal-ħsara ambjentali dovuti lil Ilva.
- (32) Fit-12 ta' Ġunju 2008, Ilva u Fintecna ffirrmaw il-minuti ta' laqgħa (verbale di incontro), fejn qablu li l-kwistjonijiet ambjentali ewleni miftuħa kienu jirrigwardaw lill-impjant f'Taranto. F'dak il-kuntest, il-partijiet qablu li l-qsim tal-ispejjeż bejnithom jista' jsir biss meta jiġu kkwalifikati dawk l-ispejjeż. Fil-frattemp, permezz ta' abbozz ta' ftehim tat-3 ta' Diċembru 2008, il-Ministeru għall-Ambjent, flimkien ma' entitajiet pubbliċi oħrajn, ippjana soluzzjoni abbażi tal-istimi tal-ispejjeż meħtieġa għat-tindif tal-ilma tal-pjan u għall-ħsara ambjentali. Dik il-kwantifikazzjoni eskludiet b'mod espliċitu l-ħsara lil partijiet terzi li tirriżulta mit-tnejġi tal-arja.

⁽³⁰⁾ L-Artikolu 22-quater tal-Liġi Nru 116/2014 li temenda u tibdel f'l-ġiġi d-Digriet Amministrattiv Nru 91/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014.

⁽³¹⁾ Abbażi tal-Artikolu 1, il-paragrafu 1 tad-Digriet Amministrattiv Nru 61/2013 flimkien mal-Artikolu 1 tad-Digriet Amministrattiv Nru 207/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012, mibdulin fl-ġiġi fl-24 ta' Diċembru 2012 mil-Liġi Nru 231/2012.

⁽³²⁾ Intesa Sanpaolo S.p.A., Unicredit S.p.A. u Banco Popolare Società Cooperativa.

⁽³³⁾ "L'organo commissoriale di ILVA S.p.A. al fine della realizzazione degli investimenti necessari al risanamento ambientale, nonché di quelli destinati ad interventi a favore di ricerca, sviluppo e innovazione, formazione e occupazione, nel rispetto della normativa dell'Unione europea in materia, è autorizzato a contrarre finanziamenti per un ammontare complessivo fino a 400 milioni di euro, assistiti dalla garanzia dello Stato. Il predetto finanziamento è rimborsato dall'organo commissoriale in prededuzione rispetto agli altri debiti (...)."

- (33) Ilva bagħtet ġafna avviżi lil Fintecna, u l-aħħar tnejn kien fit-2 ta' Mejju 2011 u fl-10 ta' Ġunju 2013. Fintecna kkontestat kull responsabbiltà, b'mod partikolari rigward īxsara lil partijiet terzi marbuta mat-tniġġis tal-arja.
- (34) Matul it-tħejjija tar-rapporti finanzjarji tal-2011, is-servizzi kompetenti ta' Fintecna stma' li d-danni dovuti lil Ilva kienu jammontaw għal EUR [...], aġġustati għal EUR [...] fl-2014.
- (35) Fid-19 ta' Diċembru 2013, il-Ministru għall-Ambjent adotta att ministerjali (*provvedimento*) kontra Fintecna b'mandat biex jiddisponi mill-iskart li jinsab fil-bini ta' Ilva. L-att ministerjali ġie kkontestat quddiem il-Qorti Amministrattiva Regionali (*Tribunale Amministrativo Regionale*) tal-Puglia. L-att ministerjali ġie annullat minħabba rägħunijiet proċedurali fl-14 ta' Novembru 2014. Madankollu, il-Qorti kkonkludiet, fis-sustanza, li l-aktivitāt inkwinanti ċertament kienet żvölġiet qabel l-1995 u għalhekk taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Fintecna.
- (36) L-Artikolu 3, paragrafu 5 tad-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015 awtorizza lill-Kummissarju Straordinarju ta' Ilva biex isolvi t-tilwima ma' Fintecna rigward il-ħsara ambientali msemmija fl-Artikolu 17.7 tal-kuntratt tal-privatizzazzjoni tal-1995, fi żmien 60 jum mid-dħul fis-seħħ tad-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015. L-istess artikolu stabbilixxa l-ammont tas-saldu għal EUR 156 miljun u speċifika li dan is-saldu għandu jkun finali u definitiv⁽³⁴⁾.
- (37) Fit-12 ta' Jannar 2015, Fintecna impiegat konsulent legali indipendent biex jgħinha fin-negożjar tal-ftehim tas-saldu ma' Ilva. Dan l-espert ħareġ l-opinjoni legali tiegħu fit-3 ta' Marzu 2015, fejn ikkonferma li s-somma ta' EUR 156 miljun kienet fil-limitu tal-ammont massimu stipulat fil-kuntratt tal-privatizzazzjoni u anke taħt l-istimi propriji ta' Fintecna.
- (38) Fintecna talbet opinjoni legali minn konsulent ieħor dwar (i) kull pagament preċedenti li digħi kien sar lil Ilva fil-kuntest tal-arbitraġġ tal-imgħoddi, u (ii) id-data tal-bidu għall-kalkolu tal-interessi fuq l-ammont garantit. Din l-opinjoni ħarġet fis-16 ta' Frar 2015. Skont din l-opinjoni, (i) Fintecna ma għamlitx pagamenti lil Ilva fil-kuntest ta' proċeduri ta' arbitraġġ tal-imgħoddi li jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 17.7 tal-kuntratt tal-privatizzazzjoni, u (ii) l-interessi kellhom ikunu dovuti mill-1996.
- (39) Wara l-konverżjoni fil-liġi tad-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015, tal-4 ta' Marzu 2015, il-Bord tad-Diretturi ta' Fintecna ddeċieda li jsolvi t-tilwima filwaqt li jqis l-opinjonijiet legali taż-żewġ konsulent. Il-Bord tad-Diretturi enfasizza l-karattru finali tas-soluzzjoni wkoll fir-rigward ta' partijiet terzi (eż. viżav l-kredituri ta' Ilva f'każ ta' falliment u ta' pretensjonijiet ambientali potenzjali oħra lejn Fintecna) u l-fatt li l-esponenti massimu li jirriżulta mill-kuntratt tal-privatizzazzjoni jikkorrispondi għal EUR [...], eskuži interessi, jew EUR [...], inklużi interessi. Id-deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi ħadet nota tal-opinjoni favorevoli tal-azzjonista tal-Fintecna CDP, fkonformità mal-punt 8.3.2 tar-Regolament għall-eż-żeċċizzju tal-attività ta' kontroll fil-grupp CDP (*Regolamento per l'esercizio dell'attività di direzione e coordinamento sulle società partecipate del gruppo CDP*).
- (40) Fintecna għalhekk solvet it-tilwima ma' Ilva fil-5 ta' Marzu 2015. Fis-6 ta' Marzu 2015, ġew trasferiti EUR 156 miljun lil Ilva.
- (41) Skont l-istqarrja għall-istampa konġunta maħruġa minn CDP u Fintecna fil-11 ta' Marzu 2015, it-tranżazzjoni saret "biex timplimenta l-Artikolu 3, paragrafu 5 tad-Digriet Amministrattiv tal-5 ta' Jannar 2015 Nru 1, kif ikkonvertit b'emendi fil-Liġi tal-4 ta' Marzu 2015, Nru 20 (Digriet Ilva)"⁽³⁵⁾.

2.2.5. Miżura 5: is-self mill-Istat ta' EUR 300 miljun

- (42) Kif spiegat fil-premessa 14, fl-4 ta' Diċembru 2015 l-awtoritajiet Taljani infurmaw lill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni fl-istess jum tad-Digriet Amministrattiv Nru 191/2015. Minbarra d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw

⁽³⁴⁾ "Allo scopo di definire tempestivamente le pendenze tuttora aperte, il commissario straordinario, entro sessanta giorni dell'entrata in vigore del presente decreto, è autorizzato a sottoscrivere con FINTECNA S.p.A., in qualità di avente causa dell'IRI, un atto convenzionale di liquidazione dell'obbligazione contenuta nell'articolo 17.7 del contratto di cessione dell'ILVA Laminati Piani (oggi ILVA S.p.A.). La liquidazione è determinata nell'importo di 156.000.000 di euro, ha carattere definitivo, non è soggetta ad azione revocatoria e preclude ogni azione concernente il danno ambientale generatosi, relativamente agli stabilimenti produttivi ceduti dall'IRI in sede di privatizzazione dell'ILVA Laminati Piani (oggi ILVA S.p.A.), antecedentemente al 16 marzo 1995. Le somme rinvenienti di detta operazione affluiscono nella contabilità ordinaria del Commissario straordinario".

⁽³⁵⁾ L-istqarrja għall-istampa hija disponibbi minn: http://www.cdp.it/static/upload/com/0000/comunicato-n-12-del-11-03-2015_fintecna-ilva.pdf

il-bejgħ tal-assi ta' Ilva, dan id-Digriet Amministrattiv fl-Artikolu 1, paragrafu 3 tiegħu awtorizza lill-Istat biex jagħti self ta' EUR 300 miljun lil Ilva permezz ta' Digriet Ministerjali, b'rata ta' imgħax annwali Euribor ta' 6 xhur + 300 punt bażi, bil-ħsieb li jiġi appogġġati l-ħtiġjiet urgħenti ta' likwidità ta' Ilva. Skont id-Digriet Amministrattiv, is-self kellu jitħallas lura mill-akkwarent tal-assi tal-Ilva, 60 jum wara d-dikjarazzjoni mill-qorti nazzjonali kompetenti tal-waqfien tal-attività tal-Ilva skont l-Artikolu 73 tad-Digriet Amministrattiv Nru 270/99, wara l-bejgħ finali tal-assi tal-kumpanija.

- (43) Id-Digriet Ministerjali li jagħti s-self lil Ilva ġie adottat fil-15 ta' Diċembru 2015 u l-ammont tħallas fit-23 ta' Diċembru 2015. Id-Digriet Ministerjali speċifika li s-self ingħata lill-amministrazzjoni straordinarja ta' Ilva.
- (44) Fid-9 ta' Ġunju 2016, il-Gvern Taljan adotta d-Digriet Amministrattiv Nru 98/2016 li jemenda d-Digriet Amministrattiv Nru 191/2015. Skont l-Artikolu 1(1)(a) tad-Digriet Amministrattiv, l-obbligu tar-rimborż tas-self ta' EUR 300 miljun ġie ttrasferit mill-akkwarent tal-assi ta' Ilva lil Ilva stess. Id-Digriet Ammistrattiv ġie mibdul fil-Liġi Nru 151/2016 fl-1 ta' Awwissu 2016, b'emendi⁽³⁶⁾.
- (45) Fid-29 ta' Diċembru 2016, il-Gvern Taljan adotta d-Digriet Amministrattiv Nru 243/2016 tal-4 ta' Diċembru 2015, mibdul fil-Liġi Nru 18/2017 fis-27 ta' Frar 2017, b'emendi⁽³⁷⁾. L-Artikolu 1(1)(b) tad-Digriet Amministrattiv estenda t-tul tal-amministrazzjoni straordinarja ta' Ilva lil hinn mid-data tat-tlestija tat-trasferiment tal-assi, sabiex il-Kummissarji Straordinarji ta' Ilva jkunu jistgħu jidentifikaw u jimplimentaw aktar miżuri ta' tindif f'żoni li ma kinu ittieħdu mill-akkwarent. Bħala riżultat, l-adozzjoni tad-digriet li jiddikkjara l-waqfien tal-attività ta' Ilva skont l-Artikolu 73 tad-Digriet Amministrattiv Nru 270/99 ġiet posposta għad-data futura tat-tlestija kompleta tal-attivitàajiet ta' tindif imsemmija qabel. Madankollu, sabiex jiġi evitat il-posponiment fl-istess ħin tad-data finali tal-ħlas lura tas-self ta' EUR 300 miljun, l-Artikolu 1(1)(a) tad-Digriet Amministrattiv bidel id-data tal-ħlas lura tas-self għal 60 jum wara l-iżvestiment finali tal-assi ta' Ilva, u b'hekk ġelha mill-obbligli tad-digriet li jiddikkjara l-waqfien tal-attività ta' Ilva.

2.3. Raġunijiet għall-bidu ta' proċedura ta' investigazzjoni formali

- (46) Wara l-investigazzjoni preliminari msemmija fil-premessa 1, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar il-konformità tal-miżuri ta' sostenn mar-regoli tal-Unjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat. Il-fehma preliminari tal-Kummissjoni kienet li l-miżuri dehru li jikkostitwixxu ghajjnuna mill-Istat u li ma kienx jidher li hemm raġunijiet li abbażi tagħhom din l-ghajjnuna setgħet tīgħi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern.

2.3.1. Il-kwalifika bħala ghajjnuna mill-Istat

- (47) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni qieset b'mod preliminari li l-miżuri kollha li kienu s-suġġett tal-investigazzjoni fil-fond kellhom il-potenzjal li joħolqu distorsjoni fil-kompetizzjoni u li jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri, minħabba l-preżenza ta' kompetituri fis-swieq tal-azzar fejn Ilva hija attiva u l-livelli ta' kummerċ intra-Unjoni fuq prodotti tal-azzar, li għalihom tikkontribwixxi Ilva.
- (48) Il-valutazzjoni preliminari mill-Kummissjoni tal-kriterji l-oħra tal-ghajjnuna mill-Istat (l-imputabbiltà għall-Istat, ir-riżorsi tal-Istat, is-selettività u l-vantaġġ ekonomiku) huma miġbura fil-qosor fit-Taqsimiet 2.3.1.1 sa 2.3.1.5.

2.3.1.1. Miżura 1

- (49) Fir-rigward tal-imputabbiltà lill-Istat tal-miżura 1, fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod preliminari li d-deċiżjoni li l-assi Riva jiġi ttrasferiti lil Ilva permezz ta' sottoskrizzjoni f'bonds hija imputabbi lill-gvern Taljan, li inkluda din id-dispożizzjoni fid-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015. Il-Kummissjoni ħadet ukoll il-fehma preliminari li l-Fondo Unico di Giustizia li jwettaq din id-deċiżjoni (permezz ta' Equitalia) ikun qiegħed jaġixxi fuq il-bażi tal-istruzzjonijiet mogħtija mill-awtorità għudizzjarja, li hija organu ta' dak l-Istat u għalhekk marbuta bid-dmir tal-kooperazzjoni leali⁽³⁸⁾.

⁽³⁶⁾ It-test tad-Digriet Ammistrattiv, kif mibdul fl-ġiġi, jinsab hawnhekk: <http://www.normattiva.it/uri-res/N2Ls?urn:nir:stato:decreto-legge:2016-06-09;98!vig>

⁽³⁷⁾ It-test tad-Digriet Ammistrattiv, kif mibdul fl-ġiġi, jinsab hawnhekk: <http://www.normattiva.it/uri-res/N2Ls?urn:nir:stato:decreto-legge:2016-12-29;243!vig>

⁽³⁸⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni vs il-Ġermanja, C-527/12, ECLI:EU:C:2014:2193, il-paragrafu 56. Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti tat-18 ta' Lulju 2007, Ministero dell'Industria, del Commercio e dell'Artigianato vs Lucchini SpA, C-119/05, ECLI:EU:C:2007:434, il-paragrafu 59.

- (50) Abbażi tal-fatti stabbiliti fiż-żmien tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-fehma preliminari tal-Kummissjoni kienet li l-miżura 1 tinvolti riżorsi tal-Istat minħabba l-fatt li l-assi Riva għandhom jitqiesu bħala li kienu taħt il-kontroll tal-Istat matul iż-żmien tal-kustodja tagħhom mill-Fondo Unico di Giustizia. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi li l-Istat (permezz tal-Fondo Unico di Giustizia) iċċedi l-introjtu possibbli billi jinvesti l-assi Riva f'bonds riskjużi ta' Ilva mingħajr rimunerazzjoni xierqa, minnflok ma jiftex ritorn sigur f'depożiti bankarji jew f'bonds tal-Istat.
- (51) Skont id-Deċiżjoni tal-Ftuħ meħuda mill-Kummissjoni, l-għoti ta' vantaġġ ekonomiku selettiv jirriżulta mill-fatt li abbażi ta' deroga *ad hoc* mill-proċedura kriminali standard, l-assi Riva kellhom isiru disponibbli għal Ilva qabel it-tmiem tal-proċessi kriminali, biex b'hekk il-kumpanija tingħata l-likwidità kontra bonds li kellhom jinħarġu b'rata mhux magħrufa u mhux neċċessarjament ibbażata fuq is-suq.

2.3.1.2. Miżura 2

- (52) Minkejja l-fatt li s-self ta' EUR 250 miljun ingħata minn banek privati, il-Kummissjoni qieset b'mod preliminari li l-miżura hija imputabbi lill-Istat fid-dawl tas-sekwenza tal-avvenimenti, jiġifieri l-emenda tad-Digriet Amministrattiv Nru 101/2013 u l-involviment tal-Istat fin-negożjati ta' Ilva mal-banek, li eventwalment wasslu għall-ġhoti tas-self.
- (53) Il-fehma preliminari tal-Kummissjoni kienet li, jekk l-Istat jew korpi pubbliċi oħrajn kienu fost il-kredituri prinċipali ta' Ilva, bl-ġhoti ta' prioritā oħla lill-ħlas lura tas-self privat ta' EUR 250 miljun li kien għadu kif ingħata, il-miżura 2 tkun tikkostitwixxi *de facto* rinunzja ta' dejn pubbliku ⁽³⁹⁾. Fdak il-każ, il-miżura 2 tkun tinvolti riżorsi tal-Istat.
- (54) Skont il-Kummissjoni, minkejja l-formulazzjoni ġenerali tal-liġi emendata, f'dak il-punt il-miżura kienet applikata biss għal Ilva u għalhekk hija *de facto* selettiva. Billi tippermetti lil Ilva tissodisfa l-htigġijiet ta' likwidità tagħha, il-miżura tidher li tat vantaġġ li Ilva ma kinitx tkun tista' tikseb taħt il-kondizzjonijiet normali tas-suq. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset b'mod preliminari li l-miżura tagħti vantaġġ ekonomiku selettiv lil Ilva.

2.3.1.3. Miżura 3

- (55) Meta qieset li l-garanzija tal-Istat inħarġet permezz ta' Digriet Ministerjali skont id-dispożizzjonijiet ta' Digriet Amministrattiv tal-Gvern, il-fehma preliminari tal-Kummissjoni kienet li l-miżura 3 hija imputabbi lill-Istat. Ir-riskju fuq ir-riżorsi tal-Istat jista' jiġi identifikat mill-fatt li jekk din tibda tingħata jkollha titħallas garanzija tal-Istat mill-baġit tal-Istat.
- (56) Fir-rigward tal-preżenza ta' vantaġġ ekonomiku selettiv, il-Kummissjoni kkontestat il-konformità mas-suq tal-garanzija tal-Istat. L-ewwel nett, ma kienx ċar jekk xi operatur tas-suq kienx qatt se jaqbel li jaġhti xi garanzija lil Ilva, xahrejn biss wara li din tkun ir-reġistrat inadempjenza fuq self preċedenti. It-tieni nett, anke jekk nassumu li Ilva seta' potenzjalment kellha aċċess għal sorsi esterni ta' finanzjament u/jew garanziji esterni, il-Kummissjoni xeħtet dubji dwar jekk il-primum mitlub mill-Istat Taljan kienx jikkostitwixxi rimunerazzjoni adegwata għar-riskju ta' kreditu mġarrab mill-Istat.

2.3.1.4. Miżura 4

- (57) Abbażi tas-sett rilevanti ta' indikaturi indikati mill-każistika tal-Qorti tal-Unjoni ⁽⁴⁰⁾, il-Kummissjoni qieset b'mod preliminari li l-miżura 4 implementata minn Fintecna hija imputabbi lill-Istat Taljan. Fir-rigward tal-oriġini tar-riżorsi involuti, il-Kummissjoni nnotat li Fintecna tikkwalisika bħala impriża pubblika. Għalhekk ir-riżorsi tagħha huma meqjusa bħala riżorsi tal-Istat.
- (58) Fir-rigward tal-preżenza ta' vantaġġ ekonomiku selettiv, filwaqt li nnotat li fuq il-prinċipju tagħha l-garanzija limitata mill-Istat għal danni ambjentali li ġiet miftiehma fiż-żmien meta l-kumpanija kienet proprijetà tal-Istat u qabel ma Ilva ġiet privatizzata u mibjugħa lill-familja Riva kienet praktika tas-suq u mhux oġġezzjonabbli, il-Kummissjoni kkontestat kemm l-ammont kif ukoll iż-żmien tal-ftehim ta' soluzzjoni u staqsiet jekk operatur fekkonomija tas-suq kienx iġib ruħu b'mod simili f'sitwazzjoni komparabbli.

⁽³⁹⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-1 ta' Diċembru 1998, *Ecotrade Srl vs Altiformi e Ferriere di Servola SpA (AFS)*, C-200/97, ECLI:EU:C:1998:579 u s-Sentenza tal-Qorti tas-17 ta' Ġunju 1999, *Industrie Aeronautiche e Meccaniche Rinaldo Piaggio SpA v International Factors Italia SpA (Ifitalia), Dornier Luftfahrt GmbH and Ministero della Difesa*, C-295/97, ECLI:EU:C:1999:313.

⁽⁴⁰⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2002, *Franza vs Il-Kummissjoni (Stardust)*, C-482/99, ECLI:EU:C:2002:294, il-paragrafi 55 u 56. Ara wkoll l-Opinjoni tal-Avukat Ġeneral Jacobs fi *Franza vs Il-Kummissjoni (Stardust)*, C-482/99, ECLI:EU:C:2001:685, il-paragrafi 65 sa 68.

2.3.1.5. Miżura 5

- (59) Billi l-miżura tikkonsisti f'self mogħti mill-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku u mill-Ministeru għall-Ekonomija u l-Finanzi, minn riżorsi baġitarji tal-Istat Taljan, il-Kummissjoni qieset b'mod preliminari li din hija imputabbli lill-Istat u tinvolti riżorsi tal-Istat.
- (60) Fir-rigward tal-preżenza ta' vantaġġ ekonomiku selettiv, il-Kummissjoni staqsiet jekk xi operatur tas-suq privat kienx qatt se jaqbel li jislef EUR 300 miljun lil Ilva bl-istess kondizzjonijiet tal-Italja, anke jekk jitqiesu biss id-diffikultajiet finanzjarji ta' Ilva.

2.3.2. Raġunijiet ta' kompatibbiltà

- (61) Peress li l-Kummissjoni ma tara ebda raġuni li fuqha l-għajnuna mill-Istat favur Ilva tista' tkun kompatibbli mas-suq intern, stiednet lill-Italja biex tissostanzja dawn ir-raġunijiet u tindika lill-Kummissjoni l-bażi legali rilevanti, dejjem jekk ikun hemm.

2.3.3. Dwar il-kontinwità ekonomika possibbli bejn Ilva u l-entità l-ġdida li akkwistat l-assi tagħha

- (62) Fil-premessa 107 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni fakkret li fkaż ta' kontinwità ekonomika bejn il-benefiċjarju tal-għajnuna li l-Kummissjoni tiddikjara inkompatibbli mas-suq intern u l-akkwirent tagħha, dan tal-aħħar jista' jintalab iħallasha lura.
- (63) L-iskop finali tal-bejgħ xorta jista' jevolvi bħala riżultat tal-valutazzjoni li għaddeja bħalissa dwar il-fużjoni msemmija fil-premessa 15 hawn fuq. L-Italja u Peacelink ressqu r-rimarki tagħhom dwar il-kwistjoni tad-(dis) kontinwità ekonomika bejn Ilva kif inhi bħalissa u x-xerrej tal-assi ta' Ilva. Madankollu f'dan l-istadju jkun prematur li l-Kummissjoni tasal għal opinjoni finali u għalhekk din il-kwistjoni mhix se tibqa' tiġi trattata aktar f'din id-Deċiżjoni.

2.3.4. Ebda ogħżejjoni għal interventi ambjentali u sanitarji urgħenti

- (64) Fil-premessa 114 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni ċċarat li ma kinitx biħsiebha topponi xi azzjoni immedjata li l-awtoritajiet Taljani jistgħu jqis u meħtieġa sabiex jipproteġu s-saħħa taċ-ċittadini, minħabba s-sitwazzjoni ambjentali u sanitarja rrikonoxxuta ufficialment bħala urġenti f'Taranto, li għiet deskritta fil-premessa 11. Għaldaqstant, il-ftuħ ta' proċeduri formali kien mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe sostenn pubbliku għal infiq fuq xogħliji meħtieġa biex jitnaddaf is-sit ta' Ilva u ż-żoni tal-madwar, dment li dawn ix-xogħliji ikunu meħtieġa b'mod urġenti biex jiġi affrontat it-tnejx eżistenti u biex tiġi garantita s-saħħa pubblika fil-belt ta' Taranto, sakemm issir jiġi identifikat l-inkwinatur skont l-istandard meħtieġ f'konformità mar-regoli applikabbli li jistabbilixu jew jimplimentaw il-prinċipju li "min iniġġes iħallas", l-ammonti li digħi jkunu ntefqu mill- Istat fuq it-tindif.
- (65) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat fil-premessa 115 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ li l-awtoritajiet Taljani kienu ħadu l-passi meħtieġa biex jidher kien qed jaġixxi b'mod ġustifikabbli sabiex jiżgura li t-tnejx eżistenti li digħi ntefqu bejn l-Istat jew entitajiet pubbliċi jew privati oħra jn-nu u l-inkwinatur(i) fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas stabbilit fl-Artikolu 191(2) tat-TFUE. Fir-rigward tal-ispejjeż futuri fuq it-tindif, il-Kummissjoni tinnota li EUR 1,1 biljun ta' fondi li ġew ittrasferiti mill-azzjonisti attwali ta' Ilva ġew allokati mil-liġi għall-Pjan Ambjentali (premessa 21), flimkien ma' kwalunkwe investiment ulterjuri għall-aġġornament tal-prestazzjoni ambjentali tal-impjant ta' Taranto li s-sid u l-ġestur possibbli tal-ġejjeni jista' jimplimenta (ara l-premessa 15 u 63).

3. KUMMENTI MILL-ITALJA

3.1. Kummenti ġenerali dwar l-iskop tal-miżuri

- (67) Skont l-Italja, il-miżuri adottati mill-Gvern Taljan kienu meħtieġa biex jippreżervaw l-interessi pubbliċi u ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107 tat-TFUE. L-Italja ssostni li l-premessa 114 u 115 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ jirrigwardaw sitwazzjonijiet deskritti mid-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴¹⁾ u l-Artikolu 250 tal-Kodiċi Ambjentali Taljan ⁽⁴²⁾, li skonthom l-amministrazzjoni pubblica għandha tipproċedi bix-xogħlijiet meħtieġa biex tirrimedja d-danni ambjentali, sakemm jiġi identifikat l-inkwinatur. Fkonformità ma' dawn id-dispożizzjoni legali, id-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015 u d-Digriet tal-President tal-Kunsill tal-Ministri (*Decreto del Presidente del Consiglio dei Ministri*) tal-14 ta' Marzu 2014 li jadotta l-Pjan Ambjentali għalhekk fdaw lill-Kummissarji Straordinarji ta' Ilva b'poteri ta' natura pubblika biex jaġixxu fisem l-Istat għat-tindif ambjentali ta' Ilva.
- (68) F'dan l-isfond, xogħlijiet ambjentali li jammontaw għal EUR [...] jeħtieġ li jitqiesu bħala permissibbli skont il-premessa 114 u 115 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ. Dawn ix-xogħlijiet jinkludu:
- (a) Xogħlijiet ta' tindif (tindif ta' il-miżjiet u ta' żoni kkontaminati, l-immaniġġjar tal-iskart, it-tnejhija tal-asbestos) u xogħlijiet inklużi fl-Opinjoni Motivata tal-Kummissjoni ⁽⁴³⁾. L-ammont totali ta' din il-kategorija huwa EUR [...].
 - (b) Xogħlijiet addizzjonali meħtieġa mill-Kummissjoni fl-Opinjoni Motivata tagħha biex jiġi rimeddat il-ksur tad-Direttiva 2008/1/KE sas-7 ta' Jannar 2014 u tad-Direttiva 2010/75/UE tal-istess data. L-ammont totali ta' din il-kategorija huwa EUR [...].
- (69) L-awtoritajiet Taljani jinnotaw li l-ammont totali ta' dawk ix-xogħlijiet permessi jaqbeż l-ammont magħdud tal-miżuri 2, 3 u 4.
- (70) L-awtoritajiet Taljani jenfasizzaw ukoll li l-proċedura tal-Kummissjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat hija marbuta b'mod intrinsiku mal-proċedura ta' ksor parallela tagħha. L-Opinjoni Motivata tal-Kummissjoni tirrikonoxxi li diffi kultajiet ta' Ilva biex jinstabu riżorsi finanzjarji jistgħu jdewmu l-implimentazzjoni tax-xogħlijiet meħtieġa biex jiġi ssodisfati l-preskriżzjonijiet tal-permess ambjentali tagħha f'Taranto. F'dan il-kuntest, l-għoti ta' riżorsi pubbliċi lill-Kummissarji Straordinarji ta' Ilva kien il-mod magħżul mill-awtoritajiet Taljani biex jikkonformaw mal-obblighi stabbiliti fl-Opinjoni Motivata, u biex jimplimentaw ix-xogħlijiet meħtieġa. Skont l-awtoritajiet Taljani, il-premessa 114 u 115 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ jimplikaw li l-Kummissjoni mhix se topponi dan it-tip ta'miżuri.
- (71) Fl-aħħar, l-Italja enfasizzat l-importanza soċjoekonomika tal-impjant ta' Taranto, li jimpjega direttament u indirettament madwar 24 % tal-popolazzjoni totali impiegata fil-provinċja ta' Taranto, freġjun fejn il-qgħad żidied minn 15,5 % fl-2013 għal 18,5 % fl-2014.

3.2. Miżura 1

3.2.1. Ir-riżorsi tal-Istat

- (72) Skont l-awtoritajiet Taljani, il-miżura 1 ma tinvolvix riżorsi tal-Istat. L-awtoritajiet Taljani ressqu l-ewwel sett ta' argumenti qabel intlaħaq il-ftehim ta' soluzzjoni bejn il-familja Riva u Ilva, li ssemma fil-premessa 21 hawn fuq. Dawn l-argumenti huma ppreżentati fil-premessa 73 sa 77. Wara l-ftehim ta' soluzzjoni, l-awtoritajiet Taljani inkorporaw fir-rimarki tagħhom argumenti addizzjonali biex juru n-nuqqas ta' riżorsi tal-Istat (ara l-premessa 78).
- (73) L-ewwel nett, l-awtoritajiet Taljani huma tal-fehma li l-ġurisprudenza kkwotata fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, b'mod partikolari s-sentenza *Doux Elevage* ⁽⁴⁴⁾, ġiet żviluppata f'Ċirkostanzi kompletament differenti. F'dan ir-rigward, l-Italja kkwotat il-paragrafi 208 u 209 tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2015 fil-każ T-674/11 biex tenfasizza li r-riżorsi minn partijiet privati jistgħu jitqiesu bħala riżorsi tal-Istat biss jekk: (i) dawk ir-riżorsi

⁽⁴¹⁾ Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali fir-rigward tal-prevenzjoni u tar-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56), l-Artikolu 6, paragrafu 3 u l-Artikolu 8, paragrafu 2.

⁽⁴²⁾ L-Artikolu 250 tad-Digriet Amministrattiv Nru 152/2006 tat-3 ta' April 2006 jimplimenta d-dispożizzjoni tal-Artikolu 6, paragrafu 3 tad-Direttiva 2004/35/KE.

⁽⁴³⁾ Preskriżzjonijiet Nru 4, 5, 6-16i, 40, 51, 58, 65, 67.

⁽⁴⁴⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tat-30 ta' Mejju 2013, *Doux Elevage SNC u Coopérative agricole UKL-ARREE vs Ministère de l'Agriculture, de l'Alimentation, de la Pêche, de la Ruralité et de l'Aménagement du territoire and Comité interprofessionnel de la dinde française (CIDEF)*, C-677/11, ECLI:EU:C:2013:348, il-paragrafu 35.

jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istat mis-sidien tagħhom, jew (ii) dawk ir-riżorsi jkunu ġew abbandunati mis-sidien tagħhom, billi l-Istat ikun ħa kontroll tal-ġestjoni tagħhom bis-saħħha tal-poteri sovrani tiegħu (⁴⁵). Ma jistax jingħad li r-riżorsi jinsabu taħt kontroll pubbliku u li għalhekk jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat fis-sens ta' hawn fuq semplicelement fuq il-bażi li, permezz ta' azzjoni leġiż-lattiva, l-Istat jirrikjedi li parti terza tuża r-riżorsi tagħha b'xi mod partikolari.

- (74) Skont l-Italja, dawk il-kondizzjonijiet ma ġewx issodisfati fil-każ tal-miżura 1, peress li l-EUR 1,1 biljun kienu jappartjenu lill-azzjonisti prinċipali u lill-ġestjoni preċedenti ta' Ilva. Fi kliem ieħor, il-liġi inkwistjoni sempliċement imponiet ċertu użu ta' assi li kienu proprjetà tal-azzjonisti prinċipali ta' Ilva u tal-ġestjoni preċedenti u mhux tal-Istat.
- (75) Skont l-awtoritatijiet Taljani, il-miżura ma tikkwalifikax bħala esproprjazzjoni favur l-Istat. Hija sempliċiment implimentazzjoni ta' regola ġenerali tal-liġi mill-Artikolu 2497 tal-Kodiċi Ċivili li jipprevedi r-responsabbiltà tal-kumpanija omm fir-rigward tal-azzjonisti u l-kredituri tas-sussidjarji tagħha, fkaż ta' amministrazzjoni ħażina ("responsabilità patrimoniale dell'impresa-holding"), kif iddikjarat f'digriet ġudizzjarju mogħti dwar din il-kwistjoni fit-28 ta' Ottubru 2014).
- (76) Barra minn hekk, il-Fondo Unico di Giustizia huwa biss kustodju (*custode ex lege*) li huwa marbut li jirrispetta d-dispożizzjonijiet legali applikabbli (pereżempju d-Digriet Ministerjali tat-30 ta' Lulju 2009) u l-indikazzjonijiet mill-awtorità ġudizzjarja. Dan ma' għandux l-ammonti għad-dispożizzjoni libera tiegħu. Is-somma inkwistjoni se tintuża biss biex tissewwa l-ħsara ambjentali kkawżata, f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas".
- (77) Barra minn hekk, is-sidien inizjali tal-assi maqbuda mhux se jitilfu d-drittijiet tal-proprjetà tagħhom peress li, f'każ li jiġu liberati, dawn jirċievu l-bonds u dritt rilevanti li jinkassaw il-valur rilevanti flimkien mal-interessi.
- (78) Wara li ġie ffírmat il-ftehim ta' soluzzjoni msemmi fil-premessa 21, l-awtoritatijiet Taljani ressqu l-argumenti addizzjonali li ġejjin. Permezz tal-ftehim ta' soluzzjoni, il-membri tal-familja Riva taw b'mod formal i-l-kunsens tagħhom biex jagħmlu l-ammonti maqbuda (li għadhom miżmuna minnhom fl-Iżvizzera) definitivament disponibbli għal Ilva, inkluż fkaż li jiġu liberati. B'rizzultat ta' dan, l-ammonti ġew trasferiti b'mod volontarju mill-familja Riva lil Ilva, darba għal dejjem, mingħajr ma l-Fondo Unico di Giustizia eżerċita xi kontroll fuqhom.

3.2.2. L-effett fuq il-baġit tal-Istat

- (79) Skont l-Italja, sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' ghajjnuna mill-Istat, jenħtieġ tiġi stabbilita rabta suffiċjen-tment direttu bejn, minn naħa, il-vantaġġ mogħti lill-benefiċjarju u, min-naħħa l-oħra, it-tnaqqis mill-baġit tal-Istat jew riskju ekonomiku konkret biżżejjed ta' piżżejjiet fuq dak il-baġit (⁴⁶). F'dan ir-rigward, l-argument tal-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ li, jekk jiġu investiti l-ammonti maqbuda f'bonds ta' Ilva minflok f'bonds tal-Istat, l-Istat jista' jkollu jċed introjtū possibbli, huwa biss ipotetiku u bla bażi.
- (80) L-ewwel nett, ma hemm ebda raġuni biex wieħed jemmen li, f-xenarju kontrofattwali, l-ammonti maqbuda kienu se jiġu investiti f'bonds tal-Istat u mhux sempliċement iddepożitati f'kont bankarju miżmum mill-Fondo Unico di Giustizia.
- (81) It-tieni nett, il-Kummissjoni ma wriex rabta direttu biżżejjed bejn id-deċiżjoni li l-ammonti maqbuda ma jiġux investiti f'bonds tal-Istat u xi effett negattiv potenzjali fuq il-baġit tal-Istat.
- (82) Għalhekk, l-awtoritatijiet Taljani kkonkludew li l-miżura 1 ma' għandha ebda effett negattiv fuq il-baġit tal-Istat. Għall-kuntrarju, jista' jkollha effett pożittiv fuqu.

3.2.3. Il-vantaġġ selettiv

- (83) L-Italja argumentat ukoll li ma ngħata ebda vantaġġ selettiv lil Ilva.

^(⁴⁵) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2015, TV2/Danmark vs Il-Kummissjoni, T-674/11, ECLI:EU:T:2015:684.

^(⁴⁶) Is-Sentenza tal-Qorti tal-14 ta' Jannar 2015, The Queen, on the application from Eventech Ltd vs Parking Adjudicator, C-518/13, ECLI:EU:C:2015:9, il-punt 34.

- (84) L-ammonti inkwistjoni huma maħsuba biex jitqiegħdu f'kont separat u allokati għall-Pjan Ambjentali, inklużi x-xogħliljet preskritti fl-Opinjoni Motivata. Għalhekk, il-miżura sempliċement tikkonforma mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" billi ssib il-bilanċ korrett bejn l-interessi kostituzzjonali tal-protezzjoni tas-sahħha, tal-impiegħi u tal-ambjent. Filfatt, din għandha l-għan li: (i) tiffaċilita l-amministrazzjoni straordinarja ta' Ilva billi tqiegħed għad-dispożizzjoni tagħha l-fondi meħtieġ biex tikkonforma max-xogħliljet li l-Kummissjoni stess imponiet fuq l-Italja fl-Opinjoni Motivata, u (ii) żżomm id-drittijiet legali tal-individwi li jkunu għaddejjin mill-investigazzjoni kriminali.
- (85) B'mod aktar ġenerali, fid-dawl tan-natura partikolari tagħha, il-miżura inkwistjoni ma tistax titqies li tagħti xi vantaġġ selettiv abbażi ta' mill-inqas żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, l-Istati Membri jibqgħu liberi li jiddeċiedu kif jimmaniġġjaw is-sitwazzjoni sakemm jiġu konklużi l-proċeduri kriminali (*res controversa*), u din il-kwistjoni hija barra mill-is-krutinju tal-Kummissjoni skont ir-regoli tal-għajnejha mill-Istat. It-tieni nett, l-antiċipazzjoni fuq il-bażi provvizerja tar-riżultat tal-procédu kriminali pendent hija prinċipju ġenerali kondiviż mill-parti kbira tas-sistemi legali Ewropej u ma tistax bħala tali tagħti xi vantaġġ selettiv lill-impriża li tibbenefika minn din l-antiċipazzjoni.
- (86) Fl-aħħar, fir-rigward tal-kondizzjonijiet finanzjarji tal-bonds maħruġa minn Ilva, l-awtoritatiet Taljani spjegaw li l-bonds kellhom jinħarġu bir-rata medja ta' imgħax applikata għal kontijiet fisem il-Fondo Unico di Giustizia, pereżempju [...] fis-sena 2015. Huma enfasizzaw ukoll li mhix xi ħaġa rara li impriża f'diffikultà jew li jkunu taħt amministrazzjoni straordinarja joħorġu bonds biex ikopru l-htigġiż finanzjarji tagħhom.

3.3. Miżura 2

3.3.1. Selettività

- (87) Skont l-Italja, id-dispożizzjoni leġiżlattiva inkwistjoni sempliċement timplimenta prinċipju ġenerali tal-liġi li jippermetti l-istatus tal-prededuċċibbiltà tal-krediti, jekk dan ikun meħtieġ biex jiġi ppreżervati l-valur ta' impriża u l-ġestjoni tal-assi tagħha. Is-sagħiċċu impost fuq ċerti krediti jiġi kkumpensat bil-preżervazzjoni tal-assi tal-impriża. Ebda impriża oħra ma bbenefifikat minn din id-dispożizzjoni, iżda dan huwa l-każ biss għax din id-dispożizzjoni leġiżlattiva għiet introdotta biss dan l-aħħar.

3.3.2. Ir-riżorsi tal-Istat u l-impatt fuq il-baġit tal-Istat

- (88) Skont l-Italja, il-miżura 2 ma tinvolvix riżorsi tal-Istat. Id-dispożizzjoni legali inkwistjoni ma tatx lill-awtorità kompetenti "s-setgħa li jordnav jew jinfluenzaw l-amministrazzjoni tal-fondi" (47). F'dan il-każ, l-awtoritatiet Taljani ma kinux involuti fir-relazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' finanzjament u Ilva.
- (89) Barra minn hekk, il-miżura ma għandha ebda impatt negattiv fuq il-baġit tal-Istat ukoll fir-rigward tal-krediti tal-Istat viżav Ilva.
- (90) Barra mill-miżuri fiskali, il-Kummissjoni għandha turi rabta suffiċċientement diretta bejn il-vantaġġ mogħti lill-benificiarju u riskju ekonomiku konkret ta' piż fuq il-baġit tal-Istat (48).
- (91) F'dan il-każ, ir-rabta hija ineżistenti. L-ewwel nett, l-Istat ma jirrinunżjax għal riżorsi, ikun xi jkun is-sors (taxxi, kontribuzzjonijiet jew oħrajn), li jkollhom jitħallsu minn Ilva lill-Istat. It-tieni nett, il-miżura ma tnaqqas il-possibbiltà li l-Istat jiġbor il-krediti tiegħu u ma jiżvantaġġix krediti tal-Istat aktar minn krediti oħra. Għall-kuntrarju, billi ssalvagwardjat l-assi ta' Ilva, il-miżura kellha effetti pożittivi fuq il-krediti kollha, inkluż l-Istat, li se jissodisa l-pretensjonijiet tagħhom minn dawk l-assi.
- (92) Barra minn hekk, fis-sentenza *Piaggio*, il-Qorti qieset li l-impatt potenzjali fuq il-krediti pubbliċi mħuwiex aspett essenziali, iżda biss indikatur fost oħrajn, biex tiġi stabilita l-eżistenza ta' xi vantaġġ selettiv iffinanzjat mir-riżorsi tal-Istat (49). Dik is-sentenza tobbliga wkoll lill-Kummissjoni biex tipprova li l-Istat jew l-entitajiet pubbliċi jkunu fost il-krediti prinċipali tal-impriża li tkun f'diffikultà, li skont l-Italja hawnhekk mħuwiex il-każ. Fl-aħħar nett, l-Italja enfasizzat li l-miżura kkontestata sempliċement timplimenta fil-każ preżenti prinċipju ġenerali tal-liġi

(47) Is-Sentenza tal-Qorti tat-30 ta' Mejju 2013, *Doux Élevage SNC u Coopérative agricole UKL-ARREE vs Ministère de l'Agriculture, de l'Alimentation, de la Pêche, de la Ruralité et de l'aménagement du territoire and Comité interprofessionnel de la dinde française* (CIDEF), C-677/11, ECLI:EU:C:2013:348, il-paragrafu 38.

(48) Is-Sentenza tal-Qorti tad-19 ta' Marzu 2013, *Bouygues SA and Bouygues Télécom SA vs Il-Kummissjoni*, C-399/10 P u C-401/10 P, ECLI:EU:C:2013:175, il-paragrafu 109.

(49) Is-Sentenza tal-Qorti tas-17 ta' Ġunju 1999, *Industria Aeronautiche e Meccaniche Rinaldo Piaggio SpA vs International Factors Italia SpA (Ifitalia), Dornier Luftfahrt GmbH and Ministero della Difesa*, C-295/97, ECLI:EU:C:1999:313.

Taljana li huwa mnaqqax fl-Artikolu 111 tal-Liġi dwar il-Falliment ("Legge Fallimentare", Regio decreto, 16 ta' Marzu 1942, Nru 267), li jinsab ukoll preżenti f'dispożizzjonijiet oħra tiegħu bħalma huwa l-Artikolu 182-quater u quinquies, li jagħti kompetenza lill-imħallfin ordinarji biex jagħtu l-privileġġ tal-prededuċċibbiltà lil ċertu self, notevolment jekk dak is-self ikun indispensabbi għat-tkomplija tal-attivitajiet tal-kumpanija u jiżgura li l-kredituri jkunu moqdijin aħjar.

3.3.3. Il-vantaġġ ekonomiku

- (93) L-awtoritajiet Taljani huma tal-opinjoni li l-kondizzjonijiet tas-self huma kondizzjonijiet normali tas-suq għal self mogħti b'kollateral baxx. Is-self mogħti mill-istituzzjonijiet ta' finanzjament għandu rata ta' interassi Euribor ta' 3 xhur + [...] punti bażi kull sena. It-tul tas-self huwa mill-11 ta' Settembru 2014 sat-28 ta' Frar 2015. Il-kuntratt għandu l-kondizzjonijiet tas-soltu. Peress li sadanittan Ilva dāħlet f'amministrazzjoni straordinarja, li matulha l-kredituri mhumiex intitolati li jinfuraw il-pretensjonijiet tagħhom, is-self ma ġiex rimborżat fi tmiem l-iskadensa tiegħu. Matul l-amministrazzjoni straordinarja d-djun kollha jridu jiġu rimborżati skont ir-regoli applikabbli.
- (94) Dwar il-kwistjoni rigward jekk l-għoti tas-self kienx sar possibbli permezz tal-għoti tal-prededuċċibbiltà, l-awtoritajiet Taljani sostnew li r-rikonoxximent tan-natura prededuċċibbli sseħħi biss wara li l-qorti nazzjonali kompetenti tkun ivverifikat li s-self jikkonforma mal-kondizzjonijiet kollha meħtieġa mill-Artikolu 12, paragrafu 5 tad-Digriet Amministrattiv Nru 101/2013, wara l-proċedura tat-testija tal-lista tal-kredituri (*accertamento del passivo*). Għalhekk, fil-mument tal-għoti tas-self il-kwalifika tal-kreditu bħala prededuċċibbli kienet biss ipotetika.

3.4. Miżura 3

- (95) L-awtoritajiet Taljani l-ewwel innotaw li s-self garantit skont il-liġi huwa assenjat esklusivament għall-investimenti inklużi fil-Pjan Ambjentali. Għalhekk, dan huwa maħsub biex jittratta t-tħassib tal-Kummissjoni inkluż fl-Opinjoni Motivata.

3.4.1. Ir-riżorsi tal-Istat u l-vantaġġ ekonomiku

- (96) Skont l-awtoritajiet Taljani, l-użu ta' riżorsi tal-Istat ma jirriżultax mill-fatt li l-garanziji tal-Istat ipoġġu r-riżorsi tal-Istat fiskju fkaż li dawn jinxraw. Minflok, ir-riżorsi tal-Istat jintlaqtu biss jekk it-telf potenzjali għall-Istat ma jkunx remunerat b'mod xieraq.
- (97) F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Taljani jqis li l-primjum tal-garanzija ta' 3,12 % huwa wieħed orjentat lejn is-suq, u dan minħabba diversi raġunijiet.
- (98) L-ewwel nett, l-awtoritajiet Taljani kkommissionaw studju espert (minn hawn 'l quddiem "l-opinjoni [...]" biex jiġi stabilit dan il-primjum. L-opinjoni [...] tiddependi fuq metodoloġija stabbilita skont il-punt 3.2(d) tal-Avvil tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għal għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji ("l-Avvil ta' Garanzija")⁽⁵⁰⁾:
 - (a) Ir-riskju tal-kreditu tal-mutwatarju ġie analizzat permezz ta' mudell li jippermetti l-assenazzjoni ta' punteġġ tal-kreditu abbażi tal-informazzjoni disponibbli;
 - (b) Filwaqt li tqies dak il-punteġġ tal-kreditu, saret analiżi ta' benchmarking biex tintgħażel medda raġonevoli ta' valuri tas-suq għall-primjum tal-garanzija abbażi tad-diversi metodoloġiji użati mill-prattika internazzjonali;
 - (c) Ir-riżultati miksuba komplew jiġu kkorrororati bi kriterji ta' evalwazzjoni addizzjonali;
 - (d) Ir-riżultat kien Euribor ta' 6 xhur + medda ta' bejn 2,5 % u 3,12 %;
 - (e) Intgħażel l-ogħla perċentwal.
- (99) It-tieni nett, il-primjum tal-garanzija u r-rata tal-imġħax tas-self imħalla minn Ilva b'mod ġenerali jaqgħu fil-medda indikata fil-premessa 90 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ (jiġifieri li l-marġni għal self lil kumpanija teknikament insolventi bi klassifikazzjoni taħt is-CCC tkun bejn 400 u 1 000 punt bażi). F'dan ir-rigward, in-natura prededuċċibbli tas-self garantit jeħtieġ li titqis meta jiġi vvalutat ir-riskju tal-kreditu marbut miegħu.

⁽⁵⁰⁾ L-Avvil tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10).

- (100) It-tielet nett, ir-riskju li ħa l-Istat għandu jiġi vvaluat apparagun mal-objettivi ġeneralji tal-profitabbiltà tal-Istat. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-miżura kienet allokata għall-infiq meħtieġ fuq il-konformità mal-obbligi ambjentali tal-Istat. Taljan li jirriżultaw mill-Opinjoni Motivata tal-Kummissjoni. Il-prinċipju ta' investitur fekonomija tas-suq jeħtieġ għalhekk jiġi vvaluat globalment apapragun mal-konsiderazzjonijiet rilevanti kollha għall-Istat, inkluż il-fatt li l-piżi aħħar fuq ir-riżorsi tal-Istat ikun inqas jekk l-investimenti ambjentali jitwettqu biss-saħħha tal-miżura 3 (⁽⁵¹⁾).
- (101) Fil-qosor, l-Italja temmen li: (i) il-garanzija hija remunerata skont il-kondizzjonijiet tas-suq, u (ii) ir-riskju li ħa l-Istat bħala garanti huwa ekonomikament razzjonali u koerenti mal-objettivi ġeneralji tal-profitabbiltà tal-Istat.
- (102) Fl-aħħar, l-Italja saħqet li mhux rari li l-istituzzjonijiet ta' kreditu digħà esposti għal kumpanija li tkun għaddejja minn proċedimenti ta' insolvenza jipprovdha finanzjament *interim* predeċubbi addizzjonali għal din il-kumpanija, anke f'każi fejn tali finanzjament ma jkunx sostnun b'xi garanzija tal-Istat. Għalhekk, l-imġiba tal-banek Intesa Sanpaolo u Banco Popolare fir-rigward tal-miżura 3 mhix xi ħaġa rari. Dawn il-banek kif ukoll banek oħra digħà esposti għal Ilva kienu qed iżommu linji ta' kreditu miftuħa għall-benefiċċju ta' Ilva, minkejja n-nuqqas ta' garanziji tal-Istat fuq dawn il-linji ta' kreditu.

3.5. Miżura 4

- (103) L-awtoritajiet Taljani enfasizzaw li d-dispożizzjoni legali fl-Artikolu 3, paragrafu 5 tad-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015 ma imponietx fuq l-impriżi xi obbligu biex ifittxu ftehim iżda kienet biss proċedurali, u b'hekk ippermettiet li l-Kummissarji Straordinarji ta' Ilva jużaw il-fondi mis-saldo fil-kuntest tal-proċedura tal-amministrazzjoni straordinarja. Is-saldo ġie konkluż b'mod ħieles u volontarju minn Ilva u Fintecna.

3.5.1. Il-prinċipju tal-operatur fl-ekonomija tas-suq

- (104) L-awtoritajiet Taljani saħqu li fil-fehma tagħhom Fintecna, li hija korporazzjoni tal-Istat, ġeneralment topera bħal kull operatur ieħor fekonomija tas-suq (⁽⁵²⁾). Dan kien ikkonfermat mid-Deċiżjoni tal-Ftuħ infisha li, skont l-awtoritajiet Taljani, tiddikjara li l-klawsola tal-kuntratt tal-1996 kienet impenn li bejjiegħ privat kien ikun wettaq u li l-ammont imħallas minn Fintecna kien koerenti ma' deċiżjoni razzjonali meħuda minn investitur privat (⁽⁵³⁾).
- (105) Madankollu, id-Deċiżjoni tal-Ftuħ dehret tiddubita jekk operatur privat kienx jistenna fażi aktar avvanzata tar-ristrutturar ta' Ilva qabel ma jissodisfa l-obbligu tiegħu. L-awtoritajiet Taljani huma tal-opinjoni li t-tranżazzjoni tirrappreżenta s-sempliċi twettiq ta' obbligu kuntrattwali għal danni ambjentali. Għalhekk, il-piżi finanzjarju għal Fintecna ma jagħtix xi vantaġġ partikolari lill-impriżi involuti, kif iddefinit mis-sentenzi tal-Qorti fi *Sloman Neptun* (⁽⁵⁴⁾) u *Ecotrade* (⁽⁵⁵⁾).
- (106) L-awtoritajiet Taljani jfakkru fil-proċedura preliminari bir-reqqa, inklużi l-opinjonijiet u r-rapporti tal-esperti, segwita minn Fintecna qabel ma ħadet id-deċiżjoni finali fl-4 ta' Marzu 2015 li tasal għal ftehim. Permezz talf-tehim, Fintecna temmet kull responsabbiltà legali li setgħet ikkawżat spejjeż saħansitra oħħla għal danni futuri. L-imġiba alternattiva msemmija fil-premessa 96 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ (jigħiġi n-nonpagament jew l-pagament inqas immedjat fil-perspettiva tat-tibdil fil-ġestjoni ta' Ilva) kienet tkun tirrappreżenta attitudni opportunistika u riskużja li ma kinitx tkun kompatibbli ma' dik ta' operatur fekonomija tas-suq kif iddeffinit mill-Qorti (⁽⁵⁶⁾).

(⁵¹) Is-Sentenza tal-Qorti tal-5 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni vs Électricité de France (EDF)*, C-124/10 P, ECLI:EU:C:2012:318, il-paragrafi 86-87.

(⁵²) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2005 fil-każ C2/2005 Alitalia — Pjan Industriel de Restructuration, premessa 207 u 217-218.

(⁵³) Premessi 93 u 94 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ.

(⁵⁴) Is-Sentenza tal-Qorti tas-17 ta' Marzu 1993, *Firma Sloman Neptun Schiffahrts AG vs Seebetriebsrat Bodo Ziesemer der Sloman Neptun Schiffahrts AG*, C-72/91, ECLI:EU:C:1993:97, il-paragrafu 21.

(⁵⁵) Is-Sentenza tal-Qorti tal-1 ta' Diċembru 1998, *Ecotrade Srl vs Altiforni e Ferriere di Servola SpA (AFS)*, C-200/97, ECLI:EU:C:1998:579, il-paragrafu 36.

(⁵⁶) Ara, fost oħrajn, is-Sentenza tal-Qorti tad-19 ta' Marzu 2013, *Bouygues SA u Bouygues Télécom SA vs Il-Kummissjoni*, fil-kawżi kongħunti C-399/10 P u C-401/10 P, ECLI:EU:C:2013:175.

3.6. Miżura 5

3.6.1. Il-vantaġġ ekonomiku selettiv

- (107) L-awtoritajiet Taljani huma tal-opinjoni li l-kondizzjonijiet tas-self huma l-kondizzjonijiet normali tas-suq. Is-self mogħti mill-Istat iġorr interess bir-rata annwali ta' Euribor ta' 6 xhur + 300 punt bażi. Ġurnata tax-xogħol qabel l-għoti tas-self, l-Euribor ta' 6 xhur kien – 0,04 %. Għalhekk, ir-rata tal-imgħax għet iffissata għal 2,96 %.
- (108) L-Italja ssostni li din ir-rata hija konformi mal-opinjoni [...] mħejjija għall-iskop tal-għoti tal-miżura 3 (ara l-premessa 98). L-opinjoni [...] tindika li rata ta' imgħax fil-medda ta' bejn 2,50 % u 3,12 % tkun konformi mas-suq. Fin-nuqqas ta' bidli sinifikanti fis-sitwazzjoni ta' Ilva bejn l-għoti tal-miżura 3 u l-għoti tal-miżura 5 (April 2015 vs Diċembru 2015), l-awtoritajiet Taljani jqisu li l-opinjoni [...] tista' tintuża biex tiġi vvalutata l-miżura 5.
- (109) Barra minn hekk, l-Italja tenfasizza li s-self huwa prededuċċibbli — fatt addizzjonali importanti li l-Kummissjoni jeħtieġ li tqis meta tevalwa r-riskju tal-kreditu marbut miegħu.
- (110) Barra minn hekk, l-Italja ssostni li l-miżura 5 sservi l-fini li tiffaċilita l-proċess tal-bejgħ ta' Ilva u fil-frattemp tiggarrantixxi l-operazzjonijiet b'mod kompatibbli mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-ambjent, tas-sahħha u tal-impjieg.
- (111) Fl-aħħar nett, l-Italja tfakkari li fid-9 ta' Ġunju 2016, id-Digriet Amministrattiv Nru 98/2016 emenda l-obbligu tar-rimborż tas-self billi ttrasferih mill-akkwirent tal-assi ta' Ilva lejn Ilva nifisha. Barra minn hekk, minħabba bidliet fil-proċess tal-bejgħ u biex jiġi evitat il-posponiment tad-data finali tal-ħlas tas-self lil hinn mill-iżvestiment finali tal-assi ta' Ilva, l-Artikolu 1(1)(a) tad-Digriet Amministrattiv Nru 243/2016 bidel id-data tal-ħlas lura tas-self għal 60 jum wara l-iżvestiment finali tal-assi ta' Ilva, u b'hekk ħarīgħa mill-obbligi tad-digriet li jiddikjara l-waqfien tal-attività ta' Ilva.

4. KUMMENTI MINN PARTIJIET INTERESSATI

4.1. Kummenti minn Ilva

- (112) Ilva infurmat lill-Kummissjoni li hija taqbel kompletament mar-rimarki ppreżentati mill-awtoritajiet Taljani, li huma miġbura fil-qosor fit-Taqsima 3 ta' din id-Deċiżjoni.

4.2. Kummenti minn Peacelink

- (113) Peacelink hija organizzazzjoni Taljana mhux governattiva li tfittem li tipprovdli liċ-ċittadini informazzjoni trasparenti dwar diversi suġġetti, bħal konflitti militari jew ambjentali.
- (114) Peacelink tqis li d-dubji li esprimiet il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha huma kompletament iġġustifikati. Fir-rigward tal-miżura 1, din issostni li l-ħlas antiċipat ta' ammonti maqbuda ġudizzjarjament iwassal biex l-Istat ikollu jerfa' r-riskju tal-eżitu tal-proċedura ġudizzjarja. Ebda operatur privat ma jaċċetta li jgħorr riskju bħal dan. Fir-rigward tal-miżura 2, Peacelink hija tal-fehma li ebda operatur tas-suq ma kien jagħti self lil Ilva mingħajr l-intervent mill-Istat. Barra minn hekk, dan l-intervent jinvvoli riskju fuq ir-riżorsi tal-Istat peress li jaffettewwa l-ordni tal-ħlas lura ta' krediti pubbliċi. Fir-rigward tal-miżura 3, Peacelink temmen li ebda kreditur tas-suq ma kien jagħti self skont it-termeni li ġew offruti lil Ilva. U fir-rigward tal-miżura 4, Peacelink tqis li hemm ġħajnuna mill-Istat minħabba li Fintecna aċċettat biss li ssalda l-pretensjoni tagħha minħabba d-dispożizzjonijiet stipulati fid-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015. Barra minn hekk, il-fatt li Fintecna hija proprietà pubblika jixħet dubju fuq il-kapaċità tagħha li taġixxi bħal operatur privat.
- (115) Peacelink talbet ukoll lill-Kummissjoni biex testendi l-ambitu tal-investigazzjoni fil-fond tagħha għas-sostenn pubbliku mogħti mid-Digriet Amministrattiv Nru 191/2015 fil-forma ta' self ta' EUR 300 miljun u ieħor ta' EUR 800 miljun.
- (116) Fl-aħħar nett, Peacelink ressjet rimarki dwar aspetti ambjentali ta' Ilva li mhumiex rilevanti għall-proċedura attwali ta' ġħajnejha mill-Istat.

4.3. Kummenti minn WV Stahl

- (117) WV Stahl hija l-assoċjazzjoni tal-kummerċ tal-industrija tal-azzar fil-Ġermanja. Din hija bbażata f'Düsseldorf.

- (118) WV Stahl taqbel mad-dubji mistqarra mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha. Fir-rigward tal-miżura 1, WV Stahl tqis li l-ħlas avvanzat ta' ammonti maqbuda ġudizzjarjament jagħti vantaġġ ekonomiku lil Ilva. Fir-rigward tal-miżura 2, hija tqis li l-prededuċċibb tħadhem bħala forma ta' garanzija u għalhekk hija mezz li jwassal għal ghajjnuna illegali. Fil-sehma tagħha, il-preżenza ta' ġħajjnuna mill-Istat fil-miżura 3 hija evidenti. Fir-rigward tal-miżura 4, WV Stahl tispjega li operatur f'ekonomija tas-suq ma kienx jaċċetta ftehim bħal dan.
- (119) WV Stahl wissiet lill-Kummissjoni dwar l-għoti potenzjali ta' sostenn addizzjonali mill-Istat fil-forma ta' żewġ selfiet, b'valur ta' EUR 300 miljun u EUR 800 miljun rispettivament. Hijha talbet lill-Kummissjoni biex tiżgura li ebda sostenn pubbliku ma jingħata lil Ilva. B'mod partikolari, kull nefqa tal-Istat fuq miżuri li jkunu meħtieġa b'mod urġenti biex jiġi affrontat it-snigga eżistenti u biex tiġi garantita s-saħħa pubblika f'Taranto, għandha tibqa' konformi mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u ma għandhiex tkun pretest għall-aġġornament tal-impjanti tal-azzar ta' Ilva.
- (120) Fl-aħħar nett, WV Stahl talbet lill-Kummissjoni biex tiżgura l-irkupru rapidu ta' kwalunkwe ġħajjnuna li tista' tinstab inkompatibbli wara investigazzjoni fil-fond. Fir-rigward tal-ħajnejha mill-Istat fil-forma ta' self, l-ammont tal-ħajnejha jeħtieġ li jiġi kkalkulat abbażi tad-differenza bejn ir-rata tal-imgħax imposta mill-Istat u dik li titqies bħala rata tas-suq fiż-żmien tal-ghajjnuna.

4.4. Kummenti minn Riva Fire SpA

- (121) Riva Fire SpA ("Riva Fire") kienet fil-kontroll ta' Ilva mill-1995, meta akkwistat il-kumpanija minn IRI, sal-4 ta' Ġunju 2013, meta l-ġestjoni tal-impjanti tal-azzar ta' Ilva ġiet trasferita lill-Kummissarju maħtur mill-Gvern skont id-Digriet Amministrattiv Nru 61/2013.
- (122) Ir-rimarki ta' Riva Fire għandhom l-għan li jiċċaraw dik li Riva Fire tqis bħala l-verżjoni vera tal-istorja tal-kumpanija sal-punt li din tal-aħħar daħlet fi proċedimenti ta' insolvenza skont id-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015. B'mod partikolari, Riva Fire issostni li twarrbet b'mod mhux xieraq mill-ġestjoni ta' Ilva permezz ta' sensiela ta' miżuri maħruġa mill-ġudikatura Taljana u mill-poteri eżekuttivi, mingħajr ma setgħet tiddefendi l-fehmiet tagħha fi proċedura kontradittorja xierqa li tiżgura d-drittijiet ta' difiżza tagħha.
- (123) Riva Fire ma kkummentax b'mod speċifiku dwar xi waħda mill-miżuri, li huma l-għan tad-Deċiżjonijiet tal-Ftuħ jew tal-Estensjoni.
- (124) Madankollu, din tisħaq fuq dak li tara kontraditorju fil-preżentazzjoni tal-fatti mill-awtoritajiet Taljani. Skond Riva Fire, minn naħa, l-awtoritajiet Taljani sostnew fil-kuntest tal-investigazzjoni tal-ħajnejha mill-Istat tal-Kummissjoni li r-riżorsi pubbliċi mogħtija lil Ilva ma kinu xikkostitwixxu ġħajjnuna mill-Istat minħabba l-fatt li kellhom jintużaw għal rimedju ambjentali, filwaqt li min-naħħa l-oħra huma sostnew ukoll fil-kuntest tal-proċedura ta' ksur ambjentali tal-Kummissjoni li ma kien hemm ebda riskju ambjentali jew riskju relatati mas-saħħa marbut mal-faċċilità ta' Ilva f'Taranto.

4.5. Kummenti mill-Italja dwar il-kummenti tal-partijiet interessati

- (125) Il-Kummissjoni għaddiet ir-rimarki ta' Riva Fire, Peacelink, WV Stahl u Ilva lill-awtoritajiet Taljani.
- (126) L-awtoritajiet Taljani jqisu li dawn ir-rimarki huma ġeneriċi fil-formulazzjoni tagħhom jew irrilevanti għall-proċedura preżenti. Skont il-fehma tagħhom, l-argumenti ġeneriċi li jinsabu f'dan is-sett ta' rimarki digħi ġew indirizzati mill-kummenti mressqa mill-awtoritajiet Taljani b'rposta għad-Deċiżjonijiet tal-Ftuħ u tal-Extensjoni.
- (127) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani jqisu li l-pożizzjoni ta' Riva Fire rigward il-kontradizzjoni apparenti deskritta fil-premessa 124 hija bla bażi. L-awtoritajiet Taljani rrikonoxxew b'mod inekwivoku l-emerġenza sanitaria u ambjentali fiż-żona ta' Taranto. Il-kwota magħżula minn Riva Fire rigward l-allegat nuqqas ta' riskji ambjentali u ta' riskji relatati mas-saħħa f'Taranto kieku kienet tittieħed barra mill-kuntest tagħha u f'eħda każ ma kienet tkun tirriflett l-pożizzjoni ufficijal tal-awtoritajiet Taljani.

5. IL-VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

5.1. Rigward l-allegata kontradizzjoni bejn il-proċeduri ta' għajnuna mill-Istat u l-proċedimenti għal ksur tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni

- (128) B'mod ġenerali, l-awtoritajiet Taljani jsostnu li d-diversi interventi tal-Istat favur Ilva primarjament kellhom l-għan li jindirizzaw it-tħassib mistqarr mill-Kummissjoni fl-Opinjoni Motivata tagħha. Riva Fire, fir-rimarki tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ, tinnota kontradizzjoni fl-allegazzjonijiet tal-awtoritajiet Taljani fil-proċedura ta' ksur u ta' għajnuna mill-Istat (ara l-premessa 124 u l-kontroargument tal-Italja fil-premessa 127). Skont l-Italja, il-Kummissjoni tkun qed tikkontradixxi lilha nfisha meta, minn naħa, tirrikjedi mill-Italja l-implementazzjoni rapida tax-xogħliji meħtieġa biex l-impjant ta' Taranto jsir konformi mar-regoli ambjentali applikabbli u mbagħad, min-naħa l-oħra, iżżomm lill-awtoritajiet milli jiffinanzjaw dawk ix-xogħliji.
- (129) Il-Kummissjoni tħiġi dan l-argument. Bħala kwistjoni ta' prinċipju, il-waqfien mill-ksur ta' sett ta' regoli partikolari ma jiġiustifikax il-ksur ta' sett ieħor ta' regoli. F'dan il-każ, l-infurzar tal-konformità mar-regoli ambjentali tal-Unjoni applikabbli ma għandux isir bi ksur tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat billi jingħata sostenn pubbliku li mhux disponibbli għall-kompetituri ta' Ilva, li min-naħa tagħhom ukoll għandhom jikkonformaw mar-regoli ambjentali tal-Unjoni mingħajr ma jibbenfikaw minn sostenn illegali simili tal-Istat.
- (130) Imbagħad, l-awtoritajiet Taljani jargumentaw li l-miżuri ta' sostenn pubbliku allokati għall-implementazzjoni tal-Pjan Ambjentali jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE peress li dawn huma maħsuba biex jirrimedjaw danni ambjentali sakemm jiġi identifikat l-inkwinatur, fkonformità mad-Direttiva 2004/35/KE u mal-Artikolu 250 tal-Kodiċi Ambjentali Taljan, kif ukoll mal-premessa 114 u 115 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-Kummissjoni.
- (131) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunament żviluppat mill-awtoritajiet Taljani huwa żbaljat minħabba r-raġunijiet li ġejjin.
- (132) Bħala rimarka preliminari, il-Kummissjoni tfakkar li kienu biss il-miżuri 1 u 3 li ġew assenjati mil-liġi għall-implementazzjoni tal-Pjan Ambjentali.
- (133) L-iktar importanti, huwa l-effett tal-miżura fuq l-impriża biss li jitqies rilevanti, u mhux il-kawża jew l-objettiv tal-intervent mill-Istat⁽⁵⁷⁾. Ġalad arbha l-effett tal-miżura fuq l-impriża biss huwa importanti, kwalunkwe għan ambjentali jew għan ieħor li jsejjes il-miżura bħala tali huwa irrelative. Huwa wkoll irrelative jekk il-vantaġġ ikunx obbligatorju għall-impriża minħabba li din ma tkunx tista' tevitah jew tirrifjutah⁽⁵⁸⁾.
- (134) Għalhekk, l-interventi pubbliċi mwettqa skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2004/35/KE ma jaqgħux barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. L-Artikolu 107(1) tat-TFUE japplika bl-istess mod għaż-żewġ xenarji differenti: (i) meta l-inkwinatur ma jkunx għadu ġie identifikat u (ii) meta l-inkwinatur ikun ġie identifikat iż-żda jonqos milli jieħu l-azzjonijiet ta' rimedju meħtieġa. Fiż-żewġ xenarji, l-azzjonijiet ta' tindif meħdulin mill-Istat isiru għajnuna mill-Istat jekk l-Istat itaffi l-piż li normalment jingārr minn beneficijru bħal Ilva u ma jippruvax jitlob lura mingħand l-inkwinatur identifikat ir-riżorsi li jkun uża għat-tindif.
- (135) F'dan il-każ id-Deċiżjoni tal-Ftuħ tippermetti biss kopertura temporanja mill-Istat ta' miżuri ta' tindif urġenti, u dan biss sal-mument li jiġi identifikat l-inkwinatur u bil-kondizzjoni li l-Italja titlob lura l-ispejjeż mingħand l-inkwinatur⁽⁵⁹⁾. Id-Deċiżjoni tal-Ftuħ għalhekk ma tagħti ebda permess assolut u inkondizzjonat biex jintużaw fondi tal-Istat sabiex jiġi implementati r-rekwiżiti mqajma fl-Opinjoni Motivata u/jew fil-Pjan Ambjentali ta' Ilva.
- (136) F'dan ir-rigward, pereżempju, il-Kummissjoni tinnota li l-Pjan Ambjentali li tirreferi għalih l-Italja jinkludi sensiela ta' miżuri li ma jistgħux jiġi kklassifikati bħala "miżuri ta' tindif urġenti" iż-żda pjuttost bħala titjib maħsub biex jaġġonna l-prestazzjoni ta' Ilva fkonformità mal-istandardi ambjentali applikabbli għall-produzzjoni tal-azzar, kif stabbilit fil-permess ambjentali ta' Ilva.

⁽⁵⁷⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Lulju 1974, *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, 173/73, ECLI:EU:C:1974:71, il-paragrafu 13.

⁽⁵⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/339/KE tal-15 ta' Ottubru 2003 dwar il-miżuri implementati mill-Italja għal RAI SpA (ĠU L 119, 23.4.2004, p. 1), il-premessa 69; l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Fennelly tas-26 ta' Novembru 1998, *Franza vs Il-Kummissjoni*, C-251/97, ECLI:EU:C:1998:572, il-paragrafu 26.

⁽⁵⁹⁾ Il-Premessi 114 u 115 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ.

- (137) L-aktar importanti, ġaladarba huma biss l-effetti tal-miżuri tal-Istat li huma importanti (u mhux il-kawżi jew l-objektiivi tagħhom), ma jistax jiġi dedott li miżuri li bħala tali jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat ma jibqgħux jitqiesu bħala għajnuna semplicejment għaliex jintużaw għall-Pjan Ambjentali ta' Ilva. Id-Deċiżjoni tal-Ftuħ ma tippermettix (u ma setgħet qatt tippermetti) dan.
- (138) Bħala konklużjoni, l-Italja ma tistax tistrieħ fuq ir-rekwiżiti mressqa fl-Opinjoni Motivata u fuq id-diċitura tal-premessa 114 u 115 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-Kummissjoni biex tikkwalifika l-finanzjament mill-Istat tal-oparazzjonijiet attwali ta' Ilva kif ukoll l-ispejjeż ambjentali bħala miżuri li ma jikkostitwixxu għajnuna.

5.2. L-eżistenza tal-għajnuna

- (139) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti prodduturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbi mas-suq intern."
- (140) Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma kumulattivi. Għalhekk, sabiex jiġi determinat jekk il-miżura inkwistjoni tikkostitwixx għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, għandhom jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:
- (a) il-benefiċjarju jkun impriżi skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, li jimplika li huwa jinvolvi ruħu f'attività ekonomika;
 - (b) il-miżura tkun iffinanzjata minn riżorsi tal-Istat u tkun imputabbi lill-Istat;
 - (c) il-miżura tagħti vantaġġ ekonomiku;
 - (d) dan il-vantaġġ ikun selettiv;
 - (e) il-miżura tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (141) Fir-rigward tal-issodisfar tal-kondizzjoni li l-benefiċjarju għandu jkun impriżi skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti ddefinixxiet impriżi bħala entitajiet involuti f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħhom u mill-mod li dawn jiġi ffinanzjati⁽⁶⁰⁾ filwaqt li kwalunkwe attività li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti u ta' servizzi f'suq hija attività ekonomika⁽⁶¹⁾. Il-Kummissjoni tinnota li Ilva tipproduċi u tbieġi l-azzar fis-suq tal-Unjoni u barra minnu, u li dan jikkwalifika bħala attività ekonomika. Għaldaqstant il-Kummissjoni tikkonkludi li Ilva, irrispettivament mis-sjeda jew mill-istatus li għandha taħt l-amministrazzjoni straordinarja skont il-liggi Taljana, hija impriżi skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.
- (142) Il-Kummissjoni għandha tanalizza jekk il-miżuri jfixklux jew jheddu li jfixklu l-kompetizzjoni u jekk jistax ikollhom effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Hemm is-suppożizzjoni li meta l-għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssahħħah il-pożizzjoni ta' impriżi meta mqabbla ma' impriżi oħra jnli jikk kompetu fil-kummerċ intra-Unjoni, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu bħala affettwati minn dik l-għajnuna⁽⁶²⁾. Skont din huwa biżżejjed li l-benefiċjarju tal-għajnuna jikkompeti ma' impriżi oħra fi swieq miftuħha għall-kompetizzjoni⁽⁶³⁾. Is-swieg tal-azzar tal-karbonju li topera fihom Ilva huma soġġetti għal kompetizzjoni u kummerċ intra-Unjoni intensi⁽⁶⁴⁾ u Ilva tbigħ il-prodotti tagħha fl-Italja u fi Stati Membri oħra. B'rīżultat ta' dan, il-miżuri kollha taħt valutazzjoni jfixklu jew jheddu li jfixklu l-kompetizzjoni u jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (143) Għall-kriterji l-oħra stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE u elenkti hawn fuq fil-premessa 140, punti (b), (c) u (d), il-Kummissjoni se tipproċedi b'valutazzjoni separata għal kull miżura.

⁽⁶⁰⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2000, *Pavlov et al*, il-Kawżi Magħquda C-180/98 sa C-184/98, ECLI:EU:C:2000:428, il-paragrafu 74; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2006, *Cassa di Risparmio di Firenze SpA et al*, C-222/04, ECLI:EU:C:2006:8, il-paragrafu 107.

⁽⁶¹⁾ Ara Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Ġunju 1987, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, C-118/85, ECLI:EU:C:1987:283, il-paragrafu 7; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Ġunju 1998, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, C-35/96, ECLI:EU:C:1998:303, il-paragrafu 36; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2000, *Pavlov et al*, il-Kawżi Magħquda C-180/98 sa C-184/98, ECLI:EU:C:2000:428, il-paragrafu 75.

⁽⁶²⁾ Ara, b'mod partikolari, is-Sentenza tal-Qorti tas-17 ta' Settembru 1980, *Philip Morris vs il-Kummissjoni*, C-730/79, ECLI:EU:C:1980:209, il-paragrafu 11; is-Sentenza tal-Qorti tat-22 ta' Novembru 2001, *Ferring*, C-53/00, ECLI:EU:C:2001:627, il-paragrafu 21; is-Sentenza tal-Qorti tad-29 ta' April 2004, *l-Italja vs il-Kummissjoni*, C-372/97, ECLI:EU:C:2004:234, il-paragrafu 44.

⁽⁶³⁾ Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 1998, *Het Vlaamse Gewest vs il-Kummissjoni*, T-214/95, ECLI:EU:T:1998:77.

⁽⁶⁴⁾ Ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2006 dwar il-fużjoni Mittal/Arcelor (M.4137), fejn il-Kummissjoni qieset li d-definizzjoni ġeografika rilevanti għas-swieq tal-azzar kienet tal-anqas iż-ŻEEN kollha.

5.2.1. Miżura 1

- (144) Kif spjegat fil-premessa 21, fl-24 ta' Mejju 2017 il-familja Riva u Ilva laħqu ftehim ta' soluzzjoni, li permezz tiegħu ġiet riżolta t-tilwima li kienet għaddejja bejn l-amministrazzjoni straordinarja ta' Ilva u l-membri tal-familja Riva.
- (145) Il-ftehim ta' soluzzjoni huwa purament ftehim bejn partijiet privati, jiġifieri ġerti membri tal-familja Riva li jaġixxu fil-kapaċċità tagħhom bħala azzjonisti ta' Ilva u l-ġestjoni attwali ta' Ilva li tinsab taħt amministrazzjoni straordinarja. [...]. Ilva mhix parti f'dawk il-proċessi kriminali. L-ammonti li għandhom jiġu ttrasferiti lil Ilva skont il-ftehim ta' soluzzjoni jinkludu: (i) l-assi Riva miżmuma mill-familja Riva fil-kontijiet bankarji barranin tagħhom, li għandhom isiru definitivament disponibbli għal Ilva fil-forma legali prevista fl-Artikolu 3, paragrafu 1 tad-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015, jiġifieri fil-forma ta' bonds li għandhom jiġu sottoskritti mill-Fondo Unico di Giustizia, mingħajr ma l-bonds ikollhom jiġu rritornati lill-membri tal-familja Riva anke fil-każ tal-liberazzjoni tagħhom; u (ii) ammont ieħor ta' EUR 145 miljun.
- (146) Meta mqabel mas-sitwazzjoni fiż-żmien tad-Deċiżjoni tal-Ftuu, dan il-ftehim ta' soluzzjoni jikkostitwixxi fatt ġdid li għandu jitqies fil-valutazzjoni finali tal-miżura 1 mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-vantaġġ possibbli mogħti lil Ilva u tal-imputabbiltà tal-miżura lill-Istat.
- (147) F'dan ir-rigward, mħuwiex qed jiġi kkontestat li l-intenzjoni li l-assi Riva jiġu ttrasferiti lil Ilva qabel tniem il-proċessi kriminali kienet oriġinarjament dik tal-awtoritajiet Taljani, kif spjegat fid-Deċiżjoni tal-Ftuu. Madankollu huwa fatt li, minkejja d-dispożizzjonijiet tad-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015 u d-Decreto di Trasferimento sussegwenti, it-trasferiment tal-assi Riva baqa' ma seħħix kaġun tal-oppożizzjoni soda tal-qorti Ċvizziera biex teżiegwixxi din l-ordni mingħajr il-kunsens minn qabel tas-sidien puttavvi tal-assi — il-membri tal-familja Riva. Is-sitwazzjoni setgħet tiżżblokk ruħha biss meta l-membri tal-familja Riva d-deċidew huma stess, permezz ta' ftehim ta' soluzzjoni purament privat li jittrafherxxu l-assi li kellhom taħt il-kontroll tagħhom lil Ilva⁽⁶⁵⁾. Huwa wkoll fatt li l-ambitu tal-ftehim ta' soluzzjoni ma jaqbil perfettament mal-formulazzjoni kollha mfassla mill-awtoritajiet Taljani fid-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015: l-ewwel, l-ammonti ttrasferiti lil Ilva huma filfatt oħla minn dak ipprovdut f'dan id-Digriet Amministrattiv u, it-tieni, hemm kontropartijiet importanti mogħtija lill-familja Riva bi skambju għat-trasferiment tal-ammonti.
- (148) L-eżistenza ta' dan il-ftehim ta' soluzzjoni privat u l-fatt li s-sitwazzjoni żbllokka ruħha biss wara li ntlaħaq dan il-ftehim, jikkostitwixxi evidenza li d-deċiżjoni li l-assi Riva jiġu ttrasferiti lil Ilva eventwalment kienet (i) parti minn ftehim usa' li kien qed jirrikonċi l-interessi privati tal-familja Riva u ta' Ilva, u (ii) fidejn il-familja Riva u Ilva (mhux fidejn l-Istat). Dan irid jitqies biex jiġi ddeterminat jekk id-dubbi inizjali tal-Kummissjoni dwar jekk it-tranżazzjoni tagħtix vantaġġ ekonomiku lil Ilva u dwar jekk hix imputabbi lill-Istat għandhomx jibqgħu hemm.
- (149) Fir-rigward tal-imputabbiltà lill-Istat tat-trasferiment tal-assi tal-familja Riva lill-Ilva, il-Kummissjoni tinnota li dan it-trasferiment twettaq bħala parti minn ftehim usa' li ġie deċiż mill-familja Riva u Ilva. Għal darb'oħra, mħuwiex qiegħed jiġi kkontestat li l-intenzjoni inizjali li jiġu ttrasferiti assi mill-familja Riva lejn Ilva qabel tniem il-proċessi kriminali kienet dik tal-awtoritajiet Taljani. Madankollu, id-deċiżjoni finali ttieħdet mill-familja Riva permezz tal-ftehim ta' soluzzjoni, li fl-implimentazzjoni tiegħu ittra li nbagħtet mill-familja Riva biex tagħti struzzjonijiet lill-banek barranin biex jirrilaxxaw il-fondi effettivament ippermettiet it-twettiq tat-trasferiment lil Ilva. Għaldaqstant, il-bażi tat-trasferiment tal-assi Riva lil Ilva hija l-ftehim privat ta' soluzzjoni li ntlaħaq bejn il-familja Riva u Ilva, li mhux imputabbi lill-Istat.
- (150) Barra minn hekk il-Kummissjoni tosserva, fir-rigward tal-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku, li fil-ftehim ta' soluzzjoni mal-familja Riva ma jidhirx li Ilva rċeviet xi beneficiċi li ma kienx ikun possibbli li tirċievi f'kondizzjoni normali tas-suq. Il-familja Riva kellha incenċiv biex tidħol f'negozjati ta' soluzzjoni minħabba li din kienet esposta għar-riskju li jkollha tħallas sa EUR [...] lil Ilva fi pretensjonijiet ta' danni bis-suppożizzjoni li l-pretenzjoni kollha ta' Ilva kienu filfatt se jintlaqgħu mill-imħallef nazzjonali. Min-naħħa tagħha, Ilva kellha htiegħ ta' likwidit p-juttost urġenti biex tiffinanzja l-operazzjonijiet attwali kif ukoll il-miżuri tat-tindif iddefiniti fil-Pjan Ambjentali. Ilva għalhekk qabel li tirrinunzja għal kwalunkwe pretensijni futura (potenzjalment b'valur li jlaħħaq EUR [...]) bi skambju għat-trasferiment immedjat ta' madwar EUR 1,2 biljun, li parti minnhom huma l-assi Riva

⁽⁶⁵⁾ F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-assi Riva baqgħu fil-kontijiet bankarji tal-membri tal-familja Riva barra l-Italja sal-eżekuzzjoni finali tal-ftehim ta' soluzzjoni f'Għunju 2017.

fil-mira tad-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015. Din l-imġiba tirrifletti l-fatt li l-operaturi prudenti li jridu jevitaw it-telf jistgħu jippreferu jsolu tilwima li tkun ilha tkaxkar b'mod amikevoli aktar milli jirriżorru għal imħallef jew arbitru. F'dan l-isfond, xejn ma jindika li l-ftehim ta' soluzzjoni milħuq minn Ilva u l-familja Riva ma ġiex deċiż fl-interessi reċiproċi taż-żewġ partijiet privati. Għalhekk, ġaladbarba l-ftehim kollu ta' soluzzjoni sar taħt kondizzjonijiet normali tas-suq bejn Ilva u l-azzjonisti tagħha u għaldaqstant ma jagħti ebda vantaġġ ekonomiku lil Ilva, it-trasferiment tal-assi Riva li jagħmel parti minn din il-ftehim ġenerali lanqas ma jagħti xi vantaġġ ekonomiku lil Ilva.

- (151) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li t-trasferiment tal-assi Riva lil Ilva fil-forma legali prevista mid-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015 la jagħti vantaġġ ekonomiku lil Ilva u lanqas ma huwa imputabbi lill-Istat Taljan.

5.2.1.1. Konklużjoni dwar il-miżura 1

- (152) Abbażi tal-fatti msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura implementata mhix imputabbi lill-Istat. Peress li l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma kumulattivi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura 1 ma tikkostitwix ghajjnha mill-Istat.

5.2.2. Miżura 2

5.2.2.1. Il-vantaġġ ekonomiku li jirriżulta minn riżorsi tal-Istat

- (153) Sabiex tivvaluta jekk il-miżura 2 tagħtix vantaġġ ekonomiku lil Ilva, il-Kummissjoni l-ewwel analizzat l-argumenti tal-Italja ppreżentati fil-premessa 87 dwar il-karatru regolatorju ta' din il-miżura. Skont l-Italja, id-dispożizzjoni leġiżlattiva inkwistjoni semplicemente timplimenta prinċipju ġenerali tal-liggi li jippermetti l-istatus tal-prededubbiltà tal-krediti, jekk dan ikun meħtieġ biex jiġu ppreżervati l-valur ta' impriża u l-ġestjoni tal-assi tagħha.
- (154) Bl-adozzjoni tal-miżura 2, l-Italja poġġiet lill-kumpaniji kważi insolventi bħal Ilva, li huma ta' interessa strateġiku nazzjonali, taħt is-sistema tal-prededubbiltà, li hija karatteristika komuni tal-proċedimenti ta' insolvenza. Din hija karatteristika essenzjali tal-qasas legali ġenerali dwar l-insolvenza applikabbli għall-impriżi kollha li joperaw fl-Italja u li jkunu soġġetti għal insolvenza jew qrib l-insolvenza ("Legge Fallimentare" stipulata fir-Regio *decreto*, 16 ta' Marzu 1942, Nru 267 (ara l-premessa 92).
- (155) Il-Kummissjoni tqis li, ġaladbarba l-Italja aġixxiet bħala awtorità regolatorja pubblika aktar milli bħala investitur, ma hemm ebda raġuni biex isir it-test tal-operatur fekonomija tas-suq, li l-kriterju deċiżiv għall-eżiżenza ta' xi vantaġġ fil-miżura 2 muħwiex jekk l-Istat jimmassimizzax ir-ritorn jew jimmiminizzax it-telf ta' riżorsi tal-Istat li jirriżultaw mill-miżura. Madankollu, il-Kummissjoni għadha trid tevalwa jekk il-miżura 2 tinvolvix xi forma oħra ta' vantaġġ li ġejja mir-riżorsi tal-Istat.
- (156) Għaldaqstant isegwi, mill-inapplikabbiltà tat-test tal-operatur fekonomija tas-suq, li l-kriterju deċiżiv għall-eżiżenza ta' xi vantaġġ fil-miżura 2 muħwiex jekk l-Istat jimmassimizzax ir-ritorn jew jimmiminizzax it-telf ta' riżorsi tal-Istat li jirriżultaw mill-miżura. Madankollu, il-Kummissjoni għadha trid tevalwa jekk il-miżura 2 tinvolvix xi forma oħra ta' vantaġġ li ġejja mir-riżorsi tal-Istat.
- (157) Fiċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq, il-possibbiltà aktarx iż-ġieħi li l-Istat jirkupra djun dovuti lil xi entitajiet pubbliċi wara li dejn ġdid jingħata l-istatus tal-prededubbiltà hija semplicemente effett sekondarju tal-miżura regolatorja inkwistjoni. Il-fin u l-effett prinċipali tal-emenda tal-liggi inkwistjoni ma kienx li jinħa id-dejn ta' Ilva dovut lill-Istat biex b'hekk jingħata vantaġġ lil Ilva. Barra minn hekk, kif innotaw l-awtoritajiet Taljani, l-istatus tal-prededubbiltà tal-krediti jista' jingħata wkoll skont il-liggi ġenerali dwar l-insolvenza (premessa 92), u hemm evidenza empirika dwar żieda fl-użu fl-Italja fir-rigward ta' krediti li jingħataw lil kumpaniji f'sitwazzjonijiet ta' insolvenza li jikkonkludu ftiehimiet ta' kompożizzjoni ssorveljati mill-Qorti, wara li mill-2010 ġew introdotti ċerti riformi li estendew progressivament il-kamp ta' applikazzjoni tal-krediti prededubbili⁽⁶⁶⁾. Kif ikkonfermat

⁽⁶⁶⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni vs FEŻ*, C-124/10 P, ECLI:EU:C:2012:318, il-paragrafi 80-81.

⁽⁶⁷⁾ "Finanziamenti Alle Imprese in Crisi E Priorità Nel Rimborso: Gli Effetti Della Prededucibilità Nel Concordato Preventivo" E. Brodi, L. Casolari; Banca d'Italia Dokument Okkażjoni Nru 387, Settembru 2017.

il-Qorti, effett negattiv indirett fuq l-introjtu tal-Istat li joriġina minn miżuri regolatorji ma jikkostitwixx trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, fejn dan ikun karatteristika inerenti tal-miżura⁽⁶⁸⁾. Għalhekk, ġaladbarha effett negattiv possibbli fuq krediti tal-Istat li ngħataw lil Ilva jkun karatteristika inerenti tas-sistema tal-prededuccibbiltà tal-proċedimenti ta' insolvenza fl-Italja, dan ma jistax ikun mezz biex jingħata vantaġġ partikolari mir-riżorsi tal-Istat lil Ilva.

5.2.2.2. Konklużjoni dwar il-miżura 2

- (158) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura 2 ma tagħtix vantaġġ ekonomiku lil Ilva li ġej mir-riżorsi tal-Istat. Peress li l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma kumulattivi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura 2 ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat.

5.2.3. Miżura 3

5.2.3.1. Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat

- (159) Fir-rigward tal-fatt li l-miżura toriġina mill-Istat, il-Kummissjoni tosserva li l-miżura tikkonsisti f'garanzija għal self mogħtija mill-Ministeru għall-Ekonomija u l-Finanzi.
- (160) Billi l-kunċett tal-Istat Membru jinkludi fiċċi il-livelli kollha tal-awtoritajiet pubbliċi, irrispettivament jekk ikunux awtorità nazzjonali, reġjonali jew lokali, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura hija imputabbli lill-Istat.
- (161) Il-garanziji tal-Istat ipoġġu r-riżorsi tal-Istat friskju, peress li x-xiri tagħhom jitħallas mill-baġit tal-Istat. Għal din ir-raquni, u kuntrajjament għall-argument tal-awtoritajiet Taljani, anke garanziji tal-Istat imħallsa b'mod xiera q-jinvolvu riżorsi tal-Istat. Barra minn hekk, kif jidher hawn taħt, f'dan il-każ il-Kummissjoni ssib ukoll li, ġaladbarha t-tariffa ta' garanzija mitluba mill-Italja hija taħt il-kondizzjonijiet tas-suq, l-Istat Taljan ukoll irrinunzja — u għadu jirrinunzja — riżorsi li kienu jakkumulaw b'tariffa ta' garanzija oħglu u bbażata fuq is-suq. Il-valutazzjoni tat-termini tal-garanzija tal-Istat, inkluża t-tariffa mitluba, tista' biss tipprekludi l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku (jekk ma jikkorrispondux mat-termini tas-suq), u mhux il-kostatazzjoni ta' riżorsi tal-Istat li mħumiex diskutibbli. Għalda qstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura 3 tinvolvi riżorsi tal-Istat.

5.2.3.2. Il-vantaġġ ekonomiku

- (162) Skont il-ġurisprudenza stabbilita, biex jiġi ddeterminat jekk miżura tal-Istat tikkostitwixx għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, irid jiġi stabbilit, fost ħwejjeġ oħra, jekk l-impriża beneficijarja rċevietx vantaġġ ekonomiku li kieku ma kinitx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq⁽⁶⁹⁾.
- (163) Vantaġġ ekonomiku jeżisti kull meta s-sitwazzjoni finanzjarja ta' impriża titjeb bħala riżultat ta' intervent mill-Istat fuq termini li jkunu differenti mill-kondizzjonijiet tas-suq normali⁽⁷⁰⁾. Madankollu, intervent li jsir minn awtorità pubblika mhux neċċessarjament jaġhti vantaġġ lill-beneficijarju, u bħala tali ma jikkostitwix għajnuna jekk dan jitwettaq taħt kundizzjonijiet normali tas-suq. Fi kliem ieħor, jekk l-lawtorità pubblika taġixxi bħal operatur prudenti f'ekonomija tas-suq fċirkostanzi simili, ma tkun involuta ebda għajnuna mill-Istat.
- (164) F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Taljani jargumentaw li l-primjum mitlub mill-awtoritajiet Taljani għall-garanzija tal-Istat ġie stabbilit skont ir-rakkmandazzjoni tal-espert [...]⁽⁷¹⁾. Bħala tali, skont il-fehma tagħhom ir-rimunazzjoni tar-riskju meħud mill-Istat hija f'konformità mar-rimunerazzjoni li operatur prudenti f'ekonomija tas-suq kien ikun jeħtieġ, u l-garanzija ma tagħtix vantaġġ ekonomiku lil Ilva.
- (165) Min-naħħa tagħhom, il-partijiet interessati li kkummentaw dwar il-miżura 3 jqis li operatur f'ekonomija tas-suq ma kien qatt jaċċetta tali kondizzjonijiet finanzjarji. WV Stahl, b'mod partikolari, titlob lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi r-rata tas-suq applikabbli u biex tirkupra l-ammont ta' għajnuna li huwa inkompatibbli fil-forma tad-differenza bejn din ir-rata tas-suq u r-rata attwali imposta fuq Ilva mill-awtoritajiet Taljani.

⁽⁶⁸⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Marzu 2001, *PreussenElektra*, C-379/98, ECLI:EU:C:2001:160, il-paragrafu 62. Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Marzu 1993, *Sloman Neptun Schiffahrts*, il-Kawżi Magħquda C-72/91 u C-73/91, ECLI:EU:C:1993:97, il-paragrafi 20 u 21. Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Mejju 1998, *Viscido et al.*, il-Kawżi Magħquda C-52/97, C-53/97 u C-54/97, ECLI:EU:C:1998:209, il-paragrafi 13 u 14 u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Novembru 1993, *Kirsammer-Hack*, C-189/91, ECLI:EU:C:1993:907, il-paragrafi 17 u 18, dwar il-fatt li n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjoni jippejha tal-liggi dwar l-impieg ma jikkostitwixx trasferiment ta' riżorsi tal-Istat.

⁽⁶⁹⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 1999, DMT, C-256/97, ECLI:EU:C:1999:332, il-paragrafu 22.

⁽⁷⁰⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 1996, *SFEI et al.*, C-39/94, ECLI:EU:C:1996:285, il-paragrafu 60; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 1999, *Spanja vs Il-Kummissjoni*, C-342/96, ECLI:EU:C:1999:210, il-paragrafu 41.

⁽⁷¹⁾ Ara l-premessa 98 ta' din id-Deċiżjoni.

- (166) Bħala rimarka preliminari, il-Kummissjoni tixtieq tindika li, fiż-żmien tal-għoti tal-garanzija tal-Istat inkwistjoni, Ilva kienet għaddejja minn proċedimenti ta' insolvenza. Bħala tali, din ikkwalifikat bħala impriżza f'diffikultà skont il-punt 20(c) tal-Linji Gwida dwar ġħajnejha mill-Istat biex jiġu salvati u ristrutturati impreżi mhux finanzjarji f'diffikultà ("Linji Gwida R&R")⁽⁷²⁾.
- (167) Fit-taqSIMA 4.1 tal-Avviż ta' Garanzija, il-Kummissjoni tispjega li "għal kumpaniji f'diffikultà, garanti tas-suq, jekk ikun hemm, jitlob fiż-żmien meta ssir il-garanzija, ħlas ta' primjum għoli meta wieħed iqis ir-rata mistennija ta' inadempjenza. Jekk il-probabbiltà li min jissellef ma jkunx jista' jħallas lura s-self issir partikolarment kbira, huwa possibbli li din ir-rata tas-suq ma tkunx teżisti u fċirkostanzi eċċeżżjoni l-element tal-ħajnejha tal-garanzija jista' jirriżulta li jkun għoli daqs l-ammont effettivament kopert minn dik il-garanzija"⁽⁷³⁾. Dan l-approċ huwa wkoll adottat mill-Qorti, li ddeċidiet li meta Stat jaġhti garanzija għal self bankarju lil kumpanija f'diffikultà "mingħajr konsiderazzjoni adegwata", il-garanziji għandhom jitqiesu bħala ġħajnejha ugħalli għall-ammont tas-self iggarantit⁽⁷⁴⁾.
- (168) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni l-ewwel evalwat jekk il-każ preżenti jippreżentax ċirkostanzi li fihom il-probabbiltà li l-mutwatarju ma jkunx jista' jħallas lura s-self hija tant għolja li l-ammont kollu tas-self garantit jikkostitwixxi fil-fatt għajnejha. Impriżza f'diffikultà hija impriżza li qed tgħaddi minn inkwiet ekonomiku u finanzjarju serju, illi, mingħajr intervent mill-Istat, kważi żgur tfalli fi żmien qasir jew medju. F'dawn iċ-ċirkostanzi, aktarx ebda operatur tas-suq ma jaġħi self jew garanzija lil dik l-intrapriżza b'xi rata jew oħra, u għaldaqstant kull self jew garanzija mill-Istat li tingħata lil dik l-impriżza għandu fil-prinċipju jammonta għal ġħajnejha ugħalli għall-ammont totali tas-self (garantit). Madankollu, jenħtieġ li din is-suppożizzjoni ċentrali tiġi vverifikata apparagun mal-fatti ta' kull każ u, meta l-benefiċjarju jkun għaddej minn proċedimenti ta' insolvenza, apparagun mar-regoli dwar l-insolvenza applikabbli fl-Istat Membru rilevanti.
- (169) Fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, il-Kummissjoni tinnota li l-liġi Taljana dwar insolvenza fir-rigward ta' impreżi kbar tagħi priorità lill-ħlas lura fuq il-massa tal-likwidazzjoni (*pre-deduzione*) għal kwalunkwe kreditu ġdid mogħti matul iż-żmien tal-proċedimenti ta' insolvenza fuq krediti mogħtija qabel id-dikjarazzjoni tal-insolvenza. Barra minn hekk, bil-kontra ta' krediti mogħtija qabel id-dikjarazzjoni ta' insolvenza, l-imqħax ikompli jakkumula għal self mogħti matul iż-żmien tal-proċedimenti ta' insolvenza. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-ġhan li jinċentivaw lill-kredituri potenzjali biex jappoġġjaw l-impriżza matul iż-żmien tal-proċedimenti ta' insolvenza sabiex jippreżavaw il-valur ekonomiku tal-assi tagħha, sakemm joħroġ l-eżitu tal-proċedimenti (bidla fid-direzzjoni, bejgħ jew likwidazzjoni).
- (170) Is-sempli eżistenza ta' dawk id-dispożizzjonijiet tindika li s-selliefa fxi każi jaqblu li jsellfu flus ġoddha lil intrapriżza li jkunu għaddejjin minn proċedimenti ta' insolvenza (jiġifieri lil impreżi f'diffikultà).
- (171) Dan jissuġġerixxi wkoll li r-raġunament ta' sellief jew garanti li jittratta ma' mutwatarju f'diffikultà jista' jkun kemxejn differenti minn dak li jitħaddem f'sitwazzjoni kummerċjali tas-soltu. Min-naħħa waħda, fiż-żewġ sitwazzjoni is-sellief jew il-garanti jevalwa l-probabbiltà li l-mutwatarju mhux se jkun jista' jħallas lura s-self. Min-naħħa l-oħra, l-enfasi tista' titpoġġa fl-ewwel lok fuq il-probabbiltà ta' inadempjenza mill-mutwatarju f'sitwazzjoni kummerċjali tas-soltu, filwaqt li tista' tingħata aktar attenzjoni lit-telf fil-każ ta' inadempjenza ("LGD") fuq self jew garanzija fir-rigward ta' mutwatarji li aktarx fxi punt jisfgħu inadempjenti.
- (172) Għal kumpaniji li jkunu għaddejjin minn proċedimenti ta' insolvenza, sakemm ma jkunx hemm probabbiltà kbira li l-kumpanija tirriestruttura ruħha waħidha b'suċċess jew li tiġi akkwistata minn investitur ġdid flimkien mal-obbligazzjoni tagħha, l-LGD fuq self ġdid jiddependi prinċipalment mill-valur mistenni tal-likwidazzjoni tal-kumpanija, li għaliex is-sellief ikollu priorità ta' ripagament skont ir-regoli dwar il-prededuċċibbli applikabbli. F'xi każi, il-valur mistenni tal-likwidazzjoni jista' jkun baxx apparagun mal-ammont tad-djun prededuċċibbli tal-kumpanija. F'dawk il-każi, il-kumpanija tista' taffaċċja diffikultajiet biex ikollha aċċess għall-finanzi privati u garanzija pubblika jkollha aktar probabbiltà li tagħi vantaġġ ugħalli għall-ammont kollu garantit. Madankollu f'każi fejn ikun mistenni valur għoli tal-massa tal-likwidazzjoni, jista' jkun hemm opportunità kummerċjali għal selliefa (jew garanti) privati li jkunu mdorrijin jittrattaw ma' krediti riskjużi.
- (173) Fil-każ ta' Ilva, il-fatt li l-proċess tal-bejgħ kien suċċess juri li l-valur tas-suq tal-assi ta' Ilva, li kompliet topera b'mod kontinwu, xorta baqa' għoli minkejja d-diffikultajiet ekonomiċi tal-kumpanija: dawk l-assi fil-fatt inbiegħu bi prezz ta' EUR 1,8 biljun. Dan l-ammont mħuwiex partikolarment sorprendenti fid-dawl tas-saħħa kompetitiva ta' Ilva: is-sit ta' Taranto huwa l-akbar sit integrat tal-industrija tal-azzar fin-Nofsinhar tal-Ewropa, u s-siti ta' Ilva għandhom qagħda strateġika fuq rotot importanti ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni u jinsabu wkoll qrib il-qalba tat-tieni l-ikbar suq tal-azzar fl-Ewropa (l-Italja).

⁽⁷²⁾ ĠUC 249, 31.7.2014, p. 1.

⁽⁷³⁾ ĠUC 155, 20.6.2008, p. 10.

⁽⁷⁴⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Jannar 2003, *Il-Ġermanja vs il-Kummissjoni*, C-334/99, ECJ:EU:C:2003:55, il-paragrafu 138.

(174) Id-diskrepanza bejn il-valur tas-suq tal-assi ta' Ilva u l-prestazzjoni ekonomika fqira tagħha tista' tiġi spiegata b'diversi fatturi speċifiċi għall-każ tagħha, fosthom dawn it-tnejn:

- (a) Il-produzzjoni ta' Ilva kienet ġiet limitata b'mod amministrattiv għal 6 miljun tunnellata, jiġifieri ferm taħt il-kapaċitā tal-produzzjoni totali tagħha, minħabba d-dannu ambjentali li kien jiġi kkawżat kieku l-kumpanija kellha tħaddem il-kapaċitā sħiħa tal-produzzjoni tagħha permezz tat-tagħmir ambjentali attwali. Peress li faċilitajiet tal-produzzjoni tal-azzar bħall-impjant ta' Taranto għandhom intensità għolja ta' kapital bi spejjeż fissi għoljin, sabiex dawn iħallu profitti jenħtieġ li joperaw qrib il-kapaċitā sħiħa tagħhom. Il-limitu impost fuq il-produzzjoni ta' Ilva minħabba raġunijiet ambjentali validi inevitabilment wassal għal tnaqqis fil-profit-tabbiltà tagħha. Madankollu, bl-investimenti ambjentali t-tajbin, Ilva tista' tmur lura flivelli ta' produzzjoni aħjar. Dan il-potenzjal jispjega għaliex l-assi ta' Ilva baqgħu siewja fghajnejn investituri potenzjali li kienu lesti jagħmlu l-investimenti xierqa.
 - (b) Ilva ilha taħt amministrazzjoni straordinarja ħames snin — l-ewwel minħabba kwistjonijiet ambjentali, u mbagħad kaġun tad-diffikultajiet finanzjarji tagħha. Billi l-assi ta' Ilva ma thaddmx taħt kondizzjonijiet normali tas-suq tul bosta snin, il-kumpanija Itaqqeth ma' diffikultajiet finanzjarji iż-żda mingħajr ma dan jimplika li l-istess assi ma setgħux jitħaddmu b'mod profitabbli taħt kondizzjonijiet normali tas-suq u bil-livell xieraq ta' investimenti privati.
- (175) Ir-raġunijiet tad-diffikultajiet finanzjarji ta' Ilva kienu ilhom magħrufa żmien twil. Peress li ma kinux marbuta mal-valur intrinsiku tal-assi ta' Ilva, dawn ma kinux qed jiskoraġġixxu lill-atturi kummerċjali milli jesprimu interess li jakkwistaw l-assi ta' Ilva, u dan mhux biss matul il-proċess tal-bejgħ riċenti iż-żda wkoll minn īnfra (75).
- (176) Minn dan isegwi li digħi fi żmien l-għoti tal-garanzija tal-Istat f'April 2015, seta' jkun mistenni prezz raġonevolment għoli mill-bejgħ jew mil-likwidazzjoni tal-assi ta' Ilva. Peress li skont il-liġi Taljana dwar l-insolvenza għal impriżi kbar il-krediti l-għoddha jkunu prededucibbli, dan il-prezz tal-bejgħ li jmexxi l-massa tal-likwidazzjoni kellu jintuża bħala priorità biex jitħallsu lura krediti ġoddha (jew garanziji għal dawn il-krediti, jekk jinxtraw). Abbażi tal-informazzjoni mressqa mill-awtoritajiet Taljani, is-sekwenza tar-ripagament tad-djun ta' Ilva fi żmien l-għoti tal-miżura 3 kienet mistennija tkun kif ġej (76):

Graff 1

Is-sekwenza tar-ripagament tad-dejn ta' Ilva f'April 2015

[...]

- (177) Meta titqies id-differenza fil-kobor bejn, minn naħa, l-ammont tas-self garantit inkwistjoni (EUR 400 miljun) u, min-naħħa l-oħra, l-ammont ta' djun oħra bi priorità ta' ripagament ugħali jew oħla (madwar EUR [...] u l-valur tal-massa tal-likwidazzjoni ta' Ilva (EUR 1,8 biljun jekk jitqies il-prezz offrut mill-ogħla offerent fil-proċess tal-bejgħ riċenti), il-Kummissjoni tikkonkludi li operatur l-ekonomija tas-suq seta' ta' lil Ilva self jew garanzija b'rata adegwata matul il-perjodu tad-diffikultajiet tagħha.
- (178) Din il-konklużjoni hija appoġġjata mill-fatt li Ilva żammet l-aċċess għal finanzjament privat matul iż-żmien tal-proċedimenti ta' insolvenza tagħha. Fi żmien l-għoti tal-garanzija tal-Istat (tmiem April 2015), Ilva kellha mill-inqas tliet linji ta' kreditu mitfuha ma' banek privati: EUR [...] ma' [...] (77), EUR [...] ma' [...] u EUR [...] ma' [...]). Dawk il-krediti kienu linji ta' fatturar, li għandhom profil ta' riskju differenti minn dak ta' EUR 400 miljun garantit mill-Istat Taljan. Madankollu, l-eżiżenza ta' dawn il-linji ta' kreditu tikkostitwixxi indikatur addizzjonal li Ilva ma kinitx f'qagħda tant prekarja li ebda kreditur ma kien se jaqbel li jifin żi l-operazzjonijiet tagħha.
- (179) Mill-evidenza msemmija hawn fuq, isegwi li l-każ preżenti ma jippreżentax ċirkostanzi li sihom l-aċċess tal-benefiċjarju għall-finanzjament privat jista' jiġi eskluż sabiex l-element ta' ġħajnejna fi kwalunkwe self jew garanzija pubblika għandu jitqies bħala ġħajnejna mill-Istat għall-ammont kollu tas-self jew tal-garanzija.

(75) Skont l-istampa, ArcelorMittal, Marcegaglia u Arvedi, ilkoll produtturi tal-azzar, pereżempju, kienu digħi bdew juru interess li jiksbu l-assi ta' Ilva sa' mill-Ħarifa tal-2014; ara <http://www.ilsole24ore.com/art/impresa-e-territori/2014-11-13/ilva-decisivo-ruolo-stato-063904.shtml?uuid=ABDP2MDC>

(76) Din l-informazzjoni tressqet mill-awtoritajiet Taljani abbażi ta' analiżi interna mwettqa minn Ilva u mill-konsulenti finanzjarji tagħha, mingħajr pregħiduzzu għall-konklużjoni finali tal-Qorti ta' Milan rigward il-priorità tar-ripagament ta' kull dejn.

(77) Wara li Ilva daħlet fi proċedimenti ta' insolvenza, [...] naqqas il-linjja għal [...] tal-ammont inizjali tiegħu ta' EUR [...].

- (180) Il-Kummissjoni mbagħad evalwat jekk it-termini finanzjarji tal-garanzija pubblika fuq l-EUR 400 miljun mogħtija lil Ilva jirremunerawx b'mod adegwawt ir-riskju meħud mill-Istat. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar fl-Avvieha ta' Garanzija: "għal kumpaniji f'diffikultà, garanti tas-suq, jekk ikun hemm, jitlob fiż-żmien meta ssir il-garanzija, ġħas ta' primjum għoli meta wieħed iqis ir-rata mistennija ta' inadempjenza."
- (181) F'dan il-każ, il-garanzija tal-Istat ingħatat bi primjum annwali ta' 3,12 %. Dan il-primjum ġie stabbilit abbażi tal-opinjoni [...].
- (182) Għall-kuntrarju tal-awtoritajiet Taljani, il-Kummissjoni tqis li l-opinjoni [...] ma tikkalkulax sewwa r-remun-razzjoni li operatur prudenti f'ekonomija tas-suq kien jitlob bi skambju għall-garanzija tiegħu, billi l-opinjoni [...] ma tagħix stima adegwata tal-probabiltà li l-garanzija tiġi invokata u tal-probabiltà li tiġi mhalla. Fil-fatt, l-opinjoni [...] tiddeppendi ġħalkkollo mis-suppożizzjoni żabalata li s-self ta' EUR 400 miljun mogħti lil Ilva se jiġi ttrasferit lil kumpanija ġidha ("NewCo") li tibda tħaddem l-assi ta' Ilva taħt kondizzjonijiet aħjar. L-opinjoni [...] tagħmel valutazzjoni fil-fond tal-affidabbiltà kreditizja ta' din l-ipotetika NewCo u tikkonkludi, abbażi tas-sistema ta' evalwazzjoni tal-kreditu ta' NewCo, li l-Istat Taljan għandu japplika primjum ta' garanzija li jkun fil-medda 1,53 % sa 3,12 %. Madankollu, fiż-żmien tal-għoti tal-garanzija, ma kienx hemm raġuni biex wieħed jassumi li s-self ta' EUR 400 miljun se jiġi ttrasferit b'mod awtomatiku lil sid ipotetiku ġdid tal-assi ta' Ilva⁽⁷⁸⁾. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Taljani kellhom jevalwaw l-affidabbiltà kreditizja ta' Ilva (u mhux ta' akkwirent ipotetiku) u jagħmlu stima tal-LGD tas-sef fuq dik il-bażi.
- (183) Ġaladbarba l-opinjoni [...] ma setgħetx tintuża biex jiġi evalwat jekk il-primjum mitlub mill-Istat Taljan jirrimunerax b'mod adegwawt ir-riskju, il-Kummissjoni kellha tfitteżx punti ta' riferiment ta' rati applikati għal entitajiet f'sitwazzjoni finanzjarja simili bħal dik ta' Ilva. F'konformità ma' prattika deċiżjonali stabbilita u riċenti rigward ditti li jkunu għaddejji minn proċedimenti ta' insolvenza u allokati għall-bejħ, (⁷⁹) il-Kummissjoni tqis li, mingħajeb ebda klassifikazzjoni tal-kreditu alternativa disponibbli u fid-dawl tal-kwalifikata tagħha bħala impriżza f'diffikultà, l-iżżejjed l-iżżejjed il-klassifikazzjoni ta' Ilva hija CCC (ara wkoll pre messa 189). Konsegwentement, il-Kummissjoni ġabret data finanzjarja mill-bażi tad-data S&P Capital IQ Platform⁽⁸⁰⁾ dwar firxiex ta' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu ("CDS") kif ukoll dwar ir-rendimenti tal-bonds għal kumpaniji b'rata ta' CCC+, D jew SD fid-data tal-għoti tal-miżura 3.
- (184) Is-CDS huwa ftehim dwar swap finanzjarju li l-bejjiegħ tas-CDS se jikkumpensa lill-akkwired (normalment il-kreditur tas-self ta' referenza) fil-każ ta' inadempjenza fuq is-self (mid-debitur). Fi kliem ieħor, il-bejjiegħ tas-CDS jassigura lill-akkwired kontra ċertu inadempjenza fuq is-self ta' referenza. Dan l-instrument bħala tali huwa rilevanti biex tingħata indikazzjoni ta' xi jkun ir-riskju ta' primjum/tariffa ta' garanzija li operatur tas-suq ikun jeħtieġ biex jiġi żgurat ir-riskju ta' inadempjenza fuq self. Id-data miġbura fi 11-il osservazzjoni disponibbli f'Mejju tal-2015 turi l-firxiex tas-CDS għal maturitajiet ta' għaxar snin li jvarjaw minn 6,3 % għal 277,7 % b'valur medjan ta' 17,6 %.
- (185) Ir-rendimenti tal-bonds jagħtu indikazzjoni tajba tal-ispiżza "all-in" ta' self għal kumpanija, jiġifieri r-rata tal-imgħax u l-primjum tal-garanzija f'daqqa f'perċentwali. Id-data miġbura fi 8 osservazzjonijiet disponibbli f'Mejju 2015 tindika rati ta' bejn 5,3 % u 35,6 % b'valur medjan ta' 17,0 % għal bonds b'maturità ta' għaxar snin. Żewġ osservazzjonijiet biss kienu disponibbli għal bonds b'maturità ta' ħamsa u għoxrin sena: dawn l-osservazzjonijiet jippreżentaw rata ta' 14,2 %.
- (186) Kif turi d-data analizzata, l-ispiżza tal-finanzjament ta' kumpaniji kklassifikati bħala CCC+, D jew SD fid-data tal-għoti tal-miżura 3 kienet sostanzjalment oħla minn dik li kisbet Ilva bis-saħħha tal-garanzija tal-Istat. Tabilħaqq, Ilva setgħet tikseb self bi spiżza totali (rata ta' imgħax ta' [...] + il-primjum ta' garanzija ta' 3,12 %) ta' [...] filwaqt li l-indikazzjoni tas-suq juru spiżza totali qrib is-17 % matul l-istess periodu.
- (187) Din il-verifika tal-plawżibbiltà turi li l-garanzija tal-Istat, iddefinita hawnhekk bħala l-miżura 3, tagħti vantaġġ ekonomiku li Ilva ma kinitx kieku tikseb bil-kondizzjonijiet tas-suq. Din il-kostatazzjoni hija konformi mal-opinjoni tal-kompetituri (ara l-pre messa 118). Wara li ġiet stabbilita l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku mhux disponibbli bil-kundizzjonijiet tas-suq, segwiet il-kwistjoni tal-kwantifikazzjoni tiegħu.

⁽⁷⁸⁾ Filfatt, is-self mhux se jiġi ttrasferit lill-akkwired tal-assi ta' Ilva, ArcelorMittal.

⁽⁷⁹⁾ Ara ex multis u għal dawk l-aktar riċenti d-deċiżjonijiet finali tal-Kummissjoni fil-każi: SA.38544 Kem One (it-28 ta' Lulju 2015), SA.38545 Mory Global (is-6 ta' Novembru 2015), SA.38644 Brandt Groupe (il-21 ta' Marzu 2016).

⁽⁸⁰⁾ <https://www.capitaliq.com>

- (188) Kif spiegat hawn fuq, il-Kummissjoni kienet kapaċi tiġibor għadd ta' indikazzjonijiet dwar ir-rati tas-suq tal-garanziji għall-perjodu inkwistjoni. Madankollu, din id-data nsilte minn entitajiet li mhumiex kompletament komparabbi ma' Ilva u minn strumenti finanzjarji li huma differenti mis-self u mill-garanzija li ngħatat lil Ilva, u għaldaqstant dawn ma jistgħux iservu bħala punt ta' riferiment xieraq biex tiġi stabilita r-rata eżatta tas-suq għall-garanzija inkwistjoni fuq il-livell ta' preċiżjoni meħtieġ. L-investigazzjoni ma wrietz lanqas stimi kontemporanji ta' rati ta' imġħax għal krediti ta' natura simili għal dawk tal-Ilva bil-garanzija tal-Istat jew mingħaj jew inkella stimi tas-suq għal din il-garanzija tal-aħħar. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Avviż ta' Garanzija jiddikjara li l-vantaggħ potenzjali marbut mal-għoti tal-garanzija (li jikkorrispondi mal-element ta' ġgħajnejha potenzjali) għandu jiġi kkalkulat bħala d-differenza bejn ir-rata speċifika tal-imġħax tas-suq li l-benefiċċjarju kien iż-ġorr mingħajr il-garanzija u r-rata tal-imġħax miksuba permezz tal-garanzija tal-Istat wara li jkun tqies kull primjum imħallas.
- (189) Il-Kummissjoni tqis prudenti li tikkunsidra wkoll il-Komunikazzjoni tal-2008 dwar ir-rati ta' riferiment u ta' skont għall-finijiet tal-istima ta' indikatur tar-rata tal-imġħax konformi mas-suq għas-self inkwistjoni. F'dan ir-rigward, l-affidabbiltà kreditizja (klassifikazzjoni) ta' Ilva tidher li hija l-iktar waħda baxxa fost il-ħames klassifikazzjonijiet possibbli previsti fil-Komunikazzjoni tal-2008, jiġifieri "Ħażina/Diffikultajiet Finanzjarji (CCC u inqas)". Barra minn hekk, mas-self ma ġie marbut ebda kollateral li jipprovd lis-selliefa (jew lill-garanti) dritt likwidu bizzżejjed, u possibilment trasferibbi u immedjatament azzjonabbli, fuq l-assi ta' Ilva fkaż ta' inadempjenza. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni hija tal-fehma li r-rata tal-imġħax tas-suq fuq is-self magħduda mal-garanzija li tikkostitwixxi l-miżura 3 għandha tiġi kkalkulata għas-self bħala r-riżultat tas-somma ta' rata bażi adegwata flimkien ma' 1 000 punt bażi kif iddefinit fil-Komunikazzjoni tal-2008.
- (190) Fir-rigward tar-rata bażi adegwata, il-Komunikazzjoni tal-2008 tirrakkomanda li jintużaw rati tas-suq monetarju ta' sena (jiġifieri fil-każ tal-Italja: ir-rata Euribor ta' sena), filwaqt li l-Kummissjoni żżomm id-dritt li tuża maturitajiet iqsar jew itwal adattati għal ċerti każi. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tqis li l-maturità twila ħafna tas-self ta' EUR 400 miljun tal-garanzija tal-Istat tiġġiusti l-għażla ta' rata bażi li tkun xierqa għal din il-maturità twila. Il-Kummissjoni għalhekk tiddeċiedi li tapplika rata swap li tikkorrispondi mal-ħajja medja ponderata tas-self garantit. Ġaladbarba l-profil tar-ripagament tas-self ta' EUR 400 miljun jaġhti ħajja medja ponderata ta' 14,86 snin, ir-rata bażi xierqa għandha tkun rata ta' swap ta' 15-il sena. Fis-27 ta' Mejju 2015, jiġifieri fiż-żmien tal-ġħoti mit-tliet selliefa privati ta' self ta' EUR 400 miljun, ir-rata swap għal maturitajiet ta' 15-il sena kienet 1,18 %⁽⁸¹⁾. Fuq dik il-bażi, ir-rata tal-imġħax tas-suq mogħtija mill-Komunikazzjoni tal-2008 hija 1,18 % + 1 000 bps, jiġifieri 11,18 %.
- (191) L-ammont tal-vantaggħ marbut mal-garanzija mogħtija mill-Istat għandu jiġi kkalkulat b'mod separat għas-self skont il-metodoloġija li ġejja: id-differenza bejn (i) ir-rata tal-imġħax ikkalkulata kif spiegat fil-premessa 190 applikata għall-prinċipali tas-self u (ii) l-ispiżza finanzjarja totali tas-self garantit ikkalkulata bħala s-somma tar-rata tal-imġħax applikata mill-banek għall-prinċipali tas-self u l-primjum tal-garanzija applikat mill-Istat, ikkalkulati u mitlubin għall-perjodu li matulu l-ammonti saru disponibbli għal Ilva.

5.2.3.3. Selettività

- (192) Il-garanzija tal-Istat, iddefinita bħala l-miżura 3, hija miżura *ad hoc* ta' sostenn mogħtija favur impriżza waħda: Ilva. Kif inhi, il-miżura 3 hija selettiva.

5.2.3.4. Konklużjoni dwar il-miżura 3

- (193) Billi l-miżura 3 tissodisa l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-Kummissjoni tikkonkludi li din tikkostitwixxi ġgħajnejha mill-Istat, li l-ammont tagħha jista' jiġi ddeterminat abbażi tal-metodoloġija deskritta fil-premessa 191.

5.2.4. Miżura 4

- (194) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ il-Kummissjoni ġadet il-fehma preliminari li s-soluzzjoni tat-tilwima miftiehma bejn Fintecna u Ilva hija imputabbli lill-Istat Taljan u tinvolvi riżorsi tal-Istat. Il-Kummissjoni qajmet ukoll dubji dwar jekk billi aċċettat li ssolvi tilwima twila f'Marzu 2015, sewwasew wara li Ilva ġiet iddikjarata insolventi, Fintecna ħaditx deċiżjoni razzjonali bħalma kien jieħu operatur fekkonomija tas-suq f'sitwazzjoni simili.
- (195) Abbażi tar-rimarki li waslu waqt il-proċeduri formali, il-Kummissjoni l-ewwel evalwat jekk id-deċiżjoni biex tinstab soluzzjoni għat-tilwima kinitx tassew razzjonali mill-perspettiva tal-operatur tas-suq, jiġifieri jekk din id-deċiżjoni tagħtix vantaggħ ekonomiku lil Ilva.

⁽⁸¹⁾ Skont id-data miġbura mill-Kummissjoni mill-bażiżjet tad-data S&P Capital IQ.

5.2.4.1. Il-vantaġġ ekonomiku

- (196) Kif diġà nghan fil-premessa 163, intervent minn awtorità pubblika mhux bilfors jagħti vantaġġ lill-benefiċjarju, u bħala tali ma jikkostitwixx għajjnuna jekk iseħħi f'kundizzjonijiet normali tas-suq, fi kliem ieħor, jekk l-awtorità pubblika tkun aġixxiet kif kien jaġixxi operatur prudenti feconomija tas-suq fċirkostanzi simili.
- (197) L-ewwel nett, waqt il-valutazzjoni fil-fond il-Kummissjoni evalwat iċ-ċirkostanzi li taħthom Fintecna ħadet id-deċiżjoni li ssolvi t-tilwima ma' Ilva wara perjodu twil ta' żmien billi ħallset EUR 156 miljun. Meta ddeċidiet li ssolvi t-tilwima, Fintecna kellha tqis is-sitwazzjoni ekonomika taż-żmien meta ddeċidiet li ssolviha, il-livell tar-riskju u l-aspettattivi futuri ⁽⁸²⁾.
- (198) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-obbligazzjoni mġarrba u meħuda mill-Istat bħala bejjiegħ qabel ma saret il-privatizzazzjoni mhijiex kontestabbi fuq il-prinċipju tagħha u li fir-rigward tal-ammont tas-saldu, jiġifieri EUR 156 miljun, bħala kreditur prudenti Fintecna wettqet l-istimi tal-iskopertura tagħha lejn Ilva fl-2011 u aġġustathom fl-2014. Il-kalkoli ġvelaw l-iskopertura ta' EUR [...], jiġifieri l-ammont aġġustat ta' EUR [...] fl-2014. Sabiex tivvaluta kif xieraq ir-riskji legali, Fintecna ħadet żewġ opinjonijiet legali li t-tnejn ikkonfermaw b'mod indipendenti li EUR 156 miljun kien ammont aċċettabbli, fil-limitu massimu miftiehem fil-kuntratt ta' privatizzazzjoni (EUR [...], esklużi l-interessi, jew EUR [...], inklużi l-interessi) u l-iskopertura potenzjali stmat (EUR [...] fl-2014).
- (199) Fintecna ħadet id-deċiżjoni li ssolvi t-tilwima fil-kuntest tad-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015 li wassal għall-ftehim bejn iż-żewġ partijiet. Fid-dawl tal-istima sensibbli tar-riskji involuti f'każ ta' insolvenza ta' Ilva pprovdu minn konsulenti legali indipendenti, is-sempliċi fatt li Fintecna ddeċidiet li ssolvi t-tilwima biss f'dak iż-żmien u mhux qabel ma ġie adottat id-Digriet Amministrattiv imsemmi hawn fuq, ma tibdil ix-il-kwalifika tad-deċiżjoni li ssolvi t-tilwima bħala deċiżjoni razzjonali li operatur feconomija tas-suq kien jieħu f'sitwazzjoni simili. Fil-fatt, operatur prudenti li jrid jevita t-telf jista' jippreferi jsolvi tilwima b'mod amikevoli minflok jirrikorri għal imħallef jew arbitru wara litigazzjoni kontinwa fċirkostanzi fejn l-obbligazzjoni tiegħu ma tkunx dubjuża bħala tali u l-iskoperatura tiegħu tista' twassal għal ammont bejn [...] u [...] oħla mill-ammont imħallas immedjata. Posponiment ulterjuri tas-soluzzjoni ma jidhix li seta' jwassal għal eżitu finanzjarju aħjar għal Fintecna.
- (200) Meta jitqies il-fatt li l-passi meħuda minn Fintecna jikkorrispondu mal-imġiba ta' parteċipant razzjonali feconomija tas-suq u li l-proċess li ppreda d-deċiżjoni jirrifletti l-approċċ prudenti li ħadet Fintecna lejn l-ammont tas-soluzzjoni possibbli li kellha tinstab ma' Ilva, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ħlas inferjuri mill-estimi tagħha stess huwa fil-prinċipju deċiżjoni raġonevoli ta' operatur tas-suq privat f'solviment u bħala tali ma jistax jagħti vantaġġ lil Ilva.

5.2.4.2. Konklużjoni dwar il-miżura 4

- (201) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura 4 ma tagħtix vantaġġ ekonomiku lil Ilva. Peress li l-kriterji stabiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma kumulattivi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura 4 ma tikkostitwix għajjnuna mill-Istat.

5.2.5. Miżura 5

5.2.5.1. Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat

- (202) Fir-rigward tal-fatt li l-miżura toriġina mill-Istat, il-Kummissjoni tosserva li l-miżura tikkonsisti f'garanzija għal self mogħtija mill-Ministeru għall-Ekonominja u l-Finanzi permezz ta' riżorsi mill-baġit tal-Istat.
- (203) Billi l-kunċett tal-Istat Membru jinkludi fih il-livelli kollha tal-awtoritajiet pubbliċi, irrispettivament jekk ikunux awtorità nazzjonali, reġjonali jew lokali, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura hija imputabbli lill-Istat u li tinvolti trasferimenta' riżorsi tal-Istat.

5.2.5.2. Il-vantaġġ ekonomiku

- (204) Fir-rimarki tagħha għad-deċiżjoni tal-ftuħ, WV Stahl titlob lill-Kummissjoni biex tiżgura irkupru rapidu tal-għajnuna mill-Istat mogħtija f'forma ta' self lil Ilva taħt il-kundizzjonijiet tas-suq, ibbażat fuq id-differenza bejn ir-rata tal-imġħax imposta u r-rata tas-suq taż-żmien meta ngħata s-self (ara l-premessa 120). Għall-kostatazzjoni ta' vantaġġ ekonomiku fil-miżura 5, il-Kummissjoni tqis li l-istess raġunament tal-miżura 3 jista' jiġi applikat minkejja li hemm żewġ differenzi fattwali ewlenin bejn iż-żewġ miżuri.

⁽⁸²⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-29 ta' Marzu 2007, Scott vs Il-Kummissjoni, T-366/00, EU:T:2012:649, il-paragrafu 158.

- (205) L-ewwel differenza fattwali hija li l-miżura 5 hija self pubbliku filwaqt li l-miżura 3 hija garanzija tal-Istat fuq self sindakat. Madankollu, din id-differenza fattwali ma ta'fettwax ir-raġunament żviluppat fil-premessa 166 sa 179, li huwa ugwalment validu għal self u għal garanzija.
- (206) It-tieni differenza fattwali hija d-data tal-għoti: 30 ta' April 2015 għall-miżura 3 vs 15 ta' Diċembru 2015 għall-miżura 5. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li r-raġunament żviluppat fil-premessa 166 sa 179 ireġi wkoll fid-data tal-għoti tal-miżura 5: f'Diċembru 2015, il-valur tal-likwidazzjoni tal-assi ta' Ilva xorta seta' jkun mistenni li jkun għoli u l-ammont aggregat tal-pretensjonijiet prededuċċibbli kienu żiddu b'EUR 400 miljun (jiġifieri l-ammont tal-miżura 3) apparġun ma' April 2015, u laħaq total ta' madwar EUR [...] — xorta kien għadu tnaqqis komdu mill-massa tal-likwidazzjoni ta' EUR 1,8 biljun li setgħet għet antiċipata. Barra minn hekk, id-Digriet Amministrattiv Nru 191/2015 jagħti prioritā oħġla ta' ripagament lill-miżura 5 minn pretensjonijiet prededuċċibbli oħrajn, kif muri fil-Graff 2, u dan ikompli jżid l-LGD potenzjali tal-miżura 5.

Graff 2

Is-sekwenza tar-ri pagament tad-dejn ta' Ilva f'Diċembru 2015

[...]

- (207) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, jidher li l-LGD tas-self kien għadu raġonevolment għoli u l-Kummissjoni tikkonkludi li jista' jkun hemm opportunità kummerċjali għal selliefa privati li jkunu mdorrijin jittrattaw ma' krediti riskju biex jaġħtu self lil Ilva.
- (208) Bħal fil-każ tal-miżura 3, il-Kummissjoni mbagħad evalwat jekk it-termini finanzjarji tas-self pubbliku jirremunerawx b'mod adegwat ir-riskju meħud mill-Istat. Għall-istess raġunijiet bħal fil-każ tal-miżura 3, il-Kummissjoni tqis li l-opinjoni [...] ma tipprovdix metodu xieraq biex jiġi stabbilit jekk ir-rata tal-imgħax annwali imposta mill-Istat (2,94 %) hijiex xierqa. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ġabret data pubblika simili għal dik miġbura għal miżura 3 (firxiet tas-CDS u rendimenti ta' bonds) mill-bażi tad-data *S&P Capital IQ Platform* ⁽⁸³⁾, li madankollu jikkorrispondu mad-data tal-għoti tal-miżura 5.
- (209) Id-data miġbura f'14-il osservazzjoni disponibbli f'Diċembru 2015 turi firxiex tas-CDS għal maturitajiet ta' ħames snin li jvarjaw minn 6,2 % għal 300,5 % b'valur medjan ta' 44,1 %, u firxiex tas-CDS għal maturitajiet ta' sena li jvarjaw minn 3,0 % għal 648 % b'valur medjan ta' 32,7 %.
- (210) Id-data miġbura f'31 osservazzjoni disponibbli f'Diċembru 2015 tindika rati ta' bonds ta' bejn 2,2 % u 99,0 % b'valur medjan ta' 17,6 % għal bonds b'maturità ta' tliet snin.
- (211) Kif turi d-data analizzata, l-ispiża tal-finanzjament ta' kumpaniji kklassifikati bħala CCC+, D jew SD fid-data tal-għoti tal-miżura 5 kienet sostanzjalment oħġla minn dik li kisbet Ilva bis-saħħa tal-Istat. Tabilħaqq, l-imgħax fuq is-self lil Ilva kellu rata annwali ta' 2,94 % filwaqt li l-indikazzjonijiet tas-suq juru spiżza totali ħafna oħġla matul l-istess perjodu.
- (212) Bħal fil-każ tal-miżura 3, din il-verifika tal-plawżibbiltà turi li s-self pubbliku, iddefinit hawnhekk bħala l-miżura 5, jaġħti vantaġġ ekonomiku li Ilva ma kinitx tikseb bil-kondizzjonijiet tas-suq. Wara li ġiet stabilita l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku mhux disponibbli bil-kundizzjonijiet tas-suq, segwiet il-kwistjoni tal-kwantifikazzjoni tiegħi.
- (213) Billi segwiet l-istess raġunament tal-miżura 3 *mutatis mutandis*, il-Kummissjoni ddeċidiet li tqis ukoll il-Komunikazzjoni tal-2008. Dan wassal lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi r-rata xierqa tas-suq għall-kwantifikazzjoni tal-element ta' ġħajnejna tas-self mogħi mingħajr kollaterali għal 10,06 %, ikkalkulata bħala s-somma tar-rata bażi ta' 0,06 % li tikkorrispondi mal-Euribor ta' sena fil-15 ta' Diċembru 2015, u margħni ta' kreditu ta' 1 000 bps.
- (214) L-ammont tal-vantaġġ marbut mas-self pubbliku ddefinit bħala l-miżura 5 għandu jiġi kkalkulat bħala d-differenza bejn (i) ir-rata tal-imgħax ikkalkulata kif spjegat fil-premessa 213 applikata għall-kapital tas-self u (ii) ir-rata tal-imgħax attwali imposta fuq Ilva, ikkalkulata u mitluba għall-perjodu li matulu l-ammonti saru disponibbli għal Ilva.

5.2.5.3. Selettività

- (215) Is-self mill-Istat, iddefinit bħala l-miżura 5, huwa miżura *ad hoc* ta' sostenn mogħiġi favur impriżja waħda: Ilva. Kif inhi, il-miżura 5 hija selettiva.

⁽⁸³⁾ <https://www.capitaliq.com>

5.2.5.4. Konklużjoni dwar il-miżura 5

- (216) Billi l-miżura 5 tissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-Kummissjoni tikkonkludi li din tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, li l-ammont tagħha jista' jiġi ddeterminat abbażi tal-metodoloġija deskritta fil-premessa 214.

5.3. L-illegalità tal-għajnuna

- (217) Il-miżuri 3 u 5 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, li ġew implejmentati mingħajr notifika minn qabel lill-Kummissjoni bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Bħala tali, dawk il-miżuri ġew implejmentati illegalment.

5.4. Il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern

- (218) Il-projbizzjoni fuq l-għajnuna mill-Istat la hija assoluta u lanqas inkondizzjonata. B'mod partikolari, il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 107 tat-TFUE jikkostitwixxu bażiġiet ġuridiċi li jippermettu li ċerti miżuri ta' għajnuna jitqiesu kompatibbli mas-suq intern. Peress li jqisu li l-miżuri taħt investigazzjoni ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat, l-awtoritajiet Taljani ma ressqu ebda raġuni dwar il-kompatibbiltà tagħhom.
- (219) Għalhekk, il-Kummissjoni se tivaluta fuq inizjattiva tagħha stess jekk il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat mogħtija lil Ilva, jiġifieri l-miżuri 3 u 5, jistgħux jiġu ddikjarati kompatibbli mas-suq intern taħt xi waħda minn dawn il-bażiġiet legali possibbli.
- (220) Il-Kummissjoni tosserva li d-derogi fl-Artikolu 107(2) tat-TFUE huma b'mod ċar inapplikabbi. Mid-derogi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-punti (a) u (c) biss jistgħu jkunu utli. Il-punt (a) jipprovd li għajnuna biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku ta' żoni fejn il-livell tal-għajxien ikun baxx b'mod anormali jew fejn ikun hemm nuqqas serju ta' xogħol tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern. Il-punt (c) jistipula li għajnuna maħsuba sabiex tiffäċċila l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixxilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni, tista' titqies kompatibbli mas-suq intern.
- (221) Rigward il-punt (a) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE, impriżzi attivi fis-settur tal-azzar, bħal Ilva, mhumiex eliġibbli għal għajnuna reġjonali skont il-punt 9 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat reġjonali (⁸⁴). Għalhekk, din il-bażiġiet legali ma tistax tiġi applikata għall-miżuri taħt investigazzjoni.
- (222) Fir-rigward tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE, il-Kummissjoni ma tistax tara qafas jew linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 107(3) li jistgħu japplikaw għall-miżuri taħt valutazzjoni. B'mod partikolari, impriżzi attivi fis-settur tal-azzar, bħal Ilva, mhumiex eliġibbli għal għajnuna ta' salvataġġ u ristrutturar skont il-punt 18 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżzi mhux finanzjarji f'diffikultà (⁸⁵). Ġaladarrba tikkwalifika bħala impriżza f'diffikultà skont il-punt 20(c) tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżzi mhux finanzjarji f'diffikultà, Ilva mhijiex eliġibbli wkoll għal għajnuna ambjentali skont il-punt 16 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġja (⁸⁶).
- (223) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri ta' għajnuna mill-Istat li ngħataw lil Ilva huma inkompatibbli mas-suq intern.

5.5. Il-kompatibbiltà tal-miżuri ta' għajnuna mas-suq intern

- (224) Skont it-TFUE u l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-Kummissjoni ssib li l-għajnuna hija inkompatibbli mas-suq intern, hija kompetenti sabiex tiddeċċiedi li l-Istat Membru kkonċernat jabolixxiha jew ibiddilha (⁸⁷). Il-Qorti sostniet ukoll b'mod konsistenti li l-obbligu fuq Stat Membru li jabolixxi għajnuna li l-Kummissjoni tqisha inkompatibbli mas-suq intern huwa mfassal biex jistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni kif kienet teżisti qabel (⁸⁸).
- (225) F'dan il-kuntest, il-Qorti stabbilixxet li dan l-għan jintlaħaq ladarba l-benefiċjarju ikun ħallas lura l-ammonti mogħtija bħala għajnuna illegali, b'hekk jitlef il-vantaġġ li jkun ibbenefika minnu fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq, u tkun ġiet restawrata s-sitwazzjoni ta' qabel il-ħlas tal-għajnuna (⁸⁹).

(⁸⁴) ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1.

(⁸⁵) ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1.

(⁸⁶) Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġja 2014-2020 (ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1).

(⁸⁷) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 1973, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-70/72, ECLI:EU:C:1973:87, il-paragrafu 13.

(⁸⁸) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Settembru 1994, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-278/92, C-279/92 u C-280/92, ECLI:EU:C:1994:325, il-paragrafu 75.

(⁸⁹) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Ġunju 1999, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-75/97, ECLI:EU:C:1999:311, il-paragrafi 64 u 65.

- (226) Skont il-ġurisprudenza, l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589⁽⁹⁰⁾ jistipula li: "Fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi fkażżejjiet ta' ġħajnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-ġħajnuna mill-benefiċjarju".
- (227) B'hekk, peress li l-miżuri inkwistjoni ġew implimentati bi ksur tal-Artikolu 108 tat-Trattat, u għandhom jitqiesu bħala ġħajnuna illegali u inkompatibbli, dawn iridu jiġu rkuprati sabiex tīgi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq qabel l-għoti tagħhom. L-irkupru għandu jkopri ż-żmien minn meta seħħ il-vantaġġ għall-benefiċjarju, jiġifieri meta l-ġħajnuna tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju, sal-irkupru effettiv tagħha u s-somom li għandhom jiġi rkuprati għandu jkollhom imgħax sal-irkupru effettiv.
- (228) Abbażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq fit-taqsimiet 5.2.3 u 5.2.5, l-element ta' ġħajnuna li jinsab fil-miżuri 3 u 5 għandu jiġi rkuprat kif ġej:
- (a) Għall-miżura 3, id-differenza bejn (i) ir-rata tal-imħax ikkalkulata kif spjegat fil-premess 190 applikata għall-prinċipali tas-self u (ii) l-ispiżza finanzjarja totali tas-self garantit ikkalkulata bħala s-somma tar-rata tal-imħax applikata mill-banek għall-prinċipali tas-self u l-primjum tal-garanzija applikat mill-Istat, ikkalkulati u mitlubin għall-perjodu li matulu l-ammonti saru disponibbli għal Ilva.
 - (b) Għall-miżura 5, id-differenza bejn (i) ir-rata tal-imħax ikkalkulata kif spjegat fil-premess 213 applikata għall-prinċipali tas-self u (ii) ir-rata tal-imħax attwali imposta fuq Ilva, ikkalkulata u mitluba għall-perjodu li matulu l-ammonti saru disponibbli għal Ilva.
- (229) Skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stipulat fl-Artikolu 4(3) tat-TFUE, l-Italja għandha tipprovi lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni l-ammont eż-żatt tal-ġħajnuna mogħtija lil Ilva, billi tqis, b'mod partikolari, l-ġħajnuna fil-forma ta' self, id-dati attwali tal-pagamenti jew tar-ripagamenti kif ukoll iċ-ċirkostanzi rilevanti l-oħra kollha rrappurtati mill-Italja. F'kull każ, l-ammonti li għandhom jiġi rkuprati għandhom jinkludu l-imħax dovut sakemm isir l-irkupru.
- (230) Fi żmien l-istess skadenza ta' xahrejn, l-Italja għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar it-tnejħiha ta' vantaġġi ekonomiċi futuri li jirriżultaw mill-miżuri 3 u 5. Għal dan il-għan, l-Italja għandha tiżgura li l-ispejjeż tal-finanzjament u r-rati tal-imħax totali rilevanti tal-anqas jaqblu, rispettivament, mar-rati tal-imħax immexxija mis-suq imsemmija fil-premess 190 u 213. Kull ammont li jkun sar disponibbli sakemm l-aġġustament tar-rati tal-imħax jibqa' ġħajnuna inkompatibbli mas-suq intern u bħala tali soġġett għall-irkupru, flimkien mal-imħax tal-irkupru akkumulat sad-data tal-irkupru.

6. KONKLUŻJONI

- (231) Il-Kummissjoni ssib li l-Italja implementat illegalment il-miżuri 3 u 5 imsemmija fis-sezzjonijiet 2.2.3 u 2.2.5 ta' din id-Deċiżjoni, bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.
- (232) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-element ta' ġħajnuna taħt il-miżuri 3 u 5 huwa inkompatibbli mas-suq intern u għandu jiġi rkuprat mingħand il-benefiċjarju, Ilva, flimkien mal-imħax tal-irkupru.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Il-miżuri li ġejjin, li huma s-suġġett ta' din id-Deċiżjoni, ma jikkostitwixxu ebda ġħajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea:

- (a) It-trasferiment tal-assi fl-ammont ta' EUR 1,1 biljun maqbuda matul il-proċessi kriminali kontra s-sidien preċedenti ta' Ilva implementat bil-ftehim privat ta' soluzzjoni milħuq ma' Ilva;
- (b) Id-Digriet Amministrattiv Nru 101/2013 tal-11 ta' Awwissu 2014 u l-Artikolu 12 tiegħu, paragrafu 5, dwar krediti prededuċċibili kif applikat għal self privat ta' EUR 250 miljun;
- (c) Il-ftehim ta' soluzzjoni li jirrigwarda l-ammont ta' EUR 156 miljun milħuq bejn Fintecna u Ilva fil-5 ta' Marzu 2015 abbażi tad-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015 tal-4 ta' Marzu 2015.

⁽⁹⁰⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠUL 248, 24.9.2015, p. 9).

Artikolu 2

Il-miżuri l-oħra li huma s-suġġett ta' din id-Deċiżjoni, u implimentati illegalment mill-Italja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jikkostitwixxu ġħajnuna mill-Istat li hija inkompatibbli mas-suq intern:

- (a) L-ġhoti lil Ilva, bid-Digriet Ministerjali tat-30 ta' April 2015 skont id-Digriet Amministrattiv Nru 1/2015, tal-garanzija tal-Istat fuq self ta' EUR 400 miljun;
- (b) L-ġhoti lil Ilva, bid-Digriet Ministerjali tal-15 ta' Diċembru 2015 skont id-Digriet Amministrattiv Nru 191/2015, ta' self mill-Istat ta' EUR 300 miljun;

Artikolu 3

1. L-Italja trid tirkupra l-ġħajjnuna inkompatibbli mogħtija bil-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 mill-benefiċjarju.
2. Is-somom li jridu jiġu rkuprati għandhom iż-iġorru l-imgħax mid-data li fiha tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sal-irkupru effettiv tagħhom.
3. L-imgħax għandu jiġi kkalkolat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ^(¹) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 ^(²) li jemenda Regolament (KE) Nru 794/2004.
4. L-Italja għandha taġġusta l-pagamenti pendent i-kollha ta' l-ġħajjnuna taħt il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 għat-termini mmexxija mis-suq stabbiliti fil-premessi 190 u 213 ta' din id-Deċiżjoni, fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

1. L-irkupru tal-ġħajjnuna mogħtija taħt il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 għandu jsir minnufih u b'mod effettiv.
2. L-Italja għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implementata fi żmien erba' xħur mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

1. Fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, l-Italja għandha tagħti l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ppjanati biex tikkonforma ma' din id-Deċiżjoni;
 - (b) dokumenti li juru li l-benefiċjarju ġie ordnat iħallas lura l-ġħajjnuna;
 - (c) dokumenti li juru li l-aġġustamenti msemmija fl-Artikolu 3(4) ta' din id-Deċiżjoni ġew implementati.
2. L-Italja għandha żżomm lill-Kummissjoni informata bil-progress tal-miżuri nazzjonali li ttieħdu sabiex tiġi implementata din id-Deċiżjoni sakemm tiġi rkuprata l-ġħajjnuna kollha mogħtija taħt il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2. Għandha tissottometti minnufih, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu digħi ttieħdu u dawk ippjanati sabiex tkun konformi ma' din id-Deċiżjoni. Għandha tipprovd wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti tal-ġħajjnuna u l-imgħax ta' rkupru digħi rkuprati mingħand il-benefiċjarju.

^(¹) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jistabblīxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

^(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1).

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2017.

*Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni*

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1499

tat-8 ta' Ottubru 2018

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2018/954 li tistabbilixxi ċertu miżuri protettivi kontra t-tixrid tal-pesta tal-annimali ruminanti żgħar fil-Bulgarja

(notifikata bid-dokument C(2018) 6662)

(It-test bil-Bulgaru biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zooteenku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

- (1) Il-pesta tal-annimali ruminanti żgħar hija marda viral kiefra tal-annimali ruminanti żgħar, jiġifieri n-nagħha u l-mogħoż, li tīġi trażmessha primarjament permezz tal-kuntatt dirett. Il-morbidità u l-mortalità li tikkawża l-pesta tal-annimali ruminanti żgħar jafu jkunu għoljin ħafna, b'mod speċjali f'żoni fejn din il-pesta tkun qed isseħħ għall-ewwel darba, u dan jista' jkollu impatt ekonomiku serju fuq is-settur agricolu. Il-pesta tal-annimali ruminanti żgħar ma' titteħid ix-mill-bnedmin. Il-pesta tal-annimali ruminanti żgħar hija endemika fħafna pajjiżi fl-Afrika, fil-Lvant Nofsani u fl-Asja, u tikkawża tħassib serju dwar is-saħħa u l-bennessri tal-annimali.
- (2) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE (³) tistabbilixxi miżuri ġenerali għall-kontroll ta' ċertu mard tal-annimali, fost l-oħra, il-pesta tal-annimali ruminanti żgħar. Dawn il-miżuri jinkludu azzjonijiet li jridu jittieħdu fkaż li jkun hemm suspett u konferma tal-pesta tal-annimali ruminanti żgħar f'fazjenda. Dawn il-miżuri ta' kontroll jinkludu l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u sorveljanza madwar it-tifqigħat, u miżuri addizzjonali oħrajn biex jiġi kkontrollat it-tixrid tal-marda.
- (3) Fit-23 ta' Ġunju 2018, il-Bulgarja bagħtet notifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra biex tgħarraf li feġġet tifqigħa tal-pesta tal-annimali ruminanti żgħar, fi 3 azjendi tal-annimali ruminanti żgħar, fejn l-annimali minn dawk l-azjendi jirgħu flimkien fil-municipipju ta' Bolyarovo, fir-reġjun ta' Yambol fil-Bulgarja. It-tieni tifqigħa għiet innotifikata fit-28 ta' Ġunju 2018, fir-reġjun ta' Burgas.
- (4) Il-Bulgarja ħadet il-miżuri ta' kontroll previsti fid-Direttiva 92/119/KEE, u b'mod partikolari "l-qerda" tal-merħliet infetti u l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u sorveljanza madwar it-tifqigħat, kif previst f'dik id-Direttiva. Is-sorveljanza żidied ukoll fil-muniċipalitajiet qrib iż-żoni affettwati u fil-muniċipalitajiet li jinsabu tul il-fruntiera tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi li mhumiex ħielsa mill-pesta tal-annimali ruminanti żgħar.
- (5) Sabiex il-marda ma tinxteridx lejn partijiet oħra tal-Bulgarja, lejn Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, il-Kummissjoni sussegwentement ħadet miżuri addizzjonali permezz tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/954 (⁴) li tipprovdi għal miżuri protettivi addizzjonali u li tipprobixxi l-kunsinna ta' ruminanti żgħar u t-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti li ġejjin minn ruminanti żgħar mill-muniċipalitajiet ta' Bolyarovo u Elhovo fir-reġjun ta' Yambol u mill-muniċipalitajiet ta' Sredets, Sozopol, Primorsko, Malko Tarnovo u Tsarevo fir-reġjun ta' Burgas.
- (6) Mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2018/954, il-Bulgarja nnotifikat lill-Kummissjoni dwar ħames tifqigħat ġodda tal-pesta tal-annimali ruminanti żgħar, kollha fiż-żoni ristretti tar-reġjun ta' Yambol, fil-Bulgarja stess.

(¹) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.

(²) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.

(³) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tintroduċi miżuri ġenerali Komunitarji għall-kontroll ta' ċertu mard tal-annimali u l-miżuri spċċi li għandhom x'jaqsma mal-marda vəxxikolari tal-ħnieżer (ĠU L 62, 15.3.1993, p. 69).

(⁴) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/954 tal-4 ta' Luju 2018 li tistabbilixxi ċertu miżuri protettivi kontra t-tixrid tal-pesta tal-annimali ruminanti żgħar fil-Bulgarja (ĠU L 168, 5.7.2018, p. 7).

- (7) Fit-18 ta' Settembru 2018, il-Bulgarija nnotifikat lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra bir-riżultati ta' sorveljanza seroloġika mwettqa madwar it-tifqihat tal-pesta tal-annimali ruminanti żgħar ikkonfermati preċedentement. Skont ir-riżultati ta' din is-sorveljanza, ġew identifikati annimali b'antikorpi kontra l-virus tal-pesta tal-annimali ruminanti żgħar fajjend li jinsabu fiż-żoni li digħi ġew ristretti, mingħajr rapporti ta' manifestazzjonijiet kliniċi tal-marda. Numru minn dawn l-azjendi jinsabu viċin ħafna tal-fruntiera bejn dawn iż-żoni ristretti u l-bqja tat-territorju Bulgaru, fejn l-ebda tifqigħa tal-pesta tal-annimali ruminanti żgħar ma ġiet irrappurtata sal-ġurnata tal-lum.
- (8) Bħala riżultat tal-post fejn instabu l-annimali seropożittivi u n-nuqqas ta' manifestazzjonijiet kliniċi, jeħtieġ li titkabbar iż-żona fejn japplikaw il-miżuri protettivi addizzjonali għall-pesta tal-annimali ruminanti żgħar u li jiġu implimentati miżuri protettivi addizzjonali fi ħdan din iż-żona l-ġdida li jipprob bixxu l-kunsinna ta' ruminanti żgħar u ċerti prodotti li ġejjin minn ruminanti żgħar, sabiex jipprevvjenu kwalunkwe tixrid possibbli tal-pesta tal-annimali ruminanti żgħar. Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2018/954 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2018/954, jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:

“Artikolu 3a

1. Il-Bulgarija għandha tipprob bixxi li jintbagħtu l-komoditajiet li ġejjin fiż-żoni elenkti fl-Anness:
 - (a) annimali ruminanti żgħar;
 - (b) is-semen, l-ova u l-embrijuni ta' annimali ruminanti żgħar.
2. Bħala deroga mill-projbizzjoni prevista fil-punt (1) ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-movimenti ta' ruminanti żgħar għal destinazzjoni li tinsab fiż-żoni elenkti fl-Anness, sakemm l-azjenda ta' oriġini ma tkunx suġġetta għal kwalunkwe waħda mir-restrizzjonijiet previsti fid-Direttiva 92/119/KEE fir-rigward tal-pesta tal-annimali ruminanti żgħar u sakemm ir-ruminanti żgħar ikunu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) Ir-ruminanti żgħar kollha fl-azjenda ta' oriġini ġew klinikament iċċekkjati fil-jum tal-kunsinna u ma wrew l-ebda sintomu kliniku tal-pesta tal-annimali ruminanti żgħar;
 - (b) Ir-ruminanti żgħar jintbagħtu direttament lejn biċċerija magħżula mill-awtorità kompetenti li tinsab fiż-żoni elenkti fl-Anness, sabiex jinqatlu immeddatament;
 - (c) Ir-ruminanti żgħar ġew suġġetti għal test dijanostiku għas-sejba ta' antikorpi kontra l-pesta tal-annimali ruminanti żgħar, b'rīżultati negattivi, mhux aktar minn 7 ijiem qabel id-data tal-kunsinna;
 - (d) Stħarriġ seroloġiku twettaq fl-azjenda ta' oriġini, mhux aktar minn 14-il jum qabel id-data tal-kunsinna, li kien jinvvoli kampjunar ta' numru suffiċċenti ta' annimali ruminanti żgħar sabiex jidentifika tal-inqas seroprevalenza ta' 5 % b'livell ta' fiduċja ta' 95 %, b'rīżultati negattivi;"

Artikolu 2

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2018/954 qed jinbidel bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni*

ANNESS

Il-provinċji li ġejjin fil-Bulgarija:

- il-provinċja ta' Yambol,
 - il-provinċja ta' Burgas,
 - il-provinċja ta' Haskovo.
-

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgo
IL-LUSSEMBURGU

MT